



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2012
COM(2012) 600 finali

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

L-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2012-2013

{SWD(2012) 331 final}
{SWD(2012) 332 final}
{SWD(2012) 333 final}
{SWD(2012) 334 final}
{SWD(2012) 335 final}
{SWD(2012) 336 final}
{SWD(2012) 337 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-Istrateġija tat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2012-2013

1. DAĦLA

Il-politika tat-tkabbir tal-UE ilha tiġi segwita għal iktar minn 40 sena. Adeżjoni wara l-oħra rat l-għadd ta' membri jiżdied gradwalment mis-sitta oriġinali għal 27. Il-Kroazja għandha ssir it-28 membru fl-1 ta' Lulju 2013. Sa mill-bidu tagħha, l-UE, permezz tal-politika tat-tkabbir, wiegħbet għall-aspirazzjoni leġittima tal-popli tal-kontinent tagħna biex ikunu magħquda fi sforz Ewropew komuni. Dan qarre in-nazzjonijiet u l-kulturi lejn xulxin, biex b'hekk l-UE stagħniet b'infużjoni ta' diversità u dinamiżmu. Iktar minn tliet kwarti tal-Istati Membri tal-UE kienu pajjiżi tat-"tkabbir".

Fi żmien meta l-UE qed tiffaċċja sfidi kbar u inċertezza globali sinifikanti u qed tikseb *momentum* għid għal integrazzjoni ekonomika, finanzjarja u politika, il-politika tat-tkabbir qed tkompli tagħti kontribut għall-paċi, is-sigurtà u l-prosperità lill-kontinent tagħna. Fil-qafas ta' kundizzjonalità stretta iżda ġusta, il-prospett ta' adeżjoni qed isurq riformi politiċi u ekonomiċi, biex b'hekk jitransforma s-soċjetajiet u jgħolq opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini u għall-impriżi. Fl-istess waqt, it-tkabbir jirrinforza l-qawwa politika u ekonomika tal-Unjoni. Billi assumiet rwol ta' tmexxija permezz tal-politika tagħha ta' tkabbir, l-UE tista' taħsad il-benefiċċji ta' kontinent iktar b'saħħtu u iktar magħqud, biex b'hekk turi l-kapaċità kontinwata tagħha bħala attur globali.

L-aktar tkabbir reċenti biex jiġu inklużi l-pajjiżi tal-Ewropea Ċentrali u tal-Lvant mhux biss għaqqad il-Lvant u l-Punent wara deċennji ta' separazzjoni artifiċjali. Huwa pprova benefiċċji reċiproċi ta' integrazzjoni kummerċjali iktar fil-fond, suq intern ikbar, ekonomiji ta' skala u kabbar l-investiment u l-opportunitajiet għax-xogħol. Mill-bidu tan-negozjati sal-adeżjoni nfisha, l-esportazzjonijiet mill-UE lejn il-pajjiżi tal-adeżjoni kibru b'iktar minn tliet darbiet. Huwa stmat li terz tat-tkabbir tal-pajjiżi aderenti li kien diġà għoli fl-istess perjodu kien effett tat-tkabbir.

Ċentrali għall-proċess tat-tkabbir hemm it-tiżiż tal-istat tad-dritt u l-governanza demokratika. It-tagħlimiet mit-tkabbir preċedenti jenfasizzaw l-importanza ta' iżjed attenzjoni fuq dawn l-oqsma u ta' titjib ulterjuri fil-kwalità tal-proċess. Dan jirfed u jkompli jippromwovi l-istabbiltà f'reġjun li reċentement kien sfreġjat bil-kunflitt u jsostni l-ħolqien ta' ambjent fix-Xlokk tal-Ewropa li jwassal għal tkabbir u l-attrazzjoni tal-investiment, żieda fil-koperazzjoni reġjonali u l-indirizzar ta' sfidi komuni bħall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni. Il-proċess jindirizza wkoll kwistjonijiet ta' tħassib dirett għaċ-ċittadini, bħall-ġustizzja, is-sigurtà u d-drittijiet fundamentali, kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi tat-tkabbir. Permezz tal-approvazzjoni tal-Kunsill f'Ġunju għal approċċ għid propost mill-Kummissjoni lejn il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà bħala parti mill-qafas għan-negozjati mal-Montenegro, l-istat tad-dritt ġie ankrat b'mod sod fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni, u b'hekk stabbilixxa l-pedament għal negozjati futuri.

Id-diffikultajiet attwali fiż-*Żona Euro* ddominaw l-aġenda politika tal-UE matul l-aħħar sena. Flimkien mal-kriżi globali reċenti dan xeħet dawl fuq l-interdipendenza tal-ekonomiji

nazzjonali kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha. L-isfidi li qed tiffaċċja ż-Żona tal-Euro jenfasizzaw l-importanza li nkomplu nsaħħu l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja u ninkoraġġixxu r-riformi u t-tkabbir, anki fil-pajjiżi tat-tkabbir. L-integrazzjoni ekonomika, finanzjarja u politika msaħħa li tirriżulta minn dan fl-UE se jkollha tiġi kkunsidrata wkoll fil-proċess ta' tkabbir. It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiżi tat-tkabbir għall-kriżi hija kwistjoni ta' interess komuni. Il-proċess tat-tkabbir huwa għodda b'saħħitha lejn dan il-għan. UE iktar b'saħħitha u akbar se tkun f'qagħda aħjar biex tindirizza dawn l-isfidi. Id-dinamiżmu tal-ekonomija Torka pereżempju, ir-rwol ġeopolitiku tat-Turkija, il-kontribut tagħha għas-sigurtà fl-enerġija u l-popolazzjoni żagħżuġha li għandha jirrappreżentaw opportunità kemm għat-Turkija kif ukoll għall-UE f'kuntest ta' perspettiva ta' adeżjoni.

Huwa ċar li għandna interess komuni li nindirizzaw ir-riskji ta' instabbiltà fil-Balkani tal-Punent, meta wieħed jikkunsidra x'wiredan ir-reġjun mill-gwerra u l-firda li fnietu. Il-proċess tat-tkabbir isostni lil dawk li jappoġġaw r-riforma fir-reġjun, u b'hekk qed ikompli jsejjes it-transizzjoni demokratika tiegħu ta' wara l-gwerra. Huwa jgħin biex jiġu evitati prezzijiet potenzjalment haġna oġġha fl-indirizzar tal-konsegwenzi tal-instabbiltà. It-tisħiħ tal-istabbiltà u d-demokrazija fix-Xlokk tal-Ewropa huwa wkoll investiment f'demokrazija profonda u sostenibbli fil-viċinat usa' tal-UE. It-tiġdid tal-kunsens dwar it-tkabbir, miftiehem mill-Kunsill Ewropew, għadu l-bażi għall-politika tat-tkabbir tal-UE. Din il-politika hija bbażata fuq il-prinċipji ta' konsolidazzjoni tal-impenji, kundizzjonalità ġusta u rigoruża u komunikazzjoni tajba mal-pubbliku, flimkien mal-kapaċità tal-UE li tintegra membri ġodda. L-aġenda attwali tat-tkabbir tkopri l-Balkani tal-Punent, it-Turkija u l-Islanda. L-UE konsistentement ipproklamat l-inklussività tal-politika tagħha lejn il-Balkani tal-Punent, b'Kunsill Ewropew wara l-ieħor jikkonferma li l-futur tar-reġjun kollu jinsab fl-UE. Il-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għadu l-qafas komuni għat-tħejjijiet neċessarji.

Iż-żamma tal-kredibbiltà tal-proċess tat-tkabbir hija kruċjali għas-suċċess tagħha. Dan ifisser li jkun żgurat li l-pajjiżi tat-tkabbir iwettqu riformi wiesa' sabiex jissodisfaw il-kriterji stabbiliti, b'mod partikolari l-kriterji ta' Kopenhagen. Dan japplika wkoll f'li jiġi żgurat l-appoġġ tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħhom. Huwa importanti li jiġi nkoraġġit l-għarfien u d-dibattitu informat dwar l-impatt tal-politika tat-tkabbir, l-aktar fi żmien meta l-UE qed tiffaċċja sfidi kbar. F'dan il-kuntest il-prinċipju ta' mertu proprju huwa kruċjali. Il-pass li bih pajjiż javvanza lejn is-sħubija jiddependi mill-prestazzjoni tiegħu biex jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa. It-tkabbir huwa għalhekk min-natura tiegħu proċess gradwali, ibbażat fuq l-implimentazzjoni solida u sostenibbli ta' riformi mill-pajjiżi kkonċernati. L-approċċ il-ġdid għan-negożjati fil-qasam tal-istat tad-dritt jintroduċi l-ħtieġa li jiġu żviluppati rekords tajbin ta' implimentazzjoni matul il-proċess kollu tan-negożjati. Ir-riformi jeħtieġ li jkunu msejsa sew, bil-għan li jkunu irriversibbli.

L-adeżjoni imminenti tal-Kroazja, il-bidu tan-negożjati tal-adeżjoni mal-Montenegro f'Ġunju u l-*istatus* ta' pajjiż kandidat għas-Serbja f'Marzu juru li l-UE tagħti riżultati fuq l-impenji tagħha ladarba l-kundizzjonijiet jintlaħqu. Dawn l-iżviluppi pożittivi jibagħtu wkoll messaġġ qawwi tas-saħħa trasformattiva tat-tkabbir u dak li hu possibbli f'żona fejn sa nofs ġenerazzjoni ilu kienet mifruda bil-gwerra. Huma jservu ta' incēntiv u inkoraġġiment għall-pajjiżi kollha fir-reġjun biex jintensifikaw it-tħejjijiet tagħhom għal sħubija eventwali mal-UE.

Kien hemm għadd ta' żviluppi pożittivi fil-pajjiżi tat-tkabbir matul din l-aħħar sena. Minbarra dawk li jirrigwardaw il-Kroazja, il-Montenegro u s-Serbja, f'dik lil kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, inkisbu riżultati pożittivi fejn id-Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Adeżjoni wassal biex l-awtoritajiet jiffukaw iktar fuq ir-riformi. Id-djalogu bejn il-gvern u l-

oppożizzjoni fl-Albanija ppermetta li l-impass politiku ġeneralment jintgħeleb bl-adozzjoni ta' riformi elettorali u parlamentari. In-negożjati ta' adeżjoni mal-Islanda qed jagħmlu progress tajjeb. It-Turkija wriet appoġġ attiv għall-aġenda pożittiva l-ġdida mħabbra s-sena l-oħra u mnedija mill-Kummissjoni f'Mejju 2012.

Fl-istess waqt, fil-parti l-kbira tal-pajjiżi għad hemm riformi pendent. Id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kapaċità amministrattiva, il-qgħad, ir-riforma ekonomika u l-inklużjoni soċjali għadhom sfidi ewlenin. Spiss ikun hemm hteġġa li tittieħed iktar responsabbiltà għar-riformi u li wieħed isib ir-rieda politika meħtieġa biex jimxi 'l quddiem. It-tisħiħ tal-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-midja għadhom sfida importanti. Xi drabi kwistjonijiet bilaterali għadu qed ikollhom impatt negattiv fuq il-proċess ta' adeżjoni.

Il-proċess ta' tkabbir huwa min-natura tiegħu inklużiv u jeħtieġ parteċipazzjoni wiesgħa mill-partijiet interessati. Fil-pajjiżi ta' tkabbir, kunsens politiku wiesa' u appoġġ mill-popolazzjoni għar-riformi jagħtu kontribut sinifikanti għat-trasformazzjoni meħtieġa għall-progress fil-perkors lejn l-UE.

Din il-Komunikazzjoni tevalwa l-istat attwali tal-aġenda tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea. Abbażi tal-analiżi dettaljata tal-pajjiż li takkumpanja¹, il-Komunikazzjoni teżamina x'kisbu dawn il-pajjiżi fit-tnejn għas-sħubija, fejn jinsabu llum, tevalwa l-prospetti tagħhom għas-snin li ġejjin u f'dan ir-rigward tagħmel għadd ta' rakkomandazzjonijiet. Bħal fis-snin ta' qabel, attenzjoni partikolari tingħata lil għadd ta' sfidi ewlenin, bħall-appoġġ li tpprovdli l-UE lill-pajjiżi tat-tkabbir, inkluż permwezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.

2. SFIDI EWLENIN

2.1. *Inpoġġu l-istat tad-dritt fil-qalba tal-politika tat-tkabbir*

L-esperjenza tat-tkabbir reċenti u l-isfidi li ffaċċjaw il-pajjiżi tat-tkabbir jenfasizzaw l-importanza li l-istat tad-dritt jitqiegħed iktar fil-qalba tal-politika tat-tkabbir. Fid-dokument ta' strateġija tas-sena l-oħra kien propost approċċ ġdid għan-negożjati fil-qasam tal-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u dwar il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà u dan ġie approvat mill-Kunsill. Dan l-approċċ issa ġie rifless f'qafas ta' negożjar adottat f'Ġunju 2012 għan-negożjati mal-Montenegro, li ankra b'mod sod l-istat tad-dritt fil-qalba tal-proċess ta' adeżjoni, u b'hekk stabbilixxa l-pedament għal negożjati futuri

Fl-istadji kollha tal-proċess ta' adeżjoni, il-pajjiżi li jaspiraw li jingħaqdu mal-Unjoni jridu juru l-kapaċità tagħhom li jsaħħu t-tweqqif fil-prattika tal-valuri li hija bbażata fuqhom l-Unjoni. Huma jridu jistabbilixxu u jippromwovu minn stadju bikri t-tħaddin kif suppost tal-istituzzjonijiet ewlenin għall-governanza demokratika u l-istat tad-dritt, mill-Parlament nazzjonali sal-Gvern u s-sistema ġudizzjarja, inklużi l-qrati u l-prosekutur pubbiku, u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi.

Hemm għadd ta' sfidi importanti li l-maġġoranza tal-pajjiżi tat-tkabbir qed jiffaċċaw f'dawn l-oqsma:

¹ Is-sommarji u l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-pajjiżi huma inklużi bħala anness ma' din il-Komunikazzjoni.

Rigward is-sistema ġudizzjarja, il-pajjiżi jeħtieġ jiżguraw li din tkun indipendenti, imparzjali u responsabbli u kapaċi tiżgura proċessi ġusti. Il-pajjiżi jridu jiżguraw ukoll li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom jiffunzjonaw b'mod effiċjenti, mingħajr dewmien eċċessiv tal-proċedimenti. F'dan ir-rigward, l-istrateġiji tar-riforma ġudizzjarja issa jinsabu fis-seħħ fil-parti l-kbira tal-pajjiżi. Sar progress rigward it-tisħiħ tal-indipendenza tal-Kunsilli Ġudizzjarji tal-Istat u f'ċerti każi fil-proċeduri ġodda tal-ħatriet ġudizzjarji. Madankollu, għad baqa' diversi sfidi, b'mod partikolari biex jiġu żgurati proċeduri iktar b'saħħithom għall-ħatra tal-imħallfin u l-prosekuturi, biex jinstab il-bilanċ ġust bejn l-indipendenza u r-responsabbiltà ġudizzjarja, inkluż li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-immunità ġudizzjarja, u t-tnaqqis f'ħafna każi ta' numru eċċessiv ta' kawżi pendenti. L-infurzar ta' sentenzi tal-qorti għadu joffri sfida. Barra mir-riformi leġislattivi u amministrattivi, f'ħafna każi hemm bżonn ta' bidla fil-kultura ġudizzjarja favur iktar attenzjoni lejn it-twassil ta' servizz liċ-ċittadini.

Il-korruzzjoni għadha prevalenti fil-maġġoranza tal-pajjiżi tat-tkabbir. Il-korruzzjoni ddgħajef l-istat tad-dritt, għandha impatt negattiv fuq l-ambjent tan-negozju u fuq il-baġits nazzjonali kif ukoll taffettwa l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini f'oqsma bħas-servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni. It-tixrid tal-korruzzjoni jippermetti l-infiltrazzjoni tal-gruppi kriminali organizzati fis-settur pubbliku u privat. Il-pajjiżi għandhom bżonn jiżguraw qafas b'saħħtu għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, b'mod partikolari f'dik li hija trasparenza akbar fil-korpi pubbliċi u fl-użu tal-fondi pubbliċi. Il-korpi tal-infurzar tal-liġi jeħtieġ ikunu proattivi, kordinati tajjeb u effettivi sabiex jiżguraw li każi ta' korruzzjoni, inklużi dawk f'livell għoli, jiġu investigati, imħarrka u penalizzati. F'ħafna pajjiżi tat-tkabbir jeħtieġ isiru aktar sforzi rigward il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanji elettorali, il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, it-trasparenza fl-appalt pubbliku, l-aċċess għall-informazzjoni u s-sekwestru u l-konfiska tal-assi. F'ċerti każi twaqqfu servizzi speċjalizzati tal-prosekuzzjoni, u qed jiffunzjonaw tajjeb. Għad baqa' ħafna xogħol xi jsir biex jinbnew ir-rekords tajba meħtieġ. Hemm bżonn li tinbena statistika affidabbli biex tgħin il-monitoraġġ tas-suċċess tal-politiki ta' kontra l-korruzzjoni.

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata għadha prijorità ewlenija u tirrappreżenta problema importanti fil-parti l-kbira tal-pajjiżi tat-tkabbir. In-natura transkonfinali ta' ħafna attivitajiet kriminali teħtieġ koperazzjoni b'saħħitha bejn il-korpi tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji fir-reġjun, mal-Istati Membri tal-UE u internazzjonalment. Il-korpi tal-infurzar tal-liġi jrid ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom għodda legali u investigattivi effettivi biex jiġġieldu u jippenalizzaw kif xieraq il-kriminalità organizzata. B'mod partikolari, trid titjieb il-kapaċità tagħhom li jmexxu investigazzjonijiet finanzjarji. Qed isir progress, iżda fil-parti l-kbira tal-pajjiżi għad irid isir ħafna iktar biex jiġu żgurati investigazzjonijiet proattivi, segwitu ġudizzjarju effettiv u koperazzjoni nazzjonali u internazzjonali msaħħa. Il-Kummissjoni qed tkompli tappoġġa n-netwerk reġjonali tal-prosekuturi li se jkunu assistiti minn esperti ssekondati mill-Istati Membri. Hemm bżonn ta' iktar koperazzjoni operattiva mal-aġenziji Ewropej rilevanti, b'mod partikolari l-Europol.

Ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika qed tkompli tkun prijorità ewlenija fil-kriterji politiċi fil-maġġoranza tal-pajjiżi tat-tkabbir. Bħala parti essenzjali mill-governanza demokratika u l-istat tad-dritt, hija għandha l-għan li ssaħħaħ it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-effettività u tkabbar l-attenzjoni fuq il-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tal-impriżi. Ta' importanza fundamentali għall-funzjonament tal-Istat u għall-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa għall-integrazzjoni fl-UE huwa li jkun hemm proċeduri amministrattivi adegwati, inklużi r-riżorsi umani u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi inkluż il-ġbir tat-taxxi u sistemi affidabbli u indipendenti rigward l-istatistika. Il-pajjiżi jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom biex itejjbu l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom f'kull livell abbażi tal-istrateġiji globali nazzjonali. Billi tgħaraf l-isfidi li

qed jiffaċċjaw il-pajjiżi tat-tkabbir, il-Kummissjoni se ssaħħa il-kapaċità tagħha ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, tidentifika diskrepanzi importanti u tipprovdi għajnuna fl-ippjanar, fl-iffissar tal-prijoritajiet u fl-implimentazzjoni tar-riformi.

Id-drittijiet ċivili, politiċi u ekonomiċi, kif ukoll id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għall-minoranzi huma kwistjonijiet prinċipali fil-maġġoranza tal-pajjiżi tat-tkabbir. Dawn id-drittijiet *fundamentali* huma ġeneralment iggarantiti mil-liġi iżda kwistjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tagħhom għadhom jippersistu f'ħafna każi. F'xi każi għad baqa diskrepanzi legalizzattivi, pereżempju rigward il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. L-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem bħall-Ombudspersons ħafna drabi jeħtieġu tisħiħ sinifikanti, hekk kif ukoll jeħtieġu l-korpi tal-infurzar tal-liġi li jittrattaw kwistjonijiet bħad-delitti ta' mibegħda u l-vjolenza sessista. Attitudnijiet ġenerali tas-soċjetà lejn gruppi vulnerabbli bħall-minoranzi etniċi u persuni b'diżabbiltajiet u persuni leżbjani, gay, bisesswali u transġeneri għadhom problema komuni.

Il-pajjiżi tat-tkabbir huma kkaratterizzati kollox ma' kollox minn ambjent medjatiku pluralistiku. F'xi pajjiżi sar progress lejn id-dekriminalizzazzjoni tal-libell. Madankollu, f'għadd ta' pajjiżi, il-*libertà tal-espressjoni* għadha ta' tħassib serju, u tinkludi ndħil politiku, pressjoni ekonomika, awtoċensura u mhux biżżejjed protezzjoni għall-ġurnalisti kontra l-intimidazzjoni u saħansitra attakki vjolenti. Fit-Turkija b'mod partikolari, il-qafas legali għadu ma jissalvagwardjax biżżejjed il-libertà tal-espressjoni, filwaqt li l-għadd għoli ta' kawżi legali kontra u investigazzjonijiet kontra l-ġurnalisti u pressjoni eċċessiva fuq il-midja jqajjmu tħassib serju.

Fid-dawl tal-isfidi lil jippersistu f'dan il-qasam, il-Kummissjoni tippjana li fl-ewwel nofs tal-2013 tagħmel segwitu għall-konferenza "Speak Up!" (Tkellem) ta' Mejju 2011. Dan l-avveniment għandu jgħib flimkien lil persuni interessati mill-midja u mis-soċjetà ċivili mill-Balkani tal-Punent u t-Turkija sabiex jiddiskutu safejn il-gvernijiet qed jindirizzaw prijoritajiet ewlenin biex jilhq standards Ewropej fil-libertà tal-espressjoni. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew f'dan il-qasam. Dawn il-kwistjonijiet se jkomplu jingħataw prominenza fil-proċess ta' adegħżjoni.

Minħabba l-isfidi li qed jiġu ffaċċjati u n-natura fit-tul tar-riformi, il-kapitoli dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà se jiġu indirizzati kmieni fin-negożjati sabiex jippermettu ż-żmien massimu biex tiġi stabbilita l-leġislazzjoni, l-istituzzjonijiet, u rekords tajbin ta' implimentazzjoni neċessarji qabel ma jingħalqu n-negożjati. Huma se jinfetħu fuq il-bażi ta' pjani ta' azzjoni li jridu jiġu adottati mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida sostanzjali fir-rapporti tal-eżami analitiku tagħha biex tappoġġa l-iżvilupp ta' dawn il-pjani ta' azzjoni mill-pajjiż kandidat. Innovazzjoni hija l-introduzzjoni ta' parametri referenzjarji *interim* li se jiġi stabbiliti ladarba jinfetħu n-negożjati. Huwa biss meta dawn jiġu ssodisfati li l-Kunsill se jistabbilixxi l-parametri referenzjarji tal-għeluq.

B'hekk, in-negożjati se jitmexxew f'qafas strutturat li jikkunsidra ż-żmien meħtieġ biex ir-riformi jiġu implimentati kif suppost u biex jiġu żviluppati rekords solidi. Il-proċess se jkun akkumpanjat minn salvagwardji u miżuri korrettivi, sabiex jippermettu pereżempju l-aġġornar tal-parametri referenzjali u sabiex ikun żgurat bilanċ ġenerali fil-progress tan-negożjati tul il-kapitoli. L-approċċ il-ġdid jipprevedi wkoll iktar trasparenza u inklussività fin-negożjati u fil-proċess ta' riforma, billi l-kandidati qed jiġu inkuraġġiti jiżviluppaw il-prijoritajiet tagħhom permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti biex jiżguraw l-aktar appoġġ possibbli għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni se tiffoka aktar il-

monitoraġġ tagħha fuq il-progress milħuq f'dawn l-oqsma. Il-fondi tal-IPA se jkomplu jkunu l-mira fis-sostenn tal-implimentazzjoni tar-riformi.

It-tisħiħ tal-istat tad-dritt u tal-amministrazzjoni pubblika, huwa essenzjali biex il-pajjiżi tat-tkabbir joqorbu lejn l-UE u eventwalment jassumu bis-sħiħ l-obbligi tas-sħubija. Sa minn qabel jibdwew in-negożjati tal-adeżjoni, qed tintefa' attenzjoni akbar fuq l-istat tad-dritt fl-ispiritu tal-approċċ il-ġdid. L-eżami analitiku tal-kapitoli ewlenin dwar l-istat tad-dritt ingħata bidu saħansitra qabel bdew in-negożjati ġenerali mal-Montenegro. Il-pajjiżi kandidati l-oħra, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja, ġew mistiedna għas-sessjonijiet ta' eżami analitiku ta' spjegazzjoni. Il-prijoritajiet ewlenin stabbiliti bħala kundizzjonijiet biex jinfetħu n-negożjati tal-adeżjoni mal-Albanija huma ffukati ħafna fuq l-istat tad-dritt. Il-kwistjonijiet dwar l-istat tad-dritt huma ċentrali għal diversi inizjattivi speċifiċi għall-pajjiżi varati mill-Kummissjoni f'din l-aħħar sena lil huma stipulati fit-Taqsima 3 ta' din il-Komunikazzjoni.

2.2. Il-koperazzjoni reġjonali u r-rikonċiljazzjoni fil-Balkani tal-Punent.

Il-koperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet ta' viċinat tajba huma elementi essenzjali għall-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u, bħala tali, huma ssorveljati tajjeb mill-Kummissjoni f'kull stadju tal-proċess tal-adeżjoni. F'din l-aħħar sena nkiseb iktar progress f'dan ir-rispett. Kuntatti bilaterali u multilaterali bejn il-mexxejja u l-politiċi tar-reġjun komplew, anki f'oqsma sensittivi bħad-delitti tal-gwerra, il-fruntieri, ir-ritorn tar-rifuġjati, il-kriminalità organizzata u l-koperazzjoni tal-pulizija, u f'fora reġjonali bħall-Komunità tal-Enerġija, l-Ispazju Komuni Ewropew għall-Avjazzjoni, iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) u l-Iskola Reġjonali tal-Amministrazzjoni Pubblika. Inħatar Segretarju Ġenerali ġdid għall-Kunsill għall-Koperazzjoni Reġjonali (KKR). Il-Kummissjoni tistenna bil-ħerqa li l-KKR ikompli jiżviluppa r-rwol tiegħu fil-koperazzjoni reġjonali bħala pjattaforma għall-promozzjoni ta' kwistjonijiet ta' importanza għar-reġjun kollu kif ukoll il-perspettiva tiegħu tal-UE biex b'hekk il-koperazzjoni reġjonali tiegħu post aktar ċentrali fl-aġenda politika tal-pajjiżi. Il-koperazzjoni reġjonali trid issir tar-reġjuni kif ukoll misjuqa minnhom.

Tilwim relatat ma' kwistjonijiet interetniċi jew dwar *status*, l-aktar fil-Bosnja-Herzegovina u fil-Kosovo², għadhom qed ixekklu l-funzjonament tal-istituzzjonijiet, u jfixklu l-proċess ta' riforma, xi drabi b'implikazzjonijiet reġjonali usa'. L-aħjar mod biex dawn il-pajjiżi jindirizzaw dawn il-problemi huwa billi jsegwu l-perkors tagħhom lejn l-UE. Kwistjonijiet diffiċli relatati mal-etniċità jirnexxielhom jiġu indirizzati permezz ta' djalogu u kompromess, kif tixhed l-implimentazzjoni li tinsab għaddejja tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Id-differenzi rigward l-*istatus* tal-Kosovo komplew ixekklu l-iżvilupp ta' relazzjonijiet aktar fil-fond mal-UE. Il-kwistjoni tal-Kosovo ta' Fuq għadha sfida importanti. Il-progress f'dawn il-kwistjonijiet se jeħtieġ li l-atturi kollha involuti jaħdmu flimkien fi spirtu kostruttiv.

Inkisbu riżultati ġodda fid-*djalogu Belgrad-Pristina* bi ftehimiet fl-oqsma ta' koperazzjoni u rappreżentazzjoni reġjonali u ġestjoni integrata tal-fruntiera/konfini. Il-ftehim tal-aħħar għad irid jiġi implimentat. L-interpretazzjoni tas-Serbja tal-ftehim dwar il-koperazzjoni reġjonali u r-rappreżentazzjoni tal-Kosovo eventwalment ġiet iċċarata u, abbażi tal-implimentazzjoni inizjali, issa ma għandhiex ixxejjel iktar l-inklussività tal-koperazzjoni reġjonali. L-implimentazzjoni ta' ftehimiet oħra fl-oqsma tal-libertà ta' moviment, il-katasti, ir-reġistri

² Din id-deżinjazzjoni hija bla ħsara għall-pożizzjonijiet dwar l-*status*, u hija konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni ta' Indipendenza tal-Kosovo

ċivili, it-timbri doganali u r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi ma kinitx regolari u sa issa l-impatt fil-prattika kien limitat. Hemm bżonn jinkiseb iktar progress f'dan il-proċess b'mod urġenti.

Vuċijiet li jsejħu għar-*rikonċiljazzjoni* qed jirreżonaw iktar fil-fond fost il-popolazzjoni in ġenerali, u b'hekk jistabbilixxu pedamenti iktar b'saħħithom biex jiġu trattati kwistjonijiet ta' x'intwired mill-gwerra bħal delitti tal-gwerra, rifuġjati u tensjonijiet interetniċi. L-inizjattivi tal-NGOs u tas-soċjetà ċivili bħall-Inizjattiva taż-Żgħażaġħ għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kummissjoni għall-Verità u r-Rikonċiljazzjoni (RECOM), u l-Inizjattiva Igman għandhom rwol importanti fit-tisħiħ tar-rikonċiljazzjoni fost iċ-ċittadini tar-reġjun u għandhom jingħataw appoġġ. Madankollu, xorta waħda jkun hemm hteieġa għall-viġilanza fis-snin li ġejjin biex wieħed iħares kontra reazzjonijiet nazzjonalistiċi. Il-gvernijiet u l-mexxejja politiċi b'mod partikolari jridu jagħmlu iktar biex ikattru ambjent lil jwassal biex jiġi indirizzat il-passat. Dawk il-kwistjonijiet li nibtu mill-kunflitti tal-passat, flimkien ma' kwistjonijiet oħra bilaterali għandhom sfidi importanti għall-istabbiltà fil-Balkani tal-Punent u jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod urġenti. Is-soluzzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet se tneħħi impediment kbir għall-perkors tal-Balkani tal-Punent lejn l-UE.

Għal dawk li huma *delitti tal-gwerra* t-tlestija tal-proċess li jagħti l-ġustizzja għal reati li twettqu matul il-gwerer f'dik li kienet il-Jugoslavja hija essenzjali għal rikonċiljazzjoni dejjiema. Komplet il-koperazzjoni mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY). Dan jiġi wara l-passi deċiżivi li ttieħdu qabel mill-pajjiżi tar-reġjun li jipprovdu bażi tajba għall-ICTY biex ikompli ħidmietu, anki jekk xi ġurijiet jistgħu jkomplu lil hinn mid-data ta' tlestija preċedentement indikata ta' Diċembru 2014. Bix-xogħol tal-ICTY jitlesta, il-gvernijiet konċernati għadhom qed jiffaċċjaw sfidi importanti biex jindirizzaw l-impunità għad-delitti tal-gwerra fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom B'rieda politika, konċentrazzjoni aħjar tar-riorsi, iktar koperazzjoni reġjonali, u r-riżoluzzjoni ta' problemi bl-estradizzjoni ta' ċittadini proprji, il-pajjiżi tar-reġjun jistgħu jiżguraw li ssir ġustizzja għall-eluf ta' vittmi tal-gwerer. Il-kwistjoni ta' persuni nieqsa għad trid tiġi indirizzata b'mod sħiħ. Il-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ l-investigazzjoni taħt l-awspiċju tal-EULEX li tinsab għaddejja rigward delitti allegati, inkluż il-ħsad ta' organi umani, imwettqa fil-perjodu matul u wara l-kunflitt fil-Kosovo indirizzati fir-rapport Marty u kkonfermati mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

Rigward ir-*refuġjati*, f'Novembru 2011 ġiet iffirmata dikjarazzjoni ministerjali mis-Serbja, il-Kroazja, il-Bosnja-Herzegovina u l-Montenegro f'Belgrad li ġġedded l-impenn politiku biex jitlesta l-proċess ta' Sarajevo. Sar qbil dwar Programm Reġjonali tad-Djar u ġie ppreżentat f'April 2012 fil-Konferenza internazzjonali tad-Donaturi fejn l-UE u l-komunità internazzjonali wiegħdu iktar sostenn finanzjarju sostanzjali. L-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dan il-programm, li għandu l-għan li jiffaċilita r-ritorn sostenibbli dawk ir-refuġjati l-aktar vulnerabbli fil-postijiet tal-oriġini tagħhom jew jiġu integrati fil-post tar-rifuġju. Dan għandu jippermetti l-għeluq taċ-ċentri ta' akkoljenza finali li jakkomodaw lir-refuġjati u lil persuni spostati internament (IDPs) u titlesta d-dereġistrazzjoni formali tal-74 000 rifuġjat li għad baqa'. Il-Kummissjoni tilqa' dawn l-iżviluppi u ssejjaħ lill-pajjiżi biex jaħdmu b'ħerqa biex jirriżolvu l-kwistjonijiet li għad baqa' rigward ir-refuġjati u l-IDPs.

Kwistjonijiet relatati mal-*minoranzi* huma sfida ewlenija fil-Balkani tal-punent. Kollox ma' kollox, hemm fis-seħħ oqfsa legali sodi u elaborati biex jipprevedu għall-protezzjoni tal-minoranzi. Fl-istess waqt, l-implimentazzjoni fil-prattika hija ħafna drabi kkumplikata, b'mod partikolari fejn jeżistu rabtiet ma' kunflitti reċenti. Hemm bżonn li tiġi inkoraġġita kultura

ġenerali ta' aċċettazzjoni tal-minoranzi, permezz tal-edukazzjoni, l-attivazzjoni ta' dibattiti pubbliċi wiesgħa u s-sensibilizzazzjoni. Hemm bżonn li każi ta' reati ta' mibegħda u diskriminazzjoni jiġu indirizzati b'mod proattiv. Ir-Rom għadhom partikolarment żvantaġġati matul ir-reġjun. Il-Kummissjoni se tkompli ssostni l-miżuri f'dan ir-rigward, inkluż fid-Deċennju tal-Inklużjoni tar-Rom. Il-pajjiżi għandhom jimplimentaw il-konklużjonijiet operattivi li qablu magħhom fis-seminars dwar ir-Rom li organizzat il-Kummissjoni fl-2011.

Fi spirtu ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinanza *kwistjonijiet bilaterali* miftuħa jeħtieġ li jiġu indirizzati mill-partijiet ikkonċernati kmieni kemm jista' jkun matul il-proċess tat-tkabbir, b'determinazzjoni, filwaqt li jikkunsidraw l-interessi ġenerali tal-UE. Dwar dawn il-kwistjonijiet f'it sar progress matul l-aħħar sena. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-partijiet biex jagħmlu kull sforz biex isolvu t-tilwimiet pendenti skont prinċipji u mezzi stabbiliti, inkluż billi jirreferu kwistjonijiet kif xieraq lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jew lil korpi oħra eżistenti jew *ad hoc* għas-soluzzjoni ta' tilwim. Kwistjonijiet bilaterali ma għandhomx jostakolaw il-proċess ta' adeżjoni. Il-Kummissjoni tinsab lesta biex tiffaċilita l-ħolqien tal-impetu politiku meħtieġ biex jinstabu soluzzjonijiet u f'appoġġ għal inizzjattivi relatati. Ftehim ta' Arbitraġġ dwar il-Fruntieri bejn is-Slovenja u l-Kroazja, li t-tħaddim tiegħu beda matul l-2012, iwitti t-triq għas-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni bilaterali u huwa eżempju tajjeb tal-perkors 'il quddiem. Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tad-dikjarazzjoni tal-Kroazja dwar il-promozzjoni tal-valuri Ewropej fix-Xlokk tal-Ewropa u b'mod partikolari l-impenn tal-Kroazja li kwistjonijiet bilaterali ma għandhomx jostakolaw il-proċess ta' adeżjoni tal-pajjiżi kandidati. Rigward dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Kummissjoni tenfasizza li soluzzjoni negozjata u aċċettabbli għaż-żewġ naħat, taħt l-awspiċju tan-NU, għat-tilwima dwar l-isem tal-pajjiż għadha essenzjali. Teħtieġ tinstab soluzzjoni mingħajr aktar dewmien.

2.3. *Sfidi ekonomiċi u soċjali*

It-tisħiħ tal-irkupru ekonomiku fil-pajjiżi tat-tkabbir

Fil-pajjiżi tat-tkabbir inkwantu l-iżviluppi soċjo-ekonomiċi l-istampa hija mħallta. Kollox ma' kollox il-pajjiżi tat-tkabbir kollha żammew stabbiltà makro-ekonomika ġenerali iżda r-riskji fiskali żdiedu b'mod sinifikanti f'għadd minnhom. L-impatt tal-kriżi ekonomika qed tinħass madwar ir-reġjun kollu, bil-Balkani tal-Punent jaqgħu lura f'riċessjoni f'kundizzjonijiet ta' livelli baxxi ta' kompetittività, dħul u investiment u ta' qgħad għoli li dejjem qed jiżdied.

Il-prestazzjoni tat-tkabbir tal-ekonomija Turka tista' tiġi attribwita fil-parti l-kbira għal politiki makro-ekonomiċi prudenti u għal riformi li ngħataw bidu ħafna qabel il-kriżi globali. Madankollu, għad irid isir ħafna biex jinżamm it-tkabbir u tkompli tissaħħaħ l-ekonomija. Il-*momentum* pożittiv tal-ekonomija Torka jipprovdì opportunità biex din tidħol għal aktar riformi strutturali, l-aktar fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-infrastruttura, u l-politika tas-suq tax-xogħol.

Wara l-kollass tas-sistema bankarja, l-ekonomija tal-Islanda ċkienet b'kollox bi 12 %. L-irkupru, ibbażat kemm fuq l-esportazzjonijiet kif ukoll fuq domanda domestika qawwija, beda fl-2011 u kompli sa din is-sena. L-istabbilizzazzjoni tal-ekonomija nkisbet permezz ta' ristrutturar deċiżiv u t-tisħiħ tas-settur bankarju, il-konsolidazzjoni tal-finanzi pubbliċi u taħlita politika prudenti, minkejja għall-kenn tal-kontrolli tal-kapital li t-tneħħija tiegħu għadu ta' sfida.

Wara ftit irkupru fl-2010 u l-2011, il-maġġoranza tal-ekonomiji fil-Balkani tal-Punent reġġu ċkienu fl-2012, wara li kien hemm żviluppi negattivi fl-Unjoni Ewropea. Il-Kroazja, il-Bosnja-Herzegovina u s-Serbja jinsabu lura f'riċessjoni. L-Albanija, il-Kosovo u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja qed jikkumbattu aħjar ma' kundizzjonijiet xejn favorevoli. Huma komplew jikbru minħabba li kienu kapaċi jlaħḥqu mad-domanda domestika u t-tnaqqis fil-kummerċ għandu inqas impatt fuqhom. Is-settur finanzjarju baqa' stabbli fil-pajjiżi kollha, minkejja li l-kwalità tal-portafoll tas-self baqa' jiddeterjora.

Id-depressjoni fit-tul viżibbilment aggravat kundizzjonijiet soċjali li kienu diġà diffiċli. Il-qgħad kompli jiżdied u issa l-medja fil-Balkani tal-Punent hija ta' 21 %, iżda huwa ħafna ogħla fil-Bosnja-Herzegovina, is-Serbja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Kosovo. Iż-żgħażaġ huma partikolarment affettwati. Saħansitra iktar ta' tħassib, ir-riżultati favorevoli fit-tnaqqis tal-faqar mill-perjodu ta' qabel il-kriżi qed jinqalbu. Il-klassi medja emerġenti partikolarment saret iktar vulnerabbli, bl-ilqugħ finanzjarju domestiku u t-tfaddil ikkunsmat. Diversi eżerċizzji ta' stħarriġ pubbliku jissuġġerixxu li n-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-poplu bil-qagħda ekonomika u soċjali qed jikber minħabba li ħafna ma jaffordjawx iktar il-prodotti u s-servizzi bażiċi. Dawn ix-xejriet, flimkien ma' tkabbir dgħajf matul din is-sena u anki reċessjoni ġdida, jissuġġerixxu li hemm hteġa ta' rispons ta' politika ħafna iktar proattiv sabiex jittaffew il-kundizzjonijiet soċjali li qed jiddeterjoraw inkluż il-qgħad u l-faqar pereżempju billi jiġi inkoraġġit l-investiment, biex b'hekk ikun sostnut il-ħolqien tal-impjiegi u billi l-investimenti jiġu mmirati aħjar lejn is-settur soċjali.

Hemm sensibilizzazzjoni dwar il-hteġa ta' riformi u miżuri prijoritarji għat-tkabbir u l-impjiegi. Madankollu, l-impenn politiku biex jiġi implimentati dawn ir-riformi huwa ħafna drabi dgħajf. Matul is-snin ma kienx hemm titjib fil-ġbir tad-dħul, l-ippjanar tal-baġit u t-twettiq tal-baġit. It-trasferiment tal-baġit għadhom mhux immirati tajjeb u ma jagħtux kontribut għat-titjib tal-qagħda soċjali. Ġeneralment għadha ma saritx riforma fis-swieq tax-xogħol u s-sistemi tal-edukazzjoni vokazzjonali ma jagħtux kontribut biex jonqos in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet Bħala riżultat, il-ħaddiema ħafna drabi jfittxu xogħol barra mill-pajjiż, li fit-terminu qasir jagħti benefiċċju lill-ekonomiji minħabba r-rimessi u minħabba li jittaffa l-qgħad; madankollu, fit-terminu twil dan jillimita l-potenzjal għat-tkabbir minħabba forza tax-xogħol iżgħar u eżodu tal-imħuħ. Fuq il-livell mikroekonomiku, ħafna pajjiżi implimentaw riformi biex jiffaċilitaw il-ħolqien ta' kumpaniji jew żviluppaw skemi biex jiġbdu investituri barranin, iżda l-ambjent tan-negozju għadu mxejkel minn stat tad-dritt dgħajf u settur informali kbir.

L-UE għandha l-impenn li tkompli tassisti lill-pajjiżi permezz ta' pariri dwar il-politiki u permezz ta' assistenza finanzjarja u qed taħdem mill-qrib mal-IFI biex tikkanala self favorevoli lejn oqsma prijoritarji.

Il-Kummissjoni se tkompli tassoċja l-pajjiżi tat-tkabbir mal-istrateġija Ewropa 2020. Hija se teżamina l-possibbiltà taġmel użu iktar immirat tal-laqgħat tal-FSA sabiex tindirizza kwistjonijiet ta' kompetittività u impjiegi. Għal dak il-għan, u skont l-approċċ Ewropa 2020, il-pajjiżi tat-tkabbir huma mħeġġa jikkunsidraw miri nazzjonali fl-oqsma tal-impjiegi, l-innovazzjoni, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, l-edukazzjoni, it-tnaqqis tal-faqar u l-inklużjoni soċjali. Barra minn hekk, mill-2013 'il quddiem, il-Kummissjoni gradwalment se tibda djalogu mal-pajjiżi tat-tkabbir dwar l-impjiegi u programmi ta' riforma soċjali, billi ssegwi approċċ komprensiv għall-politika dwar l-impjiegi u dik soċjali. Il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll parteċipazzjoni aħjar fil-programmi tal-UE, sabiex il-pajjiżi tat-tkabbir ikunu jistgħu jaħdmu mal-Istati Membri fl-oqsma ta' inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020.

Gruppi reġjonali tal-politika u l-KKR għamlu progress tajjeb fl-adattament tal-proċess Ewropa 2020 għall-ħtiġijiet u u r-realtajiet reġjonali. Din is-sena, il-ministri responsabbli għall-kummerċ u l-investiment ħadu l-impenn li regolarment jagħlu punti ta' riferiment għall-politiki fl-oqsma tal-kummerċ reġjonali, ir-riċerka privata, l-intraprenditorija u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-Kummissjoni se tappoġġa lil dawn l-isforzi konġunti ta' riform u lill-approċċ ta' monitoraġġ reġjonali, inklużi l-fondi tal-IPA.

Koperazzjoni ekonomika reġjonali msaħħa tista' tagħti kontribut biex timmodera l-effetti tal-kriżi. Il-kummerċ reġjonali jirrappreżenta medja ta' madwar 17 % tal-kummerċ kollu fir-reġjun. Il-kriżi kellha inqas impatt fuq il-flussi fost il-pajjiżi tas-CEFTA u dan l-aħħar dawn kienu qed jirkupraw b'pass iktar mgħaġġel mill-kummerċ mal-UE. Madankollu, il-kummerċ huwa ddominat mill-ikel u komoditajiet, filwqat li l-oġġetti b'valur miżjud ogħla jiffurmaw biss sehem żgħir mill-flussi kummerċjali. Il-pajjiżi tas-CEFTA dahl fuq il-proċess ta' liberalizzazzjoni ta' ċerti servizzi, li jista' jipprovdi benefiċċji importanti lill-partijiet kollha. L-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija u t-trasport qed tagħmel lir-reġjun iktar kompetittiv u qed toħloq il-kundizzjonijiet biex jiġu attirati investituri lejn dawn l-oqsma.

Il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (QIBP) inholq biex iġib flimkien donaturi nazzjonali u l-IFI biex jiżviluppaw sensiela ta' proġetti fil-pajjiżi. Skont il-QIBP, il-Kummissjoni, donaturi bilaterali u l-IFI qed jagħtu sostenn ta' EUR 8 biljun f'investimenti fit-trasport, l-enerġija, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, is-settur soċjali u l-iżvilupp fis-settur privat/l-SMEs. Il-QIBP se jkollu rwol dejjem iktar importanti biex jgħin jitħejjew u jingħata appoġġ lil daww l-investimenti l-aktar meħtieġa biex jingħataw spinta t-tkabbir u l-impjiegi.

Il-governanza ekonomika tal-UE u pajjiżi tat-tkabbir.

Fid-dawl tat-tibdil wiesa' li jinsab għaddej fil-governanza ekonomika tal-UE, huwa importanti li l-pajjiżi tat-tkabbir ikompli jiġu infurmati u assoċjati ma' dan il-proċess, anki b'kunsiderazzjoni għal-livell għoli attwali ta' integrazzjoni ekonomika li għandhom mal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha għadd ta' strumenti biex iżżomm il-pajjiżi tat-tkabbir infurmati dwar l-iżviluppi fil-politiki ekonomiċi tal-UE. Dawn jinkludu d-djalogu politiku u ekonomiku bilaterali regolari kif ukoll id-djalogu ekonomiku multilaterali bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-UE u l-Pajjiżi Kandidati fil-kuntest ta' sorveljanza fiskali tal-qabel l-adeżjoni.

Il-Kummissjoni gradwalment se tadatta s-sorveljanza ekonomika tal-pajjiżi tat-tkabbir għall-governanza ekonomika msaħħa fl-UE. Għal dan il-għan, il-pajjiżi se jintalbu jsaħħu l-programmi tagħhom fit-terminu medju, billi jpoġġu iktar enfasi fuq is-sostenibbiltà tal-qagħda esterna tagħhom u fuq l-ostakoli strutturali ewlenin għat-tkabbir, skont l-istrateġija Ewropa 2020. Se jingħata iktar enfasi wkoll lil tisħiħ ulterjuri tal-oqfsa fiskali nazzjonali, li jridu jkunu konformi mal-istandards ta' kwalità. Il-pajjiżi kandidati se jintalbu jieħdu impenji politiċi qawwija b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet miftehma fil-laqgħa konġunta annwali tal-ECOFIN. Il-laqgħa konġunta tal-ECOFIN u t-tħejjijiet li se jwasslu għal din il-laqgħa kif ukoll għall-fora tal-FSA, apparti l-konċentrazzjoni fuq is-sorveljanza ekonomika u fiskali, fejn xieraq se jintużaw biex jinfurmaw lill-pajjiżi kandidati dwar żviluppi oħra li qed jagħtu forma lill-governanza ekonomika tal-UE.

Laqgħat futuri ta' spjegazzjoni dwar l-eżami analitiku se jintużaw ukoll biex jiffamiljarizzaw lill-pajjiżi mat-tibdiliet fl-obbligi skont il-leġislazzjoni ekonomika u monetarja tal-unjoni, kif ukoll mal-arkitettura ġdida finanzjarja ta' superviżjoni. Il-Kummissjoni se teżamina l-

possibbiltà li tistieden għal dawn il-laqgħat pajjiżi kandidati li magħhom in-negożjati għadhom ma bdewx. Il-Kummissjoni tista' torganizza wkoll laqgħat addizzjonali dwar l-eżami analitiku fil-perkors tan-negożjati tal-adeżjoni fejn għe adottat *acquis* għdid sinifikanti.

3. JINŻAMM IL-MOMENTUM TAT-TKABBIR U R-RIFORMA

Il-pajjiżi tat-tkabbir qed jiffaċċaw diversi sfidi speċjalment f'oqsma bħalma huma l-istat tad-dritt, il-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata, l-ekonomija u l-koeżjoni soċjali. Barra minn hekk, f'kuntest ta' staġnar ekonomiku, hemm ir-riskju ta' qabża f'daqqa lejn il-populiżmu u reżistenza għal riformi essenzjali. Fil-Balkani tal-Punent b'mod partikolari huwa kruċjali li l-pajjiżi jibqgħu sodi fit-triq lejn ir-riforma, iħallu warajhom dak li wirtu mill-passat u jinvestu fil-futur Ewropew tagħhom. L-UE tikkondividi interess fl-implimentazzjoni b'suċċess tar-riformi. It-tkabbir huwa sforz konġunt. Iż-żamma tal-*momentum* għat-tkabbir kif ukoll għar-riformi huma żewġt uċuħ tal-istess munita.

Il-Kummissjoni qegħda dejjem aktar tfittex approċċi innovattivi biex tindirizza l-isfidi li jinħolqu fil-pajjiżi tat-tkabbir u fil-proċess tal-adeżjoni. Il-kriterji u l-kundizzjonijiet għas-sħubija għadhom l-istess. Madankollu, f'ħafna oqsma li huma speċifiċi għall-pajjiż, huma meħtieġa approċċi li huma mfassla apposta biex jindirizzaw sitwazzjonijiet diffiċli, inklużi ostakoli fil-proċess ta' adeżjoni. Dan japplika mhux biss għall-isfidi ta' riforma rigward l-istat tad-dritt u l-amministrazzjoni pubblika, iżda anki rigward it-tisħiħ tad-demokrazija, il-governanza tajba kif ukoll kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali. Tali inizjattivi qed jinjettaw *momentum* fir-riformi. Huma ma jissostitwixxux in-negożjati tal-adeżjoni iżda jiffurmaw pont magħhom.

F'Mejju 2012 tnediet aġenda pożittiva għar-relazzjonijiet UE-Turkija li tibni fuq id-dokument ta' Strateġija għat-Tkabbir tal-2011 u fuq il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2011, bil-għan li tappoġġa l-proċess ta' negożjati dwar l-adeżjoni, skont il-Qafas tan-Negożjati u l-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill. L-aġenda tkopri firxa wiesgħa ta' oqsma ta' interess komuni inklużi r-riformi politiċi, id-djalogu dwar il-politika barranija, l-allinjament mal-*acquis* tal-UE, il-viżi, il-mobbiltà u l-migrazzjoni, il-kummerċ, l-enerġija, il-għlieda kontra t-terroriżmu u l-parteċipazzjoni tat-Turkija fil-programmi tal-UE.

Ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, f'Marzu 2012 tnieda Djalogu ta' Livell Għoli dwar l-Adeżjoni (High Level Accession Dialogue – HLAD) fi Skopje. L-HLAD poġġa l-integrazzjoni mal-UE fuq quddiem nett tal-aġenda domestika, u taha spinta għida billi assigura diskussjoni strutturata u ta' livell għoli dwar l-isfidi u opportunitajiet ta' riforma ewlenin. Il-kwistjonijiet ewlenin jinkludu l-libertà tal-espressjoni, l-istat tad-dritt u r-relazzjonijiet etniċi, l-isfidi għar-riforma elettorali, ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika u t-tisħiħ tal-ekonomija tas-suq u relazzjonijiet tajbin tal-viċinat. Il-Gvern qed jagħmel progress billi jindirizza l-miri ambizzjużi ta' riforma li jinkludu l-pjan ta' direzzjoni tiegħu li jiddefinixxi l-miżuri speċifiċi u l-iskadenza għat-twettiq tagħhom.

Fl-Albanija, il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-gvern u l-oppożizzjoni biex tgħin lil dan il-pajjiż jegħleb l-ostakoli politiċi u jkompli bir-riformi elettorali u parlamentari u biex joħloq ambjent li jwassal għal iktar progress, b'mod partikolari f'appoġġ tal-aġenda tal-UE. Dan ippermetta għal revizzjoni tal-pjan ta' azzjoni li jindirizza l-prijoritajiet ewlenin tal-Opinjoni tal-Kummissjoni fi proċess trasparenti u parteċipattiv. Bl-aġenda tal-UE fuq quddiem nett tal-attività tal-Gvern, qed jinkisbu riżultati konkreti bir-riżultati tanġibbli stipulati fil-pjan, inkluż fil-qasam tar-riforma parlamentari u elettorali, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.

Mal-Bosnja-Herzegovina, f'Ġunju 2012 ġie varat Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Proċess ta' Adeżjoni (HLDAP) fi Brussell. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tgħin lill-pajjiż jimxi 'l quddiem fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE billi tispjega r-rekwiżiti u l-metodoloġija tan-negożjati tal-adeżjoni u, konkretament, dak li hu mistenni minn pajjiż li jkun fil-proċess ta' adeżjoni mal-UE. Id-Djalogu għandu l-għan li jżomm għoli l-*momentum* politiku fuq l-aġenda tal-UE minkejja li tinsab għaddejja l-kriżi politika. Mil-laqgħa ta' Ġunju rriżultaw konklużjonijiet konġunti u Pjan ta' Direzzjoni għall-integrazzjoni mal-UE immirat biex jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) u għal applikazzjoni kredibbli għas-sħubija fl-UE. Dan kien jitlob għal mekkaniżmu ta' kordinazzjoni bejn il-livelli kompetenti kollha ta' awtorità rigward kwistjonijiet tal-UE, sabiex f'dan ir-rigward il-pajjiż ikun jista' jitkellem b'vuċi waħda. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li r-riżultati sa issa għadhom 'il bogħod mill-aspettattivi. Id-Djalogu Strutturat fl-2011 mal-Bosnja-Herzegovina dwar il-Ġustizzja kellu impatt pożittiv fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għar-Riforma fis-Settur tal-Ġustizzja 2009-2013.

F'Mejju 2012 il-Kummissjoni Ewropea u l-Kosovo varaw Djalogu Strutturat dwar l-Istat tad-Dritt. Dan id-Djalogu huwa mfassal biex jgħin lill-Kosovo tindirizza l-isfidi fil-qasam tal-istat tad-dritt, li huwa tħassib ewlieni għall-Balkani tal-Punent in ġenerali. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni se tiffoka fuq il-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi dawn l-inizjattivi u oħrajn bil-għan li żomm il-*momentum* u l-qawwa trasformattiva tal-proċess ta' adeżjoni, u tiżgura r-reazzjoni pożittiva tal-politika ta' tkabbir.

4. PROGRESS FIL-PAJJIŻI TAT-TKABBIR U L-PERKORS 'IL QUDDIEM 2012-2013

4.1. Il-Balkani tal-Punent

Il-Kroazja

F'parallel ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-konklużjonijiet prinċipali tar-rapport komprensiv ta' monitoraġġ dwar l-istat ta' thejġija tal-Kroazja għas-sħubija mal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli tissorvelja l-impenji li saru matul in-negożjati tal-adeżjoni mill-Kroazja sad-data tal-adeżjoni, b'Komunikazzjoni dwar rapport finali ta' monitoraġġ previst għar-rebbiegħa tal-2013.

Il-Montenegro

Fid-29 ta' Settembru 2012, il-Kunsill Ewropew approva d-deċiżjoni tal-Kunsill, ibbażata fuq rapport tal-Kummissjoni, biex jinbdew negożjati ta' adeżjoni mal-Montenegro. In-negożjati nfetħu fl-istess jum tal-ewwel Konferenza Inter-Governattiva. In-negożjati tal-adeżjoni se jitmexxew skont il-qafas tan-negożjati adottat mill-Kunsill li jintegra l-approċċ il-ġdid għall-kapitoli dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, biex b'hekk tissaħħaħ l-attenzjoni fuq l-istat tad-dritt fil-perkors tan-negożjati.

Il-ftuħ tan-negożjati tal-adeżjoni rrifletta l-progress kontinwat tal-Montenegro f'riformi kruċjali. Il-Montenegro jissodisfa b'mod suffiċjenti l-kriterji politiċi. Il-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali u l-politiki ttejbu bil-għan li jissaħħaħ il-funzjonament tal-parlament, il-ġudikatura, il-politika kontra l-korruzzjoni, id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi. Ir-riformi kostituzzjonali u fl-amministrazzjoni pubblika li għaddejjin komplew

jagħmlu progress. Il-Montenegro kompla jimplimenta mingħajr intoppi l-obbligi tiegħu skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA). Huwa kompla jaqdi rwol kostruttiv fir-reġjun u jirrispetta l-impenji internazzjonali tiegħu.

Il-Montenegro jeħtieġ jinvesti iktar sforzi biex jiżviluppa aktar rekord tajjeb fil-qasam tal-istat tad-dritt bil-għan ta' implimentazzjoni irriversibbli tar-riformi, b'mod partikolari rigward il-kriminalità organizzata u każi ta' korruzzjoni, inkluż f'livell għoli. Il-Montenegro jeħtieġ iwettaq jiffinalizza l-proċess ta' tibdil kostituzzjonali sabiex tkun salvagwardata l-indipendenza tal-ġudikatura. Ir-responsabbiltà tal-ġudikatura għadha kwistjoni ta' tħassib. Minħabba d-daqs ċekken tal-amministrazzjoni tal-Montenegro, it-twaqqif tal-kapaċità amministrattiva neċessarja għall-implimentazzjoni tal-*acquis* se jkun ukoll sfida trażversali.

B'konformità mal-approċċ il-ġdid u wara l-inviti tal-Kunsill Ewropew tal-Diċembru 2011, fir-rebbiegħa tal-2012 il-Kummissjoni diġà bdiet l-eżami analitiku tal-kapitoli dwar il-ġudikatura u d-drittijiet funadamentali u dwar il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. L-eżami analitiku tal-kapitoli l-oħra beda f'Settembru 2012 u huwa mistenni jiġi finalizzat fis-sajf tal-2013.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Montenegro fl-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ngħatat *status* ta' pajjiż kandidat fl-2005. Fl-2009, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-pajjiż kien jissodisfa biżżejjed il-kriterji politiċi u rrakkomandat li jinfetħu n-negożjati. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet imtennija mill-Kummissjoni fl-2010 u fl-2011 u issa fl-2012. Il-Kummissjoni temmen bil-qawwa li t-tmexxija tal-proċess tal-adeżjoni ta' dan il-pajjiż għall-istadju li jmiss huwa meħtieġ biex jiġu kkonsolidati l-pass u s-sostenibbiltà tar-riformi, b'mod partikolari rigward l-istat tad-dritt, kif ukoll biex jissaħħu r-relazzjonijiet interetniċi. Ir-reġjun kollu kemm hu għandu jibbenefika.

Il-pajjiż qed ikompli jwettaq l-impenji tiegħu skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA). Il-Kummissjoni ssostni li l-proposta tagħha timxi għat-tieni stadju tal-assoċjazzjoni u tinkoraġġixxi lill-Kunsill biex jaġixxi fuq dan mingħajr dewmien, b'konformità mad-dispożizzjoni rilevanti tal-FSA.

Il-pajjiż qed ikompli jissodisfa b'mod suffiċjenti l-kriterji politiċi. Il-Gvern poġġa l-aġenda tal-UE fil-qalba tal-attività tiegħu. Id-Djalogu ta' Livell Għoli għall-Adeżjoni (HLAD) mal-Kummissjoni serva ta' katalist biex jitħaffu r-riformi u ta kontribut biex isir progress sostanzjali f'għadd ta' oqsma ta' politika ewlenin. Il-Gvern ippreżenta proposti lill-Parlament għal titjib fil-qafas leġislattiv għall-elezzjonijiet, u fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni, għad-dekriminalizzazzjoni tad-defamazzjoni. L-ewwel analiżi li għamel il-Gvern tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid tipprovdi għodda utli għat-tisħiħ tad-djalogu inter-komunitarju.

Il-*momentum* tar-riforma jeħtieġ jinżamm fl-oqsma kollha tal-kriterji politiċi b'mod partikolari biex tkun żgurata l-implimentazzjoni. B'mod partikolari, l-istat tad-dritt, inkluż rigward il-libertà tal-espressjoni, jeħtieġ jissaħħaħ. Il-proċess ta' djalogu madwar il-mejda bejn il-Gvern u l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti għandu jkompli biex ikun forum utli biex jiġu indirizzati l-isfidi kruċjali relatati mal-midja. It-tensjoni bejn il-komunitajiet wara l-inċidenti vjolenti tal-ewwel nofs tal-2012 ħolqot tħassib. Il-Gvern wieġeb b'maturità għal din l-isfida u jeħtieġ jibni fuq dan biex isaħħaħ ir-relazzjonijiet interetniċi u r-rikonċiljazzjoni, anki fid-dawl tad-dibattitu rigward l-*istatus* tal-vittmi tal-kunflitt tal-2001.

Hekk kif qed noqorbu lejn l-20 anniversarju tad-dħul ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fin-Nazzjonijiet Uniti, it-tilwima mal-Greċja rigward isimha għadha mhix solvuta. Djalogu taħt l-awspiċju tan-NU ilu għaddej mis-snin 90 u sa mill-2009 huwa kkumplimentat mill-kuntratti bilaterali, inkluż fil-livell tal-Prim Ministri. Madankollu, dawn il-proċessi sa issa għadhom ma tawx riżultati. F'Diċembru, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja sabet lill-Greċja ħatja tal-ksur tal-Ftehim *Interim* meta waqt is-Samit ta' Bukarest fl-2008 oġġezzjonat għad-dħul ta' dan il-pajjiż fin-NATO. Iż-żamma ta' relazzjonijiet tajbin mal-viċinat, inkluża soluzzjoni negozjata u aċċettabbli għaż-żewġ naħat għall-kwistjoni tal-isem, taħt l-awspiċju tan-NU, għadha essenzjali. Teħtieġ tinstab soluzzjoni mingħajr aktar dewmien. Azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajbin tal-viċinat għandhom jiġu evitati.

Is-Serbja

Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2012 ikkonferixxa lis-Serbja l-*istatus* ta' pajjiż kandidat.

L-istabbiltà u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet kienu żgurati fil-perjodu li wassal għall-elezzjonijiet fil-livell presidenzjali, parlamentari u lokali u f'Vojvodina, kif ukoll wara. Minkejja li l-attività leġiżlattiva fil-kuntest elettorali naqset, ġie nnutat xi progress fl-implimentazzjoni tar-riformi fil-maġġoranza tal-oqsma. Is-Serbja żammet koperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY). Is-Serbja qed timplimenta mingħajr intoppi l-obbligi tagħha skont il-Ftehim *Interim*/Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Inkisbu riżultati fid-djalogu ma' Pristina, iżda l-implimentazzjoni tal-ftehimiet li ntlaħqu kienet irregolari. Żewġ żviluppi reċenti f'dan ir-rigward huma l-iffirmar tas-Serbja tal-protokoll tekniku tal-IBM u l-kjarifika tal-interpretazzjoni tas-Serbja tal-ftehim dwar il-koperazzjoni u rappreżentazzjoni reġjonali tal-Kosovo li, abbażi tal-implimentazzjoni inizjali, ma għadux ixekkel l-inklussività tal-koperazzjoni reġjonali. It-tmexxija l-għdida tas-Serbja enfasizzat l-impenn tagħha li timplimenta l-ftehimiet kollha li ntlaħqu diġà fid-djalogu ma' Pristina kif ukoll li tibda tindirizza l-kwistjonijiet politiċi usa'. It-twettiq ta' dan l-impenn huwa essenzjali biex isir progress għall-fażi li jmiss għall-integrazzjoni tas-Serbja fl-UE.

Is-Serbja tinsab fi triqitha biex tissodisfa biżżejjed il-kriterji politiċi u l-kundizzjonijiet tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Is-Serbja madankollu teħtieġ tagħti attenzjoni partikolari lill-istat tad-dritt, l-aktar il-ġudikatura fejn intoppi reċenti jenfasizzaw il-ħtieġa għal impenn imġedded biex jiġu segwiti r-riformi, u tiġi żgurata l-indipendenza, l-imparzjalità u l-effiċjenza tagħha, u tiegħu wkoll kont tad-deċiżjonijiet reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-ħtieġa li tiġi restawrata l-fiduċja taċ-ċittadini wara n-nuqqasijiet fil-proċess ġudizzjarju ta' ħatriet mill-għdid. Fid-dawl ukoll ta' ġrajjet reċenti, hemm bżonn ukoll li tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli u lill-awtonomija ta' istituzzjonijiet ewlenin bħall-Bank Ċentrali.. Is-Serbja għandha tkompli wkoll billi tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fil-koperazzjoni reġjonali u ssaħħa ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien. Il-*momentum* tar-riformi jeħtieġ li jingħata spinta u jsir iżjed progress lejn titjib viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet mal-Kosovo.

Bil-għan li tirrakkomanda li n-negozjati għall-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea għandhom jinfetħu mas-Serbja, u b'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport hekk kif tkun evalwat li s-Serbja tkun kisbet il-livell meħtieġ ta' osservanza tal-kriterji u l-kundizzjonijiet tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, u b'mod partikolari l-prijorità ewlenija relatata mal-Kosovo, kif stipulata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill. Titjib viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-

Kosovo huwa meħtieġ sabiex it-tnejn li huma jkunu jistgħu jkomplu fil-perkors lejn l-UE, filwaqt li jevitaw li kull wiehied minnhom jista' jimblokka lill-ieħor f'dawn l-isforzi.

L-Albanija

Il-ftehim politiku ta' Novembru 2011 bejn il-maġġoranza fil-Gvern u l-Oppożizzjoni mmarkat it-tmiem ta' perjodu twil ta' stagħnar politiku li kien rriżulta mill-elezzjonijiet parlamentari tal-2009. Dan il-ftehim fittex li jindirizza r-riforma elettorali u parlamentari u li joħloq il-klima politika għal sfozi konġunti ta' riforma fl-oqsma l-oħrajn. Bħala riżultat, id-djalogu politiku u l-koperazzjoni tjebru mhux ħażin biex b'hekk fetħu t-triq għal progress f'oqsma ċentrali ta' riforma. L-elezzjonijiet Presidenzjali tmexxew skont il-Kostituzzjoni, iżda l-proċess politiku madwar l-elezzjonijiet was kienx inklussiv daqs kemm mistenni. Minkejja li sussegwentement il-pass tar-riformi naqas, il-ftehim politiku qed jiġi mwettaq.

L-Albanija għamlet progress tajjeb fit-twettiq tal-kriterji politiċi għas-sħubija mal-UE, billi wettqet għadd ta' riformi fil-konfront tat-tnax-il prijorità ewlenija fl-opinjoni tal-2010 tal-Kummissjoni. Kollox ma' kollox, l-Albanija kompliet timplimenta l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mingħajr intoppi u kompliet bir-rwol kostruttiv tagħha fir-reġjun. L-Albanija wettqet erba' prijoritajiet ewlenin, jiġifieri dawk li jirrigwardaw il-funzjonament tal-parlament, l-adozzjoni ta' liġijiet pendenti li jeħtieġu maġġoranza rinfurzata, il-ħatra tal-Ombudsman u l-proċessi ta' smiġħ u ta' votazzjoni għall-istituzzjonijiet ewlenin u l-modifika tal-qafas leġislativ għall-elezzjonijiet.

L-Albanija tinsab sew fi triqitha biex tissodisfa ż-żewġ prijoritajiet ewlenin rigward ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika u t-titjib tat-trattament tad-detenu. Kordinazzjoni tajba mill-Gvern tal-proċess ta' integrazzjoni mal-UE u koperazzjoni effettiva mill-oppożizzjoni ppermettew li jsir progress moderat fil-prijoritajiet ewlenin li jkopru r-riforma ġustizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, billi pereżempju ġiet riformata s-sistema tal-immunità tal-uffiċjali pubbliċi u tal-imħallfin u billi ġiet adottata l-liġi dwar il-qradi amministrattivi. Sar progress ukoll fil-prijoritajiet l-oħrajn rigward il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ir-riforma tal-proprjetà, kif ukoll fil-politiki kontra d-diskriminazzjoni, l-aktar id-drittijiet tan-nisa, inklużi xi passi sinifikanti, l-aktar fiż-żieda ta' sekwestri ta' assi kriminali, l-adozzjoni ta' strateġija komprensiva rigward ir-riforma tal-proprjetà, u emendi għall-kodiċi kriminali li jsaħħu l-pieni għall-vjolenza domestika.

L-Albanija teħtieġ tibni fuq il-progress miksut u tiegħu passi konkreti biex tħaffef il-pass fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u tar-riforma tal-ġudikatura sabiex tiżgura l-indipendenza, l-effiċjenza u r-responsabbilizzazzjoni tagħha. Ir-riformi fl-amministrazzjoni pubblika u fil-ġudikatura jeħtieġ jitlestew u r-regoli parlamentari tal-proċedura jiġu riveduti. Hemm bżonn ta' iktar attenzjoni għall-implimentazzjoni tal-impenji fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem inklużi l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-komunità Rom. Għad hemm il-ħtieġa li titkompla r-riforma tad-djalogu politiku fid-dawl li jiġi żgurat it-tħaddim tajjeb u t-tisħiħ ulterjuri tal-istituzzjonijiet demokratiċi tal-pajjiż. L-elezzjonijiet parlamentari fis-sajf tal-2013 se jkunu test importanti għal-liġi elettorali l-ġdida u għall-impenn kontinwat mill-partiti kollha għar-riforma. Iż-żamma tal-*momentum* ta' riforma, b'attenzjoni partikolari fuq l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-politiki fil-qasam tal-istat tad-dritt, se tkun essenzjali.

Il-Bosnija-Herzegovina

It-twaqqif tal-awtoritajiet eżekuttivi u leġislativi tlesta bil-ftehim dwar Gvern fil-livell ta' Stat wara sittax-il xahar ta' stagħnar politiku kien hemm wara l-elezzjonijiet ġenerali ta'

Ottubru 2010. It-tiswir tal-Kunsill tal-Ministri l-ġdid u l-adozzjoni ta' żewġ liġijiet relatati mal-UE għall-ewwel dawwru l-attenzjoni lejn l-integrazzjoni mal-UE. Madankollu, dan il-*momentum* ma nżammx. Il-kunsens politiku li kien nibet intilef u l-progress fl-aġenda tal-UE waqaf. Ingħata bidu għal bdil ta' karigi fl-awtoritajiet tal-Istat, tal-Federazzjoni u tal-Cantons iżda baqa' mblukkat mit-tilwimiet politiċi u l-kontestazzjonijiet legali. Il-Bosnja-Herzegovina għamlet progress limitat lejn it-tweqqif tal-kriterji politiċi. Sar ftit progress fil-ksib ta' strutturi istituzzjonali iktar funzjonali, ikkordinati u sostenibbli. Hemm bżonn ta' sforzi sostanzjali biex jissaħħa is-settur tal-ġustizzja, b'konformità mal-prijoritajiet identifikati fil-kuntest tad-djalogu strutturat bejn l-UE u l-Bosnja-Herzegovina dwar il-ġustizzja. Hemm bżonn li jiġu intensifikati l-isforzi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u fil-perkors lejn ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika.

Għad ma hemmx viżjoni komuni bejn ir-rappreżentanti politiċi dwar id-direzzjoni ġenerali u futura tal-pajjiż u l-istruttura istituzzjonali għal pass kwalitattiv 'il quddiem fit-triq tal-pajjiż lejn l-UE.

Il-ħtieġa għal mekkaniżmu ta' kordinazzjoni effettiv bejn il-livelli differenti tal-gvern għat-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet tal-UE għad trid tiġi indirizzata bħala kwistjoni ta' prijetà sabiex dwar kwistjonijiet tal-UE l-pajjiż ikun jista' jtkellem b'vuċi waħda u jagħmel użu effettiv mill-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-UE. Għal dan il-għan, fis-27 ta' Ġunju ġie varat Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Proċess ta' Adeżjoni (HLDAP) fi Brussell.

Sar qbil dwar pjan ta' direzzjoni intern rigward l-integrazzjoni mal-UE immirat li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) u għal applikazzjoni kredibbli għas-sħubija, kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti, iżda l-iskeda ta' żmien għal ftehim politiku biex tiġi emendata l-Kostituzzjoni sabiex tkun konformi mad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) dwar diskriminazzjoni etnika rigward rappreżentazzjoni fl-istituzzjonijiet tal-pajjiż (kawża Sejdic-Finci) sal-31 ta' Awwissu ma twettqitx. F'Awwissu, tliet partiti politiċi ppreżentaw proposti separati iżda mhux ikkordinati lill-Assemblea Parlamentari għal emendi fil-Kostituzzjoni. Id-dewmien persistenti biex il-Kostituzzjoni tiġi armonizzata mad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fid-deċiżjoni Sejdic-Finci għadu kwistjoni ta' tħassib serju. Sabiex jitwettqu l-obbligi tal-pajjiż skont il-FI/FSA, hemm bżonn jidħol fis-seħħ proċess kredibbli biex jindirizza d-deċiżjoni tal-QEDB kif ukoll l-implimentazzjoni tal-obbligi tal-pajjiż rigward l-Għajnuna mill-Istat.

Il-governanza tal-Bosnja-Herzegovina qed tkompli tinvolvi preżenza internazzjonali b'mandat eżekuttiv. F'Mejju, il-Bord ta' Tmexxija tal-Kunsill għall-Implimentazzjoni tal-Paċi approva d-deċiżjoni tal-Uffiċċju tar-Rappreżentanta Għolja biex fil-31 ta' Awwissu jissospendi s-superviżjoni u jagħlaq l-uffiċċju f'Brcko wara li nkiseb progress sostanzjali fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Finali ta' Brcko. Sussegwentement l-uffiċċju ta' Brcko ngħalaq fil-31 ta' Awwissu. L-UE fetħet uffiċċji f'Brcko, Mostar u saħħet l-uffiċċju attwali f'Banja Luka.

Wara d-diżassoċjazzjoni tal-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli, l-UE permezz tal-preżenza msaħħa tagħha, ħadet it-tmexxija f'għadd ta' oqsma biex tassisti lill-awtoritajiet biex jimplimentaw l-għanijiet tal-aġenda tal-UE. F'dan ir-rigward, l-UE se tkompli ssaħħa l-appoġġ tagħha lill-istituzzjonijiet tal-pajjiż.

Jeħtieġ isiru iktar sforzi sinifikanti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżi li għad fadal, biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni minn pajjiż b'sistema internazzjonali ta' governanza u sigurtà lejn pajjiż b'istituzzjonijiet domestiċi li għandhom sjieda sħiħa tal-proċess politiku u leġiżlattiv tiegħu skont ir-rekwiżiti ta' pajjiż li qed jaspira li jsir membru tal-UE. Tkopri dawn il-kwistjonijiet kollha hemm il-hteġa għal ambjent politiku stabbli bl-aġenda tal-UE fil-qalba tal-proċess politiku. Ir-rieda politika biex jintlaħaq ftehim ibbażat fuq il-kompromess hija kruċjali biex l-aspirazzjonijiet tal-UE għall-pajjiż u ċ-ċittadini tiegħu jsiru realtà.

Il-Kosovo

F'parallel ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar Studju ta' Fattibbiltà għal Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo.

4.2. It-Turkija

It-Turkija hija pajjiż ewlieni għall-UE, meta wieħed iqis l-ekonomija dinamika tiegħu, il-pożizzjoni strateġika u r-rwol reġjonali importanti li għandu li jagħtu kontribut għall-politika barranija tal-UE kif ukoll għas-sigurtà tal-enerġija. It-Turkija diġà ġiet integrata fil-parti l-kbira fl-UE permezz tal-Unjoni Doganali u saret komponent siewi għall-kompetittività tal-Ewropa. Min-naħa l-oħra, l-UE għadha l-ankra ewlenija għall-modernizzazzjoni ekonomika u politika tat-Turkija. Żvilupp ulterjuri ta' dawn ir-rabtiet għandu jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat.

Il-potenzjal tar-relazzjoni UE-Turkija jista' jkun sfruttat għal kollox biss fil-qafas ta' proċess ta' adeżjoni attiv u kredibbli. Il-proċess ta' adeżjoni għadu l-iktar qafas adatt għall-promozzjoni tar-riformi relatati mal-UE, l-iżvilupp ta' djalogu dwar kwistjonijiet ta' affarijiet barranin u ta' politika dwar is-sigurtà, it-tisħiħ tal-kompetittività ekonomika u żieda fil-koperazzjoni fl-oqsma tal-enerġija, il-ġustizzja u l-affarijiet interni. Dan il-proċess irid jirrispetta l-impenji u l-kundizzjonalità stabbilita tal-UE,

F'dan il-kuntest, aġenda pożittiva fir-relazzjonijiet mat-Turkija ġiet varata mill-Kummissjoni f'Mejju 2012 biex terġa' tagħti l-ħajja lill-proċess ta' adeżjoni wara perjodu ta' staġnar u biex tagħti dinamiżmu ġdid lir-relazzjonijiet UE-Turkija. L-aġenda pożittiva mhix alternattiva għan-negozjati tal-adeżjoni iżda pjuttost mezz ta' appoġġ għalihom. Hija tiffoka l-isforzi fuq oqsma ta' interess komuni bħall-allinjament leġiżlattiv, koperazzjoni msaħħa fl-enerġija, il-viża, il-mobbiltà u l-migrazzjoni, l-Unjoni Doganali, il-politika barranija, ir-riforma politika, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u iktar parteċipazzjoni fil-programmi interpersonali. Sitta mit-tmien gruppi ta' ħidma, li ġew stabbiliti fl-aġenda pożittiva biex jappoġġaw l-alinjament mal-*acquis*, ġew flimkien għall-ewwel laqgħa tagħhom. L-appoġġ attiv tat-Turkija għall-aġenda pożittiva u l-perspettiva Ewropea tagħha għadhom essenzjali. Huwa fl-interess kemm tal-UE kif ukoll tat-Turkija li n-negozjati tal-adeżjoni jerġgħu jakkwistaw *momentum*, mhux l-inqas biex ikun żgurat li l-UE tibqa' l-punt referenzjali għar-riformi fit-Turkija.

Barra minn hekk, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi djalogu u qafas ta' koperazzjoni usa' bejn l-UE u t-Turkija biex tindirizza l-firxa kollha fl-oqsma tal-politika lil jirrigwardaw il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni. Il-Kunsill stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tiegħu passi lejn il-liberalizzazzjoni tal-viża bħala perspettiva gradwali u fit-terminu twil, b'mod parallel mal-iffirmar tal-ftehim ta' riammissjoni bejn it-Turkija u l-UE. Wara li ġie inizjalat f'Ġunju, issa huwa kruċjali li t-Turkija tiffirma l-ftehim ta' riammissjoni biex tippermetti li tinbeda l-implimentazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni għal-liberalizzazzjoni tal-viża.

Minħabba l-iżvilupp ulterjuri tat-Turkija bħala fulkru potenzjali għall-enerġija u l-isfidi komuni li taqsum mal-UE, il-Kummissjoni u t-Turkija ddeċidew ukoll li jsaħħu l-koperazzjoni f'għadd ta' kwistjonijiet importanti dwar l-enerġija.

Id-djalogu politiku mal-UE dwar il-politika barranija u ta' sigurtà intensifika ħafna. L-iżviluppi fil-viċinat konġunt tat-Turkija u tal-UE kkonfermaw ir-rwol importanti u l-kontribut siewi tat-Turkija għall-politika barranija u s-sigurtà tal-enerġija tal-UE. It-Turkija kompliet tiżvolġi rwol pożittiv bl-appoġġ tagħha għall-movimenti ta' riforma fil-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant Nofsani. Il-koperazzjoni rigward is-Sirja hija intensiva. Laqgħat ta' djalogu politiku, inkluż fil-livell Ministerjali, indirizzaw kwistjonijiet ta' politika barranija ta' interess komuni għall-UE u għat-Turkija, bħall-Afrika ta' Fuq, il-Lvant Nofsani, il-Balkani tal-Punent, l-Afganistan/il-Pakistan u l-Kawkażu tan-Nofsinhar.

L-ekonomija Torka qed tkompli tikbar b'pass sod iżda żbilanċi esterni mdaqqsu u pressjonijiet sinifikanti ta' inflazzjoni għadhom l-ikbar theddida għall-istabbiltà makroekonomika. L-inċidenza għolja ta' impjiegi informali, swieq tax-xogħol segmentati u l-finalizzazzjoni tar-riforma rigward il-leġiżlazzjoni tat-trejdjunjins għadhom ta' sfida. Il-Kummissjoni qed teżamina toroq biex tindirizza t-tħassib tat-Turkija skont l-Unjoni Doganali, inklużi l-Ftehimiet dwar il-Kummerċ Ħieles konklużi mill-UE ma' pajjiżi terzi. Fl-istess waqt dan jenfasizza d-disponibbiltà biex timmodernizza l-Unjoni Doganali u l-ħtieġa li tegħleb il-problemi li qed jostakolaw il-kummerċ bejn it-Turkija u l-UE. Il-Kummissjoni talbet lill-Bank Dinji biex iwettaq evalwazzjoni tal-funzjonament tal-Unjoni Doganali – bil-għan aħħari li tiġi modernizzata.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex timplimenta l-aġenda pożittiva biex tagħti dinamiżmu ġdid lill-proċess ta' adeżjoni u tippermetti għal relazzjoni iktar kostruttiva.

It-tħassib rigward in-nuqqas tat-Turkija li tagħmel progress sostanzjali biex tissodisfa għal kollox il-kriterji politiċi qed jikber. Is-sitwazzjoni rigward ir-rispett għad-drittijiet fundamentali fil-prattika qed tkompli tkun għajn ta' preokkupazzjoni serja – minkejja t-titjib reċenti għal diversi dispożizzjonijiet legali f'dan il-qasam. Hemm ksur ripetittiv tad-dritt tal-libertà u s-sigurtà u għal smiġħ ġust, kif ukoll għad-dritt tal-espressjoni, tal-għaqda u l-assoċjazzjoni, permezz tal-applikazzjoni sproporzjonata tal-leġiżlazzjoni dwar it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Huwa importanti li t-Turkija tindirizza l-kwistjonijiet kollha rigward l-indipendenza, l-imparzjalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura. Restrizzjoni ulterjuri tal-libertà tal-midja fil-prattika u l-għadd dejjem jizzied ta' kawżi fil-qorti konti l-kittieba u l-ġurnalisti għadhom kwistjonijiet serji. B'riżultat ta' dan, l-awtoċensura qegħda dejjem tinfirex. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn tal-Gvern Tork biex malajr jippreżenta r-raba' pakkett ta' riforma ġudizzjarja u tappella biex jindirizza l-kwistjonijiet ewlenin kollha li bħalissa qed ikollhom impatt fuq it-tħaddim fil-prattika tal-libertà tal-espressjoni.

Barra minn hekk, il-kwistjoni dwar il-Kurdi għadha sfida ewlenija għad-demokrazija tat-Turkija u jeħtieġ li b'mod urġenti tinstab soluzzjoni politika. B'mod ġenerali t-Turkija għad trid tiddedika ħafna iktar sforzi biex tilħaq l-ogħla standards ta' demokrazija u drittijiet tal-bniedem. Il-ħidma li tinsab għaddejja fuq Kostituzzjoni ġdida tipprovdi opportunità importanti f'dan ir-rigward.

Attakki terroristiċi mwettqa mill-PKK, li huwa fuq il-lista tal-UE ta' organizzazzjonijiet terroristiċi, intensifikaw ħafna, l-aktar matul dawn l-aħħar ftit xhur. L-attakki terroristiċi kienu kkundannati bil-qawwa u kemm-il darba mill-UE. L-UE u t-Turkija għandhom għaddej

djalogu attiv kontra t-terroriżmu, u l-ġlieda kontra t-terroriżmu hija aspett importanti tal-aġenda pożittiva għal-Turkija.

Matul it-tieni nofs tal-2012 it-Turkija ffriżat ir-relazzjonijiet tagħha mal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE fuq bażi ta' rotazzjoni billi rrifjutat li tattendi kwalunkwe laqgħa mmexxija mill-Presidenza Ċiprijotta. Il-Kummissjoni ttenni t-tħassib serju tagħha rigward id-dikjarazzjonijiet u t-theddid tat-Turkija u tappella għal rispett sħiħ għar-rwol tal-Presidenza tal-Kunsill, li hija karatteristika istituzzjonali fundamentali tal-UE prevista fit-Trattat.

It-taħdidiet taħt l-awspiċju tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex tinstab soluzzjoni komprensiva għall-kwistjoni ta' Ċipru waslu f'imblokk fir-rebbiegħa tal-2012. Soluzzjoni komprensiva hija fl-interess tan-naħat kollha minħabba li din issaħħaħ l-istabbiltà fix-Xlokk tal-Mediterran, toffri opportunitajiet ekonomiċi ġodda lill-Istati Membri u lit-Turkija u tagħti spinta qawwija lin-negozjati ta' adeżjoni tat-Turkija mal-UE. It-Turkija għalhekk qed tissejjaħ biex tidħol f'relazzjoni pożittiva mal-partijiet kollha sabiex il-proċess ikun jista' jintemm b'suċċess.

L-UE għamlet enfasi wkoll fuq id-drittijiet kollha ta' sovranià tal-Istati Membri tal-UE li jinkludu d-dritt li jidħlu fi ftehimiet bilaterali, u jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali tagħhom, f'osservanza tal-*acquis* u tal-liġi internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tal-UN dwar il-Liġi tal-Baħar. B'konformità mal-pożizzjonijiet ripetuti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mis-snin ta' qabel, il-Kummissjoni ttenni li hija kwistjoni ta' urġenza li t-Turkija twettaq l-obbligu tagħha li timplimenta l-Protokoll Addizzjonali u li tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mar-Repubblika ta' Ċipru. Hija tħeġġeġ ukoll li jiġu evitati kull forma ta' theddid, sors ta' kunflitt jew azzjoni li jistgħu jagħmlu ħsara lir-relazzjonijiet tajba ta' viċinat u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim. L-UE se tkompli ssegwi u analizza l-progress li jkun sar rigward dawn il-kwistjonijiet b'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill.

It-Turkija teħtieġ tintensifika l-isforzi tagħha biex issolvi l-kwistjonijiet bilaterali, inklużi t-tilwimiet fuq il-fruntiera, mal-ġirien tagħha. Sar għadd sostanzjali ta' lmenti formali mill-Greċja u minn Ċipru rigward vjolazzjonijiet mit-Turkija tal-ibħra territorjali u l-isparju tal-ajru.

4.3. L-Islanda

L-adeżjoni tal-Islanda għadha materja ta' benefiċċju reċiproku. L-interessi komuni tal-UE u tal-Islanda qed jikbru, inklużi l-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u t-tibdil fil-klima, kif ukoll fid-dawl tal-importanza strateġika tal-politika tal-UE dwar Artiku. L-UE se tistagħna bil-kredenzjali demokratiċi b'saħħithom tal-Islanda.

In-negozjati tal-adeżjoni mal-Islanda mexjin sew, b'livell ġenerali tajjeb ta' allinjament mal-*acquis* tal-UE, bħala riżultat tas-sħubija fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u l-parteċipazzjoni sħiħa f'Schengen mill-2001. Iktar minn nofs il-kapitoli tan-negozjati issa nfetħu li minnhom 10 nġhalqu provviżorjament. Fl-Islanda l-adeżjoni mal-UE għadha kwistjoni ta' dibattitu pubbliku ħaġ. Il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi appoġġ għal attivitajiet ta' komunikazzjoni f'dan ir-rigward u fil-kuntatti interpersonali. Il-Kummissjoni hija fidużjuża li l-UE se tkun kapaċi tippreżenta pakkett għan-negozjati li jikkunsidra l-ispeċifitajiet u l-aspettattivi tal-Islanda, fil-qafas miftiehem għan-negozjati dwar l-adeżjoni, filwaqt li tissalvagwardja l-prinċipji u l-*acquis* tal-Unjoni. Dan se jippermetti, aktar 'il quddiem, għal deċiżjoni tal-poplu tal-Islanda li tkun għal kollox infurmata.

L-Islanda qed tkompli tissodisfa l-kriterji politiċi. Hija demokrazija li tiffunzjona tajjeb b'istituzzjonijiet b'saħħithom u tradizzjonijiet b'għeruq fondi ta' demokrazija rappreżentattiva. Is-sistema ġudizzjarja tal-pajjiż hija ta' standard għoli, u l-Islanda tiżgura t-tisħiħ kontinwu tal-livell diġà għoli tagħha ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

Wara riċessjoni profonda u twila, l-irkupru ekonomiku qabad sew bi tkabbir tajjeb fl-2011-12 u titjib fil-kundizzjonijiet makroekonomiċi.

Kollox ma' kollox, ir-rekord tal-Islanda fl-implimentazzjoni tal-obbligi taż-ŻEE għadu ġeneralment sodisfaċenti. Wieħed jinnotta xi nuqqasijiet f'oqsma bħas-servizzi finanzjarji, is-sikurezza tal-ikel u l-moviment liberu tal-kapital. Restrizzjonijiet temporanji tal-moviment liberu tal-kapital adottati wara l-kriżi finanzjarja tal-2008 għadhom fis-seħħ. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (ASE) bdiet proċedimenti kontra l-Islanda fil-Qorti tal-EFTA f'kawża li tikkonċerna lil Icesave.

5. APPOĠĠ U ASSISTENZA LILL-PAJJIŻI TAT-TKABBIR

5.1. Assistenza Finanzjarja

Il-Kummissjoni tappoġġa lill-pajjiżi tat-tkabbir fit-tnejn tagħhom għall-adeżjoni billi tipprovdi sostenn finanzjarju u tekniku permezz ta' strument finanzjarju ddedikat, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA). Għall-perjodu 2007-2013, il-fondi tal-IPA kienu jammontaw għal EUR 11,6 biljun. Ir-riżultati ewlenin kienu jinkludu żieda fil-kapaċità u fir-riformi fil-pajjiżi benefiċjarji fl-oqsma tal-istat tad-dritt, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, id-drittijiet fundamentali u l-iżvilupp u d-djalogu fis-soċjetà ċivili. Dawn taw kontribut *inter alia* biex in-negożjati tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea jntemmu b'suċċess u biex jingħata bidu għan-negożjati tal-adeżjoni mal-Montenegro f'Ġunju 2012. Qed jingħata sostenn lill-investimenti fl-iżvilupp ekonomiku, soċjali u rurali, jif ukoll il-koperazzjoni rurali fil-Balkani tal-Punent. Eżempji ta' appoġġ speċifiku għall-proġetti jinkludu taħriġ għall-pulizija fil-Montenegro fil-qasam tal-kriminalità orgnizzata u l-korruzzjoni, il-ġestjoni ta' skema ta' għotjiet li tappoġġa l-impjieg tan-nisa fit-Turkija u l-finanzjament tar-riabilitazzjoni ta' ferroviji fil-Kuritur Ewropew X fil-Kroazja, li tipprovdi interfaċċja mal-ferrovija Serbjana.

Għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss 2014-2020, il-Kummissjoni pproponiet allokkazzjoni finanzjarja ta' EUR 14,1 biljun taħt l-istrument ġdid IPA II, li hu livell simili ta' finanzjament fi prezzijiet kostanti meta mqabbel mal-qafas finanzjarju attwali.

Il-Kummissjoni għamlet il-proposta tagħha għar-regolament ġdid IPA II f'Diċembru 2011 bħala parti mill-pakkett ta' strumenti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Titjib fil-fokus strateġiku tal-assistenza finanzjarja ta' qabel l-adeżjoni billi jiġu stabbiliti rabtiet iktar b'saħħithom mal-prijoritajiet identifikati fl-istrateġija ta' tkabbir kif ukoll fl-ippjanar pluriennali huma fost l-innovazzjonijiet tal-IPA. L-ippjanar strateġiku mtejjeb tal-assistenza tal-IPA se jkun rifless fil-Qafas Strateġiku Komuni u f'dokumenti ta' strateġija għall-pajjiż (jew pajjiżi flimkien) li jestendu fuq il-perjodu sħiħ tal-qafas finanzjarju li jmiss u li jkopru b'mod iktar koerenti għadd limitat ta' oqsma ta' politika li se jissostitwixxu l-"komponenti" tal-lum. Għal dan il-għan, element ta' prestazzjoni se jiġi introdott u fid-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż jew pajjiżi flimkien se jiġu stabbiliti *miri* ċari relatati mal-assistenza b'indikaturi realiċi. L-element ta' prestazzjoni se jagħmilha possibbli li pajjiżi li jkollhom prestazzjoni tajba jiġu ppremjati u se jippermetti iktar flessibbiltà fir-riallokkazzjoni tal-fondi f'każ ta' prestazzjoni inadegwata. Barra minn hekk, skont l-IPA II, kemm il-pajjiżi kandidati

kif ukoll daww kandidati potenzjali se jkollhom aċċess għall-istess tip ta' appoġġ, li se jkun determinat l-ewwel nett mill-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tagħhom kif ukoll mir-rekord ta' riżultati fl-użu tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni.

Fil-livell ta' programmi operattivi u l-istess bħal għal strumenti esterni oħra tal-UE, il-*kofinanzjament tal-istrateġiji settorjali* miftehma mal-pajjiżi benefiċjarji se jiġu msaħħa, b'kuntrarju għall-finanzjament tal-proġetti individwali, biex b'hekk jiżdied is-sehem tal-assistenza li hija ffinanzjata permezz ta' sostenn fil-livell settorjali (inkluż l-appoġġ baġitarju settorjali għal uħud mill-oqsma ta' politika). Il-*programmar multi-annwali* li huwa iktar sistematiku se japplika wkoll għall-assistenza għat-tranżizzjoni u l-bini tal-istituzzjonijiet (pereżempju r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika; ir-riforma tas-sistemi ġudizzjarji, eċċ.), biex b'hekk jagħti appoġġ lill-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji settorjali relatati. L-għan huwa li l-fondi tal-UE jintużaw biex jingħata sostenn lil riformi fuq skala kbira b'mod li jwasslu għal valur aħjar għall-flus fit-tħejjija tal-pajjiżi għas-sħubija milli kien jista' jintlaħaq permezz ta' proġetti iżolati, individwali.

Iż-żewġ għanijiet ewlenin tal-IPA huma li jagħtu appoġġ lill-proċess ta' adeżjoni u l-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-benefiċjarji.

It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-governanza tajba se jibqgħu l-enfasi ewlenija tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni futura fil-pajjiżi benefiċjarji kollha, kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Bħala korollarju tal-“approċċ il-ġdid” għall-kapitoli 23 u 24 u minħabba n-natura iktar fit-tul tar-riformi segwiti f'dawn l-oqsma u l-hteġa li jinbnew rekords tajba ta' implimentazzjoni qabel l-adeżjoni, l-assistenza IPA II se tindirizza l-ħtiġijiet tal-pajjiżi benefiċjarji f'dawn l-oqsma minn stadju bikri.

L-assistenza se tkun provduta wkoll biex tagħti sostenn lill-iżvilupp ekonomiku u soċjali, il-koperazzjoni reġjonali u l-koperazzjoni territorjali (azzjonijiet ta' koperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali). Is-sostenn għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali se jindirizza kwistjonijiet bħall-iżvilupp tal-kapital fiżiku; it-titjib tal-konnessjonijiet mal-EU u n-netwerks reġjonali; il-promozzjoni tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-kapital uman; l-inklużjoni soċjali u ekonomika.

Is-sostenn finanzjarju se jeħtieġ li l-pajjiżi tat-tkabbir jadottaw politiki u strateġiji komprensivi u sostenibbli f'setturi prijoritarji bħall-ġustizzja ul-affarijiet interni, l-amministrazzjoni pubblika, l-iżvilupp tas-settur privat, it-trasport, l-enerġija, l-ambjent u t-tibdil-fil-klima, l-iżvilupp soċjali, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. Riżultat mistenni minn dan il-proċess huwa li jkunu assigurati r-responsabbilizzazzjoni lokali u kunsens wiesa' ta' dawn l-istrateġiji, titjib fil-kapaċità tal-pajjiżi benefiċjarji tal-IPA li jippjanaw, jimplimentaw u jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħhom u li jintegraw dan fit-tħejjijiet usa' tagħhom għas-sħubija fl-UE.

5.2. *Il-benefiċċji ta' integrazzjoni iktar mill-qrib qabel l-adeżjoni*

Ammont konsiderevoli ta' benefiċċji huma disponibbli llum għaċ-ċittadini tal-pajjiżi tat-tkabbir, anki qabel l-adeżjoni nfisha. Permezz tal-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE, is-soċjetà ċivili u inizjattivi oħra, ivvjaġġar mingħajr il-viża, u kummerċ permezz tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, iċ-ċittadini qed jinġiebu eqreb lejn l-UE.

Il-parteċipazzjoni fil-programmi tal-UE hija disponibbli għall-maġġoranza tal-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, bi proposta li saret mill-Kummissjoni matul l-2012 li din il-possibbiltà tiġi estiża wkoll għall-Kosovo. Tali parteċipazzjoni tiffamiljarizza lil dawn il-pajjiżi mal-politiki u mal-metodi ta' ħidma tal-UE u tippermetti għal integrazzjoni progressiva fin-netwerks tal-UE. Pereżempju, għadd dejjem jiżdied ta' studenti qed jieħu l-opportunità biex jipparteċipa fil-programmi Erasmus jew l-Erasmus Mundi u x-xjenzjati u riċerkaturi mir-reġjun qed jaħdmu flimkien mal-korrispondenti tagħhom fl-UE permezz tas-Seba' Qafas ta' Riċerka.

L-ivvjaġġar mingħajr il-ħtieġa tal-viża lejn l-UE huwa wieħed mill-benefiċċji l-aktar viżibbli ta' integrazzjoni aktar mill-qrib mal-UE għaċ-ċittadini tal-pajjiżi tat-tkabbir. L-Islanda diġà tiffirma parti miż-żona Schengen Fil-Balkani tal-Punent, iċ-ċittadini Kroati issa ilhom għal xi żmien igawdu minn ivvjaġġar mingħajr il-viża għall-UE kollha. Iċ-ċittadini ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, tal-Montenegro u tas-Serbja ngħataw l-ivvjaġġar ħieles mill-viża għaż-Żona Schengen f'Diċembru 2009 u l-istess *status* ingħata sena wara liċ-ċittadini tal-Albanja u tal-Bosnja-Herzegovina.

Dawn id-deċiżjonijiet reċenti kienu bbażati fuq il-kundizzjoni li dawn il-pajjiżi jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti stipulati fil-kuntest tad-djalogi dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża mmexxija mill-Kummissjoni. Id-djalogi servew ta' inċentiv qawwi għar-riformi biex jintlaħqu l-istandards tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, u f'dak li hu t-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-għieda transnazzjonali kontra l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-migrazzjoni illegali. Fid-dawl ta' żviluppi sussegwenti li jindikaw abbuż tar-reġim ħieles mill-viża u tas-sistema tal-asil, f'Jannar 2011 il-Kummissjoni waqqfet mekkaniżmu ta' monitoraġġ ta' wara l-liberalizzazzjoni tal-viża, li wassal għal kontrolli iktar b'saħħithom fuq il-post. L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-asil mingħajr bażi għadu għoli f'ċerti Stati Membri tal-UE, u dan se jeħtieġ miżuri kontinwati u mmirati minn kull pajjiż fir-reġjun. Fuq livell iktar ġenerali, ġew adottati proposti ġodda biex jippermettu għas-sospensjoni temporanja ta' reġimi ħielsa mill-viża ma' pajjiż terz f'każ li jkun hemm influss ta' persuni hešrem.

F'Jannar 2012 il-Kummissjoni varat djalogu ta' liberalizzazzjoni tal-viża mal-Kosovo.

L-UE u t-Turkija intensifikaw il-koperazzjoni ta' bejniethom rigward kwistjonijiet ta' viża. Ġie inizzjalat Ftehim ta' Riammissjoni UE-Turkija L-iffirmar fi żmien qasir u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu huma ta' importanza kruċjali, anki fid-dawl ta' passi ulterjuri lejn il-liberalizzazzjoni tal-viża bħala perspettiva gradwali u fit-terminu twil.

L-UE tkompli tipprovdi tagħti appoġġ estensiv lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) fil-pajjiżi tat-tkabbir l-aktar permezz tal-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili (FSC). Din tgħin lill-OSĊ biex isaħħu l-kapaċitajiet u l-professjonaliżmu tagħhom, tinkoraġġixxi n-netwerking fil-livelli kollha – UE, nazzjonali, reġjonali – u tippermettilhom jidħlu fi djalogu effettiv mal-atturi pubbliċi u privati u jagħmlu monitoraġġ tal-iżviluppi f'oqsma bħall-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali.

L-attivitajiet tas-soċjetà ċivili huma essenzjali għal demokrazija matura, għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Soċjetà dinamika tikkontribwixxi biex issaħħa ir-responsabbiltà politika, tapprofondixxi l-għarfien u l-inklussività ta' riformi relatati mal-adeżjoni u l-appoġġ għalihom u tappoġġa r-rikonċiljazzjoni f'soċjetajiet mifrudin bil-kunflitt. Il-Montenegro ħa passi biex jassoċja lill-OSĊ bi tħejjija għan-negozjati tal-adeżjoni. Fil-maġġoranza tal-pajjiżi tat-tkabbir, is-soċjetà ċivili kompliet tiżviluppa. F'ċerti każi, għad trid titrawwem aħjar il-kultura ta' aċċettazzjoni tal-OSĊ, u jinħoloq ambjent li jwassal iktar għat-

twettiq u l-kundizzjonijiet għal djalogo msaħħaħ dwar il-politika. Għad baqa' kwistjonijiet rigward il-finanzjament, inkluż f'termini ta' appoġġ u sostenibbiltà mill-Gvern. Filwaqt li l-appoġġ tal-IPA qed jindirizza dawn il-kwistjonijiet skont il-FSC, it-tibdiliet previsti mir-Regolament Finanzjarju se jippermettu biex il-Kummissjoni tikkopera ma' OSĊ ikbar fir-reġjun biex isiru għotjiet iżgħar lill-organizzazzjonijiet lokali l-aktar bażiċi, biex b'hekk jippermettu kontroll demokratiku aħjar u biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati kwistjonijiet li l-aktar jolqtu b'mod dirett liċ-ċittadini.

5.3. *Informazzjoni u komunikazzjoni*

Il-politika tat-tkabbir u b'mod partikolari l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda teħtieġ li tintfieh mill-pubbliku u jkollha l-appoġġ tiegħu sabiex tirnexxi u tkun sostenibbli. Din hija sfida f'ambjent fejn, l-aktar fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ta' dejn pubbliku li tinsab għaddejja, ir-rwol tal-korpi pubbliċi, inkluża l-Unjoni Ewropea, qiegħed dejjem iżjed jiġi ddubutat. Il-Kummissjoni temmen li biex iwieġeb għal dawn l-isfidi l-proċess ta' tkabbir jeħtieġ ikun iktar trasparenti, koerenti u kredibbli għaċ-ċittadini u għall-partijiet interessati ewlenin kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi tat-tkabbir. Bħal f'oqsma oħra ta' politika, il-pubbliku jistenna li jara evidenza tanġibbli tal-effettività tat-tkabbir tal-UE u l-qawwa trasformattiva tiegħu għal dawk il-pajjiżi kkonċernati kif ukoll il-valur miżjud għall-UE kollha kemm hi.

Iktar minn qatt qabel, l-istituzzjonijiet kollha tal-UE se jkollhom jipprovdu informazzjoni dwar il-proċess ta' tkabbir, il-pajjiżi involuti u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-UE, billi jagħtu kontribut għal dibattitu pubbliku fuq it-tkabbir. Hrejef jew biżgħat mingħajr bażi dwar il-proċess ta' tkabbir hemm bżonn li jixxejnu, filwaqt li tħassib leġittimu taċ-ċittadini se jkollu jitwieġeb.

L-Istati Membri u l-pajjiżi tat-tkabbir għandhom ir-rwol ewlieni fl-isforzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni lejn iċ-ċittadini, bil-ħtieġa li l-messaġġi mill-gvernijiet għad-dibattiti nazzjonali tagħhom ikunu jikkomplimentaw il-komunikazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE. L-Istati Membri jeħtieġ li jinfurmaw u jispjegaw lill-udjenzi nazzjonali tagħhom dwar id-deċiżjonijiet li huma kollettivament jieħdu fil-korpi tal-UE dwar kwistjonijiet ta' tkabbir. Il-mexxejja politiċi fil-pajjiżi tat-tkabbir jeħtieġ li jispjegaw kif id-deċiżjonijiet li jieħdu rigward ir-riformi huma relatati mhux biss mal-proċess tal-adeżjoni iżda huma ta' valur intrinsiku għall-funzjonament aħjar tal-Istat. Dan jista' jgħin biex jintrebaħ lura l-appoġġ fil-pajjiżi fejn id-distakk bejn il-politika tal-gvern u l-opinjoni taċ-ċittadini dwar it-tkabbir kiber. Dan jista' wkoll jibni appoġġ pubbliku wiesa' għar-riformi li huwa meħtieġ biex il-pajjiżi tat-tkabbir ikunu jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stretti iżda ġusti għas-sħubija fl-UE.

6. **KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

Abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tippreżenta l-**konklużjonijiet** u r-**rakkomandazzjonijiet** li ġejjin:

I

1. Sa mill-bidu tagħha, l-UE, permezz tal-politika tat-tkabbir, wieġbet għall-aspirazzjoni leġittima tal-popli tal-kontinent tagħna biex ikunu **magħquda fi sforz Ewropew komuni**. Minn sitt membri oriġinali, l-UE waslet biex tilqa' lill-Kroazja bħala t-28 membru tagħha fl-1 ta' Lulju 2013.

2. Fi żmien meta l-UE qed tiffaċċja sfidi kbar u inċertezza globali sinifikanti u qed tikseb *momentum* għdid għal integrazzjoni ekonomika, finanzjarja u politika, il-politika tat-tkabbir qed tkompli tagħti kontribut għall-**paċi, is-sigurtà u l-prosperità** lill-kontinent tagħna. L-adeżjoni imminenti tal-Kroazja, il-bidu tan-negozjati tal-adeżjoni mal-Montenegro u l-*istatus* ta' pajjiż kandidat għas-Serbja bagħtu sinjal qawwi tas-**saħħa trasformattiva** li għandu t-tkabbir u dak li hu possibbli f'żona li sa nofs ġenerazzjoni ilu kienet mifrud bil-gwerra. It-tkabbir lejn ix-Xlokk tal-Ewropa jgħin biex jiġu evitati prezzijiet potenzjalment ħafna oġhla fl-indirizzar tal-konsegwenzi tal-instabbiltà. Dan huwa investiment f'demokrazija sostenibbli u juri l-kapaċità kontinwata tal-UE bħala attur globali.
3. L-isfidi li qed jiffaċċaw liż-Żona tal-Euro flimkien mal-kriżi globali reċenti dan xeħtu enfasi fuq l-interdipendenza tal-ekonomiji nazzjonali kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha. Huma jenfasizzaw l-importanza li nkomplu **nikkonsolidaw l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja** u ninkoraġġixxu r-riformi u t-tkabbir, anki fil-pajjiżi tat-tkabbir. Il-proċess ta' tkabbir huwa għadda qawwija lejn dak il-għan.
4. Fil-qafas ta' **kundizzjonalità** stretta iżda ġusta, fejn il-prinċipju ta' merti proprji huma essenzjali, il-prospett ta' adeżjoni qed isuq riformi politiċi u ekonomiċi, biex b'hekk jittrasforma s-soċjetajiet billi jikkonsolidaw l-istat tad-dritt u jgħallqu opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini u għall-impriżi. fi żmien ta' staġnar ekonomiku, dan itaffi r-riskju ta' reżistenza għal riformi essenzjali.
5. **Il-kredibbiltà** tal-proċess tat-tkabbir hija kruċjali għas-suċċess tagħha. Iż-żamma tal-*momentum* għat-tkabbir kif ukoll għar-riformi huma żewġt uċuħ tal-istess munita. It-tiġdid tal-kunsens dwar it-tkabbir, miftiehem mill-Kunsill Ewropew, għadu l-bażi għall-politika tat-tkabbir tal-UE. It-tkabbir huwa min-natura tiegħu proċess gradwali, ibbażat fuq l-implimentazzjoni solida u sostenibbli ta' riformi mill-pajjiżi kkonċernati. Il-politika tat-tkabbir ġiet aġġustata abbażi tat-tagħlimiet meħuda minn adeżjonijiet suċċessivi biex tkun żgurata l-integrazzjoni mingħajr xkiel ta' Stati Membri ġodda u biex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet ta' pajjiżi fi trasformazzjoni, l-aktar fil-qasam tal-istat tad-dritt.
6. **Ċentrali għall-proċess tat-tkabbir hemm it-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-governanza demokratika.** Permezz tal-approvazzjoni tal-Kunsill għal approċċ għdid propost mill-Kummissjoni għan-negozjati rigward il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u rigward il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, l-istat tad-dritt, inklużi l-isfidi komuni bħall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, jinsab ankrat b'mod sod fil-**qalba tal-politika tat-tkabbir**. In-negozjati dwar l-adeżjoni fuq dawn il-kapitoli kollha se jinfetħu kmieni fil-proċess u jingħalqu fl-aħħar biex b'hekk jippermetti limitu massimu ta' żmien biex jiġu żviluppati rekords tajbin bil-għan ta' irriversibbiltà tar-riformi. Il-Kummissjoni se tkompli tagħti prijorità lil kwistjonijiet dwar l-istat tad-dritt anki ħafna qabel jibdew in-negozjati, inkluż permezz ta' djalogi strutturati u appoġġ settorjali taħt l-IPA II.
7. F'għadd ta' pajjiżi, il-**libertà tal-espressjoni** għadha għajn ta' tħassib. Fid-dawl tal-isfidi li jippersistu f'dan il-qasam, il-Kummissjoni se tkompli tagħti prijorità lil din il-kwistjoni fil-proċess tal-adeżjoni. Il-Kummissjoni tippjana li fl-ewwel nofs tal-2013 tagħmel segwitu għall-konferenza "Speak Up!" (Tkellem) ta' Mejju 2011. Dan l-avveniment għandu jgħib flimkien lill-midja u lill-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili mill-Balkani tal-Punent u mit-Turkija. Ir-riżultati u s-segwitu għal din il-

konferenza se jiġu kkunsidrati fil-monitoraġġ u r-rappurtar tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mill-qrib mal-Parlament Ewropew f'dan il-qasam.

8. F'ħafna oqsma huma meħtieġa approċċi li huma speċifiċi għall-pajjiż biex jindirizzaw sitwazzjonijiet diffiċli, inklużi ostakoli fil-proċess ta' adeżjoni. Il-Kummissjoni nediet *inter alia* **aġenda pożittiva** mat-Turkija u għadd ta' **djalogi strutturati f'livell għoli** mal-Balkani tal-Punent. Tali inizjattivi diġà qed jinjettaw *momentum* fir-riformi. Huma ma jissostitwixxux in-negozjati tal-adeżjoni iżda jiffurmaw pont magħhom. Il-Kummissjoni tinsab impenjata favur din il-forma ta' ingaġġ u se tkompli tiffoka fuq oqsma ewlenin bħall-istat tad-dritt, il-governanza demokratika u r-riformi ekonomiċi.
9. **Il-koperazzjoni reġjonali** u relazzjonijiet ta' viċinat tajbin huma elementi essenzzjali għall-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Kwistjonijiet li jirriżultaw minn kunflitti tal-passat, inklużi d-delitti tal-gwerra, ir-ritorn tar-refuġjati, it-trattament tal-minoranzi u l-garanzija ta' drittijiet indaqs għaċ-ċittadini kollha għadhom sfidi ewlenin għall-istabbiltà fil-Balkani tal-Punent u jeħtieġ li jiġu indirizzati b'urġenza. Il-progress fil-fora reġjonali u l-inklussività tal-koperazzjoni reġjonali jridu jissaħħu. It-tilwim relatat ma' kwistjonijiet interetniċi jew *status* jista' jiġi indirizzat b'suċċess permezz ta' djalogu u kompromess.
10. Fi spirtu ta' **relazzjonijiet tajbin ta' viċinanza** kwistjonijiet bilaterali miftuħa jeħtieġ li jiġu indirizzati mill-partijiet ikkonċernati kmieni kemm jista' jkun matul il-proċess tat-tkabbir, b'determinazzjoni, filwaqt li jikkunsidraw l-interessi ġenerali tal-UE. Kwistjonijiet bilaterali ma għandhomx jostakolaw il-proċess ta' adeżjoni. Il-Kummissjoni thegġegħ lill-partijiet biex jagħmlu kull sforz biex isolvu t-tilwimiet pendent skont prinċipji u mezzi stabbiliti, inkluż billi jirreferu kwistjonijiet kif xieraq lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jew lil korpi oħra eżistenti jew *ad hoc* għas-soluzzjoni ta' tilwim. Il-kuntest ta' negozjati dwar l-adeżjoni jista' jiġġenera stimolu politiku iktar qawwi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Il-Kummissjoni tinsab lest biex tgħin ħalli jinstabu soluzzjonijiet.
11. **It-tisħiħ tal-irkupru ekonomiku** fil-pajjiżi tat-tkabbir huwa tal-akbar importanza. Il-qgħad kompli jogħla u l-maġġoranza tal-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent qed jerġgħu jiċkien. L-ekonomija Torka kompliet tikber, għalkemm f'livell iktar baxx minn qabel. L-irkupru fl-Islanda beda fl-2011 u kompli matul din is-sena. L-UE tinsab impenjata li tkompli tassisti lill-pajjiżi b'pariri dwar il-politiki u b'assistenza finanzjarja. Il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent se jintuża biex jgħin fit-tħejjija u l-appoġġ, f'koperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, lil dawk l-investimenti l-aktar meħtieġa biex jingħataw spinta t-tkabbir u l-impjiegi. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tassoċja l-pajjiżi tat-tkabbir mal-istrateġija Ewropa 2020.
12. Fid-dawl tat-tibdil wiesa' għall-**governanza tal-ekonomija tal-UE** li jinsab għaddej, il-Kummissjoni se tkompli tinforma u tassoċja aktar lill-pajjiżi tat-tkabbir ma' dan il-proċess. Gradwalment hija se tadatta f'dan ir-rigward is-sorveljanza ekonomika attwali tal-pajjiżi tat-tkabbir u teżamina l-possibbiltà ta' użu iktar immirat tal-laqgħat tal-FSA biex tindirizza kwistjonijiet ta' kompetittività u impjiegi.
13. Il-Kummissjoni għamlet il-proposta tagħha għar-**regolament ġdid IPA II** f'Diċembru 2011 għall-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 L-IPA II

għandu l-għan li jiżgura rabta iktar mill-qrib mal-prijoritajiet tal-istrateġija tat-tkabbir, inkluż it-tisħiħ ta' istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt u iktar attenzjoni fuq l-iżvilupp soċjo-ekonomiku. Huwa se jipprovdi sostenn imsaħħa għall-istrateġiji settorjali, b'iktar flessibbiltà u proċeduri ssimplifikati.

14. Illum ħafna benefiċċji huma disponibbli għaċ-ċittadini tal-pajjiżi tat-tkabbir b'**kummerċ permezz tal-FSA, ivvjaġġar ħieles mill-viża** u parteċipazzjoni fil-**programmi Komunitarji**. F'Jannar 2012 il-Kummissjoni varat djalogu ta' liberalizzazzjoni tal-viża mal-Kosovo. Ġie inizjalat Ftehim ta' Riammissjoni UE-Turkija Issa huwa meħtieġ l-iffirmar fi żmien qasir u l-implimentazzjoni effettiva tiegħu, anki fid-dawl ta' passi ulterjuri lejn il-liberalizzazzjoni tal-viża. Fl-istess waqt, il-pajjiżi għandhom jirrinforzaw miżuri biex jindirizzaw l-abbuż mill-ivvjaġġar ħieles mill-viża.
15. Il-politika tat-tkabbir teħtieġ li tinftiehem u jkollha appoġġ mill-pubbliku sabiex tirnexxi u tkun sostenibbli. L-Istati Membri u l-pajjiżi tat-tkabbir għandhom ir-rwol ewlieni fl-isforzi ta' **informazzjoni u komunikazzjoni** lejn iċ-ċittadini. Huwa essenzjali li jiġi inkoraġġit l-għarfien u d-dibattitu informat dwar l-impatt tal-politika tat-tkabbir, l-aktar fi żmien meta l-UE qed tiffaċċja sfidi kbar. Il-Kummissjoni mill-parti tagħha se tkompli tipprovdi informazzjoni dwar il-proċess ta' tkabbir, u tagħti kontribut għal dibattitu pubbliku infurmat dwar it-tkabbir.
16. Il-proċess ta' tkabbir huwa min-natura tiegħu **inklużiv** u jeħtieġ parteċipazzjoni wiesgħa mill-partijiet interessati. Fil-pajjiżi ta' tkabbir, kunsens politiku wiesa' u appoġġ mill-popolazzjoni għar-riformi jagħtu kontribut sinifikantui għat-trasformazzjoni meħtieġa għall-progress fil-perkors lejn l-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tipprovdi appoġġ lill-**Faċilità ts-Soċjetà Ċivili**, b'iktar attenzjoni fuq għotjiet iżgħar lill-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili l-aktar bażiċi.

II

17. **Il-Kroazja:** F'parallel ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar il-konklużjonijiet prinċipali tar-rapport komprensiv ta' monitoraġġ dwar l-istat ta' tħejjija tal-Kroazja għas-sħubija mal-UE. Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Kroazja kompliet tagħmel progress fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE u issa qed tiffinalizza l-allinjament mal-*acquis*. Madankollu, il-Kummissjoni enfasizzat oqsma fejn aktar sforzi għadhom meħtieġa u għadd limitat ta' kwistjonijiet fejn hemm bżonn ta' iżjed sforzi fix-xhur li għejjin. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-oqsma tal-politika tal-kompetizzjoni, il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali – speċjalment l-effiċjenza tal-ġudikatura – u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. huwa essenzjali li l-Kroazja tkun aktar iffukata biex tiżgura li t-tħejjijiet tagħha jkunu finalizzati fil-ħin u dan ikun jista' jiġi rifless fil-Komunikazzjoni dwar rapport finali ta' monitoraġġ dwar it-tħejjijiet ta' adeżjoni tal-Kroazja li se jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni fir-rebbiegħa tal-2013.
18. **Il-Montenegro** Il-kriterji politiċi qed ikomplu jiġu ssodisfati b'mod suffiċjenti. Il-ftuħ tan-negozjati dwar l-adeżjoni f'Ġunju 2012 jirriflettu l-progress kontinwat tiegħu fuq riformi essenzjali. Il-proċess ta' skrinjar beda u mistenni jispiċċa fis-sajf tal-2013. In-negozjati tal-adeżjoni jintegraw l-approċċ il-ġdid għall-kapitoli dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, biex b'hekk

tissaħħaħ il-konċentrazzjoni fuq l-istat tad-dritt. Matul in-negozjati l-Montenegro se jkun jeħtieġ jiżviluppa aktar rekord tajjeb f'dan il-qasam bil-għan ta' implimentazzjoni irriversibbli tar-riformi, b'mod partikolari rigward il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, inkluż f'livell għoli.

19. **Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja** Il-kriterji politiċi qed ikomplu jiġu ssodisfati b'mod suffiċjenti. Il-Gvern poġġa l-aġenda tal-UE fil-qalba tal-attività tiegħu. Id-Djalogu ta' Livell Għoli għall-Adeżjoni mal-Kummissjonbi serva ta' katalist biex jitħaffu r-riformi u ta kontribut biex isir progress sostanzjali f'għadd ta' oqsma ta' politika ewlenin. Il-*momentum* tar-riforma jeħtieġ jinżamm fl-oqsma kollha b'mod partikolari biex tkun żgurata l-implimentazzjoni. Il-konċentrazzjoni fuq l-istat tad-dritt, inkluż rigward il-libertà tal-espressjoni, u dwar relazzjonijiet interetniċi u r-rikonċiljazzjoni jeħtieġ li tinżamm.

Il-Kummissjoni tirrakkomanda għar-raba' darba li jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-Kummissjoni temmen li t-tmexxija tal-proċess tal-adeżjoni ta' dan il-pajjiż għall-istadju li jmiss huwa meħtieġ biex jiġu kkonsolidati l-pass u s-sostenibbiltà tar-riformi, biex b'hekk jittaffa r-riskju li dan il-proċess jinqaleb, kif ukoll biex jissaħħu r-relazzjonijiet interetniċi. Hija se tinfed il-kredibbiltà tal-UE u se tagħti inkoraġġiment lill-isforzi għar-riformi fi bnadi oħra tar-reġjun.

Il-Kummissjoni tenfasizza li ż-żamma ta' relazzjonijiet tajbin mal-viċinat, inkluża soluzzjoni negozjata u aċċettabbli għaż-żewġ naħat għall-kwistjoni tal-isem, taħt l-awspiċju tan-NU, għadha essenzjali.

Deċizzjoni tal-Kunsill Ewropew biex jinfetħu n-negozjati tal-adeżjoni tagħti kontribut biex jinħolqu l-kundizzjonijiet li jwasslu biex tinstab tali soluzzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinsab lesta biex tippreżenta mingħajr dewmien proposta għal qafas ta' negozjati, li jikkunsidra wkoll il-ħtieġa li tissolva l-kwistjoni tal-isem fi stadju bikri tan-negozjati tal-adeżjoni. F'dan ir-rigward, se jittieħed kont ta' oqfsa preċedenti u l-aktar tal-prinċipji tal-approċċ il-ġdid approvat mill-Kunsill f'Diċembru 2011. L-approċċ ta' hawn fuq jeħtieġ impenn politiku qawwi min-naħat kollha qabel iseħħ il-Kunsill Ewropew.

20. **Is-Serbja** Il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2012 ikkonferixxa lis-Serbja l-*istatus* ta' pajjiż kandidat. Is-Serbja tinsab fi triqitha biex tissodisfa biżżejjed il-kriterji politiċi u l-kundizzjonijiet tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Is-Serbja madankollu teħtieġ tagħti attenzjoni partikolari lill-istat tad-dritt, l-aktar il-ġudikatura fejn intoppi reċenti jenfasizzaw il-ħtieġa għal impenn imġedded biex jiġu segwiti r-riformi, u tiġi żgurata l-indipendenza, l-imparzjalità u l-effiċjenza tagħha, u tiegħu wkoll kont tad-deċizzjonijiet reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali. Fid-dawl ukoll ta' ġrajjet reċenti, hemm bżonn ukoll li tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli u lill-awtonomija ta' istituzzjonijiet ewlenin bħall-Bank Ċentrali. Is-Serbja għandha tkompli wkoll billi tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fil-koperazzjoni reġjonali u ssaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien. Il-*momentum* tar-riformi jeħtieġ li jingħata spinta u jsir iżjed progress lejn titjib viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet mal-Kosovo. Żewġ żviluppi reċenti f'dan ir-rigward huma l-iffirmar tas-Serbja tal-protokoll tekniku tal-IBM u l-kjarifika tal-interpretazzjoni tas-Serbja tal-ftehim dwar il-koperazzjoni u rappreżentazzjoni reġjonali tal-Kosovo li, abbażi

tal-implimentazzjoni inizjali, ma għadux ixejjel l-inklussività tal-koperazzjoni regionali.

B'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2011 kif approvati mill-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011 rigward il-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni mas-Serbja, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport hekk kif tkun ikkalkulat li s-Serbja kisbet il-livell meħtieġ ta' konformità mal-kriterji tas-sħubija, b'mod partikolari l-prijorità ewlenija li tiegħu passi lejn titjib viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet mal-Kosovo. Il-Kummissjoni tappella lis-Serbja biex timplimenta bi skop tajjeb il-ftehimiet kollha maqbula sa issa u biex bil-faċilitazzjoni tal-UE tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fil-firxa kollha tal-kwistjonijiet.

Titjib viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo huwa meħtieġ sabiex it-tnejn li huma jkunu jistgħu jkomplu fil-perkors lejn l-UE, filwaqt li jevitaw li kull wieħed minnhom jista' jimblokka lill-ieħor f'dawn l-isforzi. Dan il-proċess għandu gradwalment jirriżulta fin-normalizzazzjoni sħiħa tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo bil-prospettiva li t-tnejn ikunu kapaċi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jwittwu r-responsabbiltajiet mal-UE. L-indirizzar tal-problemi fil-Kosovo ta' fuq, filwaqt li jiġu rispettati l-ħtiġijiet partikolari tal-popolazzjoni lokali, se jkun element essenzjali minn dan il-proċess.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-passi li jwasslu għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn Belgrad u Pristina għandhom jiġu indirizzati wkoll fil-kuntest tal-qafas għal kif jitmexxew in-negozjati għall-adeżjoni futuri mas-Serbja.

Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza ta' dan l-approċċ komprensiv li qed jiġi segwit b'determinazzjoni mill-partijiet bl-appoġġ sħiħ tal-UE.

21. **L-Albanija:** Djalogu mtejjeb bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni, speċjalment wara l-ftehim ta' Novembru 2011, ippermetta lill-Albanija biex tagħmel progress tajjeb biex twettaq il-kriterji politiċi għal sħubija fl-UE. L-Albanija kisbet riżultati f'għadd ta' riformi sostanzjali fit-12-il prijorità ewlenin li ġew identifikati mill-Kummissjoni fl-Opinjoni tagħha tal-2010 u li jridu jitwettqu bil-għan li jinfetħu negozjati ta' adeżjoni mal-Unjoni Ewropea. L-Albanija wettqet erba' prijoritajiet ewlenin, jiġifieri dawk li jirrigwardaw il-funzjonament tal-parlament, l-adozzjoni ta' liġijiet pendenti li jeħtieġu maġġoranza rinfurzata, il-ħatra tal-ombudsman u l-proċessi ta' smiġħ u ta' votazzjoni għall-istituzzjonijiet ewlenin u l-modifika tal-qafas leġiżlattiv għall-elezzjonijiet. L-Albanija tinsab sew fi triqitha biex tissodisfa ż-żewġ prijoritajiet ewlenin rigward ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika u t-titjib tat-trattament tad-detenu. Progress fil-prijoritajiet ewlenin l-oħrajn kienu jinkludu xi passi sinifikanti, l-aktar rigward l-adozzjoni tal-liġi dwar il-qradi amministrattivi, it-tneħħija tal-immunitajiet tal-uffiċjali pubbliċi għoljin u tal-imħallfin, żieda fis-sekwestri ta' assi kriminali, l-adozzjoni ta' strateġija komprensiva rigward ir-riforma tal-proprjetà, u emendi għall-kodiċi kriminali li jsaħħu l-pieni għall-vjolenza domestika

Fid-dawl ta' dan il-progress, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill għandu jagħti lill-Albanija l-*istatus* ta' pajjiż kandidat soġġett għat-tlestija ta' miżuri ewlenin fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarji u fl-amministrazzjoni pubblika u għal r-reviżjoni tar-regoli proċedurali parlamentari. Il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Kunsill malli jkun inkiseb il-progress meħtieġ. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni se tqis ukoll l-impenn muri min-naħa tal-Albanija li *tiġġieled il-korruzzjoni u l-kriminalità*

organizzata, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet proattivi u l-prosekuzzjoni ta' tali każijiet.

Sabiex il-Kummissjoni tirrakkomanda l-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni, jeħtieġ b'mod partikolari li tara implimentazzjoni sostnuta tal-impenji diġà meħuda u li jitlestew il-prijoritajiet ewlenin li kienu għadhom ma twettqux kompletament. Attenzjoni partikolari hija meħtieġa fuq: It-tmexxija tal-elezzjonijiet skont standards Ewropej u internazzjonali; it-tisħiħ tal-indipendenza, l-effiċjenza u r-responsabbilizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji; sforzi determinati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inklużi investigazzjonijiet proattivi u prosekuzzjoni; miżuri effettivi biex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-politiki antidiskriminatorji; u, l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà. Is-suċċess kif jitmexxew l-elezzjonijiet Parlamentari fl-2013 se jkun eżami kruċjali tal-impenn transpartitarju għar-riforma elettorali ġdida u prekondizzjoni għal kwalunkwe rakkomandazzjoni biex jinfetħu n-negozjati. Djalogu politiku sostenibbli u sforzi kontinwati fl-oqsma kollha koperti mill-prijoritajiet ewlenin se jibqgħu essenzjali għall-implimentazzjoni tar-riforma u biex il-futur tal-Albanija fl-UE jkun żgurat.

22. **Il-Bosnja-Herzegovina:** Sar progress limitat biex ikunu ssodisfati l-kriterji politiċi u biex jinkisbu strutturi istituzzjonali aktar funzjonali, ikkordinati u sostenibbli. Skont il-qafas stabbilit tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-Bosnja-Herzegovina kompliet tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv mal-UE fi Djalogu Strutturat dwar il-Ġustizzja.

Id-Djalogu ta' livell Għoli dwar il-Proċess ta' Adeżjoni li tnieda f'Ġunju huwa l-forum qofol għal involviment fuq ir-rekwiżiti għall-proċess ta' integrazzjoni fl-UE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni jiddispaċiha li r-riżultati sa issa għadhom ma laħqux il-livell mistenni. Għad ma hemmx viżjoni fost ir-rappreżentanti politiċi dwar id-direzzjoni ġenerali u futura tal-pajjiż kif ukoll għad ma hemmx struttura istituzzjonali. It-twettiq tal-kundizzjonijiet għad-dħul fis-seħħ tal-FSA u għal applikazzjoni għas-sħubija kredibbli fl-UE għadu kwistjoni ta' prijetà, kif ukoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kordinazzjoni effettiv bejn id-diversi livelli tal-gvern sabiex il-pajjiż ikun jista' jtkellem b'vuċi waħda dwar kwistjonijiet tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha mal-awtoritajiet tal-pajjiż. Madankollu, il-mexxejja tal-pajjiż jeħtieġ juru r-rieda politika biex jintlaħaq kunsens u biex jitwettqu permezz ta' azzjonijiet konkreti l-aspirazzjonijiet tal-UE għall-pajjiż u ċ-ċittadini tiegħu.

Wara d-diżassoċjazzjoni tal-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli, l-UE permezz tal-preżenza msaħħa tagħha, ħadet it-tmexxija f'għadd ta' oqsma biex tassisti lill-awtoritajiet biex jimplimentaw l-għanijiet tal-aġenda tal-UE. F'dan ir-rigward, l-UE se tkompli ssaħħaħ l-appoġġ tagħha lill-istituzzjonijiet tal-pajjiż.

23. **Il-Kosovo:** F'parallel ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar Studju ta' Fattibbiltà għal Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-Kosovo. Dan l-istudju jikkonferma li FSA jista' jiġi konkluż bejn l-UE u l-Kosovo f'sitwazzjoni fejn l-Istati Membri tal-UE jżommu fehmiet differenti dwar l-*istatus*. Il-Kummissjoni se tipproponi direttivi ta' negozjati dwar FSA ladarba l-Kosovo jkun għamel progress biex jissodisfa għadd ta' prijetajiet fuq termini qosra ta' żmien. Huwa essenzjali li l-Kosovo jkompli jimplimenta bi skop tajjeb il-

ftehimiet kollha maqbula sa issa bejn Belgrad u Pristina u biex jinvolvi ruħu b'mod kostruttiv fil-firxa kollha tal-kwistjonijiet bil-faċilitazzjoni tal-UE.

Titjib viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet bejn il-Kosovo u s-Serbja huwa meħtieġ sabiex it-tnejn li huma jkunu jistgħu jkomplu fil-perkors lejn l-UE, filwaqt li jevitaw li kull wieħed minnhom jista' jimblokka lill-ieħor f'dawn l-isforzi. L-indirizzar tal-problemi fil-Kosovo ta' fuq, filwaqt li jiġu rispettati l-ħtiġijiet partikolari tal-popolazzjoni lokali, se jkun element essenzjali minn dan il-proċess.

24. **It-Turkija** It-Turkija hija pajjiż ewlieni għall-UE, meta wieħed iqis l-ekonomija dinamika tiegħu, il-pożizzjoni strateġika u r-rwol reġjonali importanti li għandu. Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza ta' koperazzjoni u djalogu kontinwu dwar kwistjonijiet ta' politika barranija ta' interess komuni għall-UE u t-Turkija, bħall-Afrika ta' fuq, u l-Lvant Nofsani.

Il-potenzjal tar-relazzjoni UE-Turkija jista' jkun sfruttat għal kollox biss fil-qafas ta' proċess ta' adeżjoni attiv u kredibbli li jirrispetta l-impenji tal-UE u l-kundizzjonalità stabbilita. Huwa fl-interess kemm tal-UE kif ukoll tat-Turkija li n-negożjati tal-adeżjoni jergħu jakkwistaw *momentum*, mhux l-inqas biex ikun żgurat li l-UE tibqa' l-punt referenzjali għar-riformi fit-Turkija. Il-Kummissjoni għalhekk temmen li huwa importanti li, f'konformità ma' proċeduri stabbiliti u konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, jerġa' jibda x-xogħol fuq tal-kapitoli tan-negożjati interrott għal għadd ta' snin minħabba n-nuqqas ta' kunsens bejn l-Istati Membri.

Biex il-proċess ta' adeżjoni jerġa' jingħata l-ħajja u jgħib dinamiżmu ġdid għar-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija, il-Kummissjoni se tkompli timplimenta l-aġenda pożittiva fir-relazzjonijiet mat-Turkija li tnediet f'Mejju 2012 u li diġà qed tagħti l-ewwel riżultati tagħha. L-appoġġ attiv tat-Turkija għall-aġenda pożittiva u l-perspettiva Ewropea tagħha għadhom essenzjali.

It-tħassib rigward in-nuqqas tat-Turkija li tagħmel progress sostanzjali biex tissodisfa għal kollox il-kriterji politiċi qed jikber. Is-sitwazzjoni rigward ir-rispett għad-drittijiet fundamentali fil-prattika, inkluża l-libertà tal-espressjoni, qed tkompli tkun għajn ta' preokkupazzjoni serja – minkejja t-titjib leġiżlattiv ta' dan l-aħħar. Huwa importanti li t-Turkija tindirizza l-kwistjonijiet kollha rigward l-indipendenza, l-imparzjalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura. Il-Kummissjoni tilqa' l-impenn tal-gvern Tork biex malajr jippreżenta r-raba' pakkett ta' riforma ġudizzjarja u ssejjaħ biex jindirizza l-kwistjonijiet ewlenin kollha li bħalissa qed ikollhom impatt fuq it-tħaddim fil-prattika tal-libertà tal-espressjoni.

It-Turkija ffriżat ir-relazzjonijiet mal-*Presidenza* tal-Kunsill tal-UE matul it-tieni nofs tal-2012. Il-Kummissjoni ttenni t-tħassib serju tagħha rigward id-dikjarazzjonijiet u t-theddid tat-Turkija u sejjaħ għal rispett sħiħ għar-rwol tal-*Presidenza* tal-Kunsill.

L-UE għamlet enfasi wkoll fuq id-drittijiet kollha ta' sovranià tal-Istati Membri tal-UE li jinkludu d-dritt li jidħlu fi ftehimiet bilaterali, u jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali tagħhom, f'osservanza tal-*acquis* u tal-liġi internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tal-UN dwar il-Liġi tal-Baħar. B'konformità mal-pożizzjonijiet ripetuti tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mis-snin ta' qabel, il-Kummissjoni ttenni li hija kwistjoni ta' urġenza li t-Turkija twettaq l-obbligu tagħha li timplimenta l-Protokoll

Addizzjonali u li tagħmel progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mar-Repubblika ta' Ċipru. Dan jista' jipprovdi *momentum* ġdid għall-proċess tal-adeżjoni. Fin-nuqqas ta' progress f'dawn l-oqsma, il-Kummissjoni tagħti l-parir li l-UE żżomm il-miżuri tagħha tal-2006. Hija tħeġġeġ ukoll li jiġu evitati kull forma ta' theddid, sors ta' kunflitt jew azzjon li jistgħu jagħmlu ħsara lir-relazzjonijiet tajba ta' viċinat u s-soluzzjoni paċifika tat-tilwim.

It-Turkija hija mħeġġa biex iżżid f'termini konkreti l-impenn u l-kontribut tagħha għat-taħdidiet taħt il-bon offiċji tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex tinstab soluzzjoni komprensiva għall-kwistjoni ta' Ċipru.

25. Rigward il-**kwistjoni ta' Ċipru**, in-negożjati dwar ftehim komprensiv bejn il-mexxejja tal-komunitajiet Ċiprijotta Griega u dik Ċiprijotta Torka taħt l-awspiċi tan-Nazzjonijiet Uniti waslu f'impass. Huwa meħtieġ n-negożjati jerġgħu jibdew bil-għan li tintlaħaq konklużjoni rapida tat-taħditiet, li tibni fuq il-progress miksub sa issa. Dan se jeħtieġ li tinholq klima pożittiva li tiffaċilita t-tlestija tal-proċess u tipprepara lill-pubbliku għall-kompromessi meħtieġa. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tkompli tipprovdi appoġġ politiku qawwi u pariri tekniċi dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-UE.
26. **L-Islanda:** L-interessi komuni tal-UE u tal-Islanda qed jikbru , inklużi l-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u t-tibdil fil-klima, kif ukoll fid-dawl tal-importanza strateġika tal-politika tal-UE dwar Artiku. In-negożjati ta' adeżjoni mal-Islanda qed jagħmlu progress tajjeb. Fl-Islanda l-adeżjoni mal-UE għadha kwistjoni ta' dibattitu pubbliku ħaj. Il-Kummissjoni hija fiduċjuża li l-UE se tkun kapaċi tippreżenta pakkett għan-negożjati li jikkunsidra l-ispeċifikitajiet u l-aspettattivi tal-Islanda u li jissalvagwardja l-prinċipji u l-*acquis* tal-UE, filwaqt li fil-futur jippermetti wkoll għal deċiżjoni infurmata mill-poplu tal-Islanda.

ANNEX

Konklużjonijiet dwar il-Montenegro, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja, l-Albanija, il-Bosnja-Herzegovina, it-Turkija u l-Islanda

Il-Montenegro

Il-Montenegro jissodisfa biżżejjed il-**kriterji politiċi** għal shibija fl-UE. Il-qafas leġislativ u istituzzjonali u l-politiki ttejbu bil-għan li jissaħħaħ il-funzjonament tal-parlament, il-ġudikatura, il-politika kontra l-korruzzjoni, id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi. Ir-riformi kostituzzjonali u fl-amministrazzjoni pubblika li għaddejjin komplew jagħmlu progress. Ir-rekord tajjeb rigward l-infurzar tal-liġi kompli jżviluppa. Hemm bżonn li jiġu segwiti sforzi fil-qasam tal-istat tad-dritt, b'mod partikolari biex tiġi ffinalizzata r-riforma kostituzzjonali li tinsab għaddejja mmirata biex issaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja u biex tkompli tiżviluppa r-rekord tajjeb ta' implimentazzjoni, l-aktar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata. Il-Montenegro kompli jaqdi rwol kostruttiv fir-reġjun, jirrispetta l-impenji internazzjonali tiegħu kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni.

Rigward **id-demokrazija u l-istat tad-dritt**, il-Montenegro kiseb progress fit-tisħiħ tar-rwol leġislativ u ta' sorveljanza tal-*parlament*, inkluż fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-istat tad-dritt. Ingħata bidu għall-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni adottata dan l-aħħar dwar l-elezzjonijiet, u l-kapaċità amministrattiva u esperta tal-parlament issaħħet. It-trasparenza tgiebet u saru t-tnejn għall-kumitati awtonomi għall-integrazzjoni Ewropea u għal kontra l-korruzzjoni. Sforzi għat-tisħiħ tal-kapaċità leġislativa u ta' sorveljanza tal-parlament għad iridu jiġu segwiti.

It-tfassil tal-politika tal-*gvern* kompli jitjieb. L-istrutturi għan-negozjati tal-adeżjoni qegħdin gradwalment jiġu stabbiliti u jinkludu rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-kapaċità amministrattiva għall-kordinazzjoni tal-integrazzjoni Ewropea, inkluż rigward l-assistenza finanzjarja, jeħtieġ tkompli tissaħħaħ biex tissodisfa r-rekwiżiti tan-negozjati tal-adeżjoni. Il-kapaċità ġenerali tal-ministeri biex jipproduċu leġislazzjoni u valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalità għolja teħtieġ tissaħħaħ. Rigward il-gvern lokali, jeħtieġ isiru iktar sforzi biex tiġi implimentata leġislazzjoni reċenti u tiġi stabbilita amministrazzjoni trasparenti, effiċjenti u responsabbli.

Il-Montenegro ħa passi ulterjuri biex jindirizza l-isfidi tar-*riforma fl-amministrazzjoni pubblika*. Il-qafas leġislativ u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni reċenti jeħtieġ jitjiebu, f'manjiera finanzjarjament sostenibbli u b'mekkaniżmi ta' verifika adegwati. Il-kapaċità tal-Ombudsman issaħħet iżda teħtieġ tkompli tissaħħaħ.

Sar xi progress rigward is-*sistema ġudizzjarja*. Bdiet l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni li ġiet adottata dan l-aħħar. Sar progress rigward il-pubblikazzjoni tas-sentenzi tal-qorti u l-kawżi pendenti. Il-proċess tar-riforma kostituzzjonali biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura skont l-istandards Ewropej avvanzat iżda għadha ma tlestietx. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex ikunu żgurati ħatriet ibbażati fuq il-mertu u l-iżvilupp tal-karriera, kif ukoll jissaħħu s-salvagwardji għar-responsabbilizzazzjoni u l-integrità fil-ġudikatura.

Sar xi progress fil-qasam ta' *kontra l-korruzzjoni*. Bdiet l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni li ġiet adottata dan l-aħħar fl-oqsma ewlenin tal-finanzjament tal-partiti politiċi, il-prevenzjoni tal-kunflitt ta' interess u l-akkwist pubbliku. Il-kapaċità tal-istituzzjonijiet superviżorji teħtieġ

tissaħħaħ, b'mod partikolari l-Kummissjoni Elettorali Statali, l-Istituzzjoni Statali tal-Awditjar u l-Kummissjoni għall-Prevenzjoni tal-Kunflitt ta' Interess. Il-Montenegro kompli jżviluppa r-rekord tajjeb tiegħu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni f'każi ta' korruzzjoni, iżda l-għadd tagħhom għadu baxx u għadhom ma ngħatawx ordnijiet ta' sekwestru u konfiska ta' assi għal reati ta' korruzzjoni. Il-korruzzjoni għadha mifruxa u qed tkompli tikkaġuna tħassib serju, billi xxekkel l-investigazzjonijiet tal-forzi tal-liġi rigward il-kriminalità organizzata.

Sar progress fil-qasam tal-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata*. Ir-rekord tajjeb kompli jżviluppa, iżda jeħtieġ ikompli javvanza. L-indirizzar tal-kriminalità organizzata b'kull mezz li toffri s-sistema legali jippreżenta sfidi partikolari għall-pajjiż. Il-koperazzjoni reġjonali u internazzjonali ssaħħet permezz tal-iffirmar ta' ftehimiet u operazzjonijiet konġunti. Madankollu, r-riżultati milħuqa, Inklużi l-kapaċitajiet amministrattivi u l-koperazzjoni bejn l-aġenziji fil-qasam tal-kriminalità organizzata jridu jiġu proattivament ikkonsolidati, l-aktar fil-qasam tal-investigazzjonijiet finanzjarji, filwaqt li l-qafas legali għad irid jiġi finalizzat. Sistema ta' servizz sigriet nazzjonali dwar il-kriminalità għad trid titwaqqaf. In-nuqqas tagħha jxekkel l-effettività tal-korpi tal-infurzar tal-liġi, li trid tissaħħaħ. Ir-rwol ewlieni tal-prosekutur fl-investigazzjonijiet għad irid jissaħħaħ. Hemm bżonn li jiżdiedu l-isforzi fil-*ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u t-traffikar tal-bnedmin*, inkluż l-identifikazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-vittmi.

Il-Montenegro kompli jtejjeb il-qafas legali u istituzzjonali għall-protezzjoni tad-***drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi***. L-awtoritajiet, inkluż fl-ogħla livell, urew attitudini iktar pożittiva lejn id-drittijiet tal-bniedem. It-tlestija tal-qafas leġislativ u istituzzjonali rilevanti teħtieġ tkompli, u l-kapaċitajiet amministrattivi u finanzjarji f'dan il-qasam jeħtieġ jissaħħu, inklużi dawk tal-prosekutur tal-istat u tal-Ombudsman.

Sar progress tajjeb fit-titjib tal-qafas legali u amministrattiv għad-*drittijiet ċivili u politiċi* fil-Montenegro, u fl-infurzar tagħhom. Is-saħħa tal-Ombudsman li jaġixxi kontra t-trattament ħażin jeħtieġ jissaħħaħ, u l-kundizzjonijiet tal-ħajja fil-ħabsijiet iridu jitjiebu. L-isforzi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każi ta' vjolenza fuq il-ġurnalisti jeħtieġ jiġu intensifikati.

Il-Montenegro għamel progress rigward id-*drittijiet soċjali u ekonomiċi*, billi kkonsolida l-qafas legali u amministrattiv rilevanti. L-attitudni iktar pożittiva tal-awtoritajiet tat kontribut għall-promozzjoni ta' dawn id-drittijiet, iżda hemm bżonn ta' allokazżjonijiet finanzjarji addizzjonali, u riżorsi umani kompetenti biex isaħħuhom. It-trattament tal-ksur tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi jeħtieġ jitjieb.

Il-Montenegro għamel progress fil-*protezzjoni tal-minoranzi u d-drittijiet kulturali*. L-adozzjoni tal-Istrateġija biexd titjieb il-qagħda tal-popolazzjonijiet Rom, Ashkali u Eġizzjani u l-Pjan ta' Azzjoni rilevanti huma żviluppi pożittivi lejn dan il-għan, iżda l-inklużjoni tar-Rom, l-Ashkali u l-Eġizzjani teħtieġ titjieb, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tad-dokumenti tal-politika rilevanti, minħabba li dawn għadhom jiffaċċaw id-diskriminazzjoni. Komplu jsir progress fl-għoti ta' *status* legali lil persuni spostati, iżda għad hemm distakk fl-aċċess għad-drittijiet ekonomiċi u soċjali għal dawn in-nies.

Rigward ***kwistjonijiet reġjonali u obbligi internazzjonali***, il-Montenegro qed ikompli jissodisfa l-kundizzjonalità tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni dwar il-koperazzjoni mal-ICTY u l-koperazzjoni reġjonali. Ċerti kwistjonijiet bilaterali mal-pajjiżi ġirien għadhom mhux solvuti, speċjalment fil-qasam tad-demarkazzjoni tal-fruntiera.

Sar progress sinifikanti rigward il-Proċess tad-Dikjarazzjoni ta' Sarajevo. Il-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja, il-Montenegro u s-Serbja komplew jikkoperaw u jsibu soluzzjonijiet sostenibbli għar-rifuġjati li kienu spustati b'riżultat tal-kunflitti armati tas-snin 90. L-erba' pajjiżi ffirmaw dikjarazzjoni ministerjali u qablu dwar Programm Reġjonali tad-Djar li għal assistenza lil madwar 27 000 unità domestika u 74 000 individwu. F'konferenza internazzjonali għad-donaturi li saret f'Sarajevo f'April 2012 madwar EUR 265 miljun ġew imwegħda b'appoġġ għall-programm. Hemm bżonn li tkompli koperazzjoni tajba fuq il-kwistjonijiet pendenti kollha fil-proċess.

Rigward il-Qorti Kriminalli Internazzjonali, il-ftehim dwar l-immunità bilaterali mal-Istati Uniti ma jaqbilx mal-pożizzjonijiet komuni u mal-prinċipji gwida tal-UE. Il-Montenegro jeħtieġ jallinja ruħu mal-pożizzjoni tal-UE.

Wara rkupru moderat fl-2011, l-**ekonomija** tal-Montenegro marret lura fl-ewwel nofs tal-2012. Id-domanda domestika għadha baxxa minħabba tkabbir dgħajef tal-kreditu u eċċess tad-dejn fis-settur privat li għadu kbir. Fl-assenza ta' għodod standard ta' politika monetarja³ il-politika ekonomika kompliet tkun orjentata lejn it-tisħiħ tal-istabbiltà ekonomika u finanzjarja billi jiġu segwiti l-konsolidazzjoni fiskali u riformi strutturali Madankollu, obbligazzjonijiet kontinġenti mill-garanziji statali saru riskju sinifikanti għall-istabbiltà tal-finanzi pubbliċi. Il-qgħad għadu għoli filwaqt li n-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt, ir-riżorsi umani u fl-infrastruttura għadhom jippersistu.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, il-Montenegro għamel ftit iktar progress lejn ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Madankollu, ir-ristrutturar tal-industrija tal-metall li għadu ma ġiex iffinalizzat, problemi mifruxa ta' likwidità u kundizzjonijiet dgħajfa fis-suq tax-xogħol għadhom ixejjlu l-allokkazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. Il-pajjiż għandu jkun kapaċi jlaħħaq mal-pressjonijiet kompetittivi u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni fuq it-terminu medju, bil-kundizzjoni li jkompli jindirizza d-dgħufijiet attwali permezz ta' politiki makroekonomiċi xierqa u riformi strutturali.

L-istabbiltà makroekonomika ġeneralment inżammet. Is-settur bankarju għadu qed jirkupra, bid-depożiti gradwalment deklin lura fis-sistema. Sar iktar titjib fil-proċeduri tad-dħul fis-suq u tal-irkupru mill-falliment. L-effiċjenza tal-infurzar ċivili tal-pretensjonijiet tjebet. Il-liberalizzazzjoni tal-industriji tat-telekomunikazzjoni u l-enerġija ffaċilitat il-ftuħ tas-swieq rispettivi tagħhom u r-regolaturi tagħhom saru iktar assertivi. Il-parteċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka tal-UE kienet iktar attiva. Il-Montenegro għadu integrat ħafna fis-swieq tal-UE u tas-CEFTA.

Madankollu, għandhom jippersistu żbilanċi esterni kbar. Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol għadha dgħajfa b'rati għoljin ta' qgħad. Il-pressjonijiet inflazzjonarji qed jiżdiedu. It-tnaqqis fl-ingranaġġ tas-settur finanzjarju qed ikompli, u jikkawża problemi ta' likwidità u l-akkumulu sussegwenti ta' arretrati ta' taxxi u pagamenti oħra fl-ekonomija. Barra minn hekk l-istabbiltà tal-finanzi pubbliċi sabet sfida mill-pressjonijiet li jirriżultaw mill-obbligazzjonijiet kontinġenti u l-kontribuzzjonijiet mhux imħallsa. Id-dejn pubbliku kompli jiżdied. Is-sitwazzjoni ekonomika diffiċli tal-produttur tal-aluminju jeħtieġ tiġi indirizzata. Filwaqt li l-pajjiż jeħtieġ jattira iktar investimenti biex jiżviluppa l-infrastruttura tiegħu, id-dgħufijiet fl-istat tad-dritt u settur informali kbir qed ikompli jxejjlu l-ambjent tan-negozju.

Il-Montenegro għamel ftit progress billi tejjeb il-**kapaċità tiegħu li jassumi l-obbligi tas-sħubija**. Sar progress tajjeb fl-oqsma tal-akkwist pubbliku, il-politika tat-trasport, l-istatistika u x-xjenza u r-riċerka. Il-progress f'oqsma oħra bħall-moviment liberu tal-ħaddiema, il-moviment liberu tal-kapital, il-liġi tal-kumpaniji, is-sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja, it-tassazzjoni, il-politika tal-intrapriżi u industrijali, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, u d-dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji kien limitat. Il-kapaċità amministrattiva limitata tal-Montenegro tirrappreżenta sfida f'għadd ta' oqsma u teħtieġ tissaħħaħ fid-dawl tan-negozjati tal-adeżjoni u tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-*acquis*. Kolloxx ma' kolloxx, il-Montenegro kompli jimplimenta mingħajr intopp l-obbligi skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA). Għad baqa' xi dsikrepanzi rigward l-għajnuniet mill-Istat, fejn iktar sforzi huma meħtieġa rigward l-allinjament.

Il-Montenegro għamel xi progress fil-qasam tal-*moviment liberu tal-merkanzija*. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali, kordinazzjoni aħjar u responsabbilizzazzjoni iktar qawwija għal iktar allinjament mal-*acquis*. Ġeneralment, it-tħejjijiet fil-qasam tal-*moviment liberu tal-merkanzija* huma relattivament avvanzati.

Sar ftit progress fil-qasam tal-*moviment liberu tal-ħaddiema*, fejn l-allinjament mal-*acquis* għadu fi stadju bikri. Jista' jiġi rrapportat xi progress fuq id-dritt ta' *stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi*. Il-Montenegro għamel progress tajjeb lejn l-allinjament mal-*acquis* tal-liġi l-ġdida dwar is-servizzi postali. Rigward id-dritt ta' *stabbiliment*, ir-riformi leġislattivi jeħtieġ jiġu implimentati. Għad hemm bżonn ta' sforzi konsiderevoli rigward l-allinjament tal-leġislazzjoni mad-Direttiva dwar is-Servizzi, rigward l-għarfien reċiproku tal-kwalifiki professjonali u rigward il-koperazzjoni interistituzzjonali. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Jista' jiġi rrapportat ftit progress dwar il-*moviment liberu tal-kapital* minkejja li t-tħejjijiet jinsabu tajjeb fi triqithom. L-allinjament sħiħ mal-*acquis*, rigward is-sistemi tal-ħlas u t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, l-aktar fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, se jkun jeħtieġ li jiġu segwiti aktar. Rigward il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, it-tħejjijiet għadhom fi stadju relattivament bikri. Jeħtieġ isiru sforzi kbar biex tiġi infurzata l-leġislazzjoni, tissaħħaħ il-kordinazzjoni bejn l-aġenziji u jiġi stabbilit rekord tajjeb fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tal-krimninalità. Kolloxx ma' kolloxx, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu tajjeb fi triqithom.

Sar progress tajjeb fil-qasam tal-*akkwist pubbliku*. L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni l-ġdida għadha ta' tħassib. Il-qafas leġislattiv għall-konċessjonijiet għad irid jiġi allinjat mal-*acquis*. Ir-rwol, il-poteri u l-kompetenzi tas-servizzi futuri ta'spezzjoni jeħtieġ jiġu ċċarati u jingħatalhom biżżejjed persunal. Jista' jiġi rrapportat ftit progress fil-qasam tal-*liġi tal-kumpaniji*. Emendi ġodda għal-Liġi dwar il-kontabbiltà u l-awditjar, it-twaqqif ta' korp indipendenti ta' sorveljanza għall-awdituri u sistema relatata ta' kontroll tal-kwalità, għad trid tiġi adottata. Jista' jiġi rrapportat xi progress fuq il-*proprietà intellettuali*. Jeħtieġ isiru iżjed sforzi għall-allinjament mal-*acquis* f'dan il-qasam u biex jiġi implimentat b'mod effettiv. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'kull wieħed minn dawn l-oqsma huma moderatament avvanzati.

Sar xi progress fil-qasam tal-*politika tal-kompetizzjoni*. Jeħtieġ isiru iżjed sforzi biex il-leġislazzjoni tal-Montenegro tiġi allinjata mal-*acquis* u biex tiġi żgurata l-indipendenza operattiva tal-awtorità tal-kompetizzjoni. Jeħtieġ tingħata attenzjoni speċjali lill-infurzar tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-aktar fl-oqsma tal-għajnuna mill-Istat lis-setturi sensitivi. Ġeneralment, it-tħejjijiet fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni huma moderatament avvanzati.

Kien hemm xi progress fil-qasam tas-*servizzi finanzjarji*. Sar progress fl-adozzjoni tal-leġislazzjoni fuq l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni u ta' dejta mill-banek, rigward il-kalkolu ta' skoperturi kbar u rigward l-UCITS. Hemm bżonn ta' sforzi sostanzjali għal allinjament mal-*acquis* attwali u għall-implimentazzjoni tiegħu fl-oqsma koperti minn dan il-kapitolu. Ġeneralment, il-livell ta' allinjament għadu moderatament avvanzat.

Kien hemm xi progress fil-qasam tas-*soċjetà tal-informazzjoni u l-midja*. Madankollu, l-indipendenza tal-korpi regolatorji ġiet imdghajjfa minn emendi għal-leġislazzjoni. Kollox ma' kollox, it-tħejjijiet huma moderatament avvanzati.

Sar progress fil-qasam tal-*agrikoltura u l-iżvilupp rurali*. Jeħtieġ isiru sforzi biex jiġi żviluppat qafas legali xieraq li jissodisfa l-oġettivi tal-pjan nazzjonali ta' azzjoni lejn akkreditazzjoni għall-ġestjoni tal-fondi għall-iżvilupp rurali. Sar progress limitat fil-qasam tas-*sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja*. Jeħtieġ isiru sforzi fl-oqsma kollha, b'mod partikolari rigward allinjament ulterjuri mal-*acquis*, ir-rinforzament tal-kontroll tal-kapaċità fil-qasam veterinarju, u l-evalwazzjoni tal-istandards iġjeniċi fl-istabbilimenti tal-ikel u tal-ġhalf. Sar xi progress fil-qasam tas-*sajd*. Jeħtieġ isiru sforzi rigward l-allinjament tal-leġislazzjoni mal-*acquis* dwar is-sajd u l-implimentazzjoni ta' standards tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġestjoni tar-riżorsi, l-ispezzjoni u l-kontroll, il-politika tas-suq, il-politika strutturali u dwar l-għajnuna mill-Istat. L-allinjament mal-*acquis* f'kull wieħed minn dawn għadu fi stadju bikri.

Sar progress tajjeb fil-qasam tat-trasport, b'mod partikolari rigward it-trasport fit-triq, bil-ferrovija u bil-baħar, iżda hemm bżonn tal-implimentazzjoni effettiva tal-*acquis*. Għad irid isir iktar progress fis-settur tat-trasport bil-ferrovija rigward l-interoperabbiltà, it-twaqqif ta' korp għall-investigazzjoni tal-inċidenti, kif ukoll l-indipendenza tar-regolatur tat-trasport. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju avvanzat. Jista' jiġi rrapportat xi progress fil-qasam tal-*enerġija*. Għad trid tiġi adottata leġislazzjoni ta' implimentazzjoni għas-suq intern tal-enerġija. Il-Montenegro għad irid jadotta l-atti neċessarji rigward ir-riżervi ta' ħażna taż-żejt, kif ukoll il-programmi ta' ħidma fuq 10 snin dwar l-iżvilupp tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (RES). L-allinjament mal-*acquis* jinsab fi stadju bikri f'dan il-qasam.

Sar f'tit progress fil-qasam tat-*tassazzjoni*, bl-iżviluppi jikkonsistu l-aktar fit-twaqqif ta' dipartimenti ġodda fl-amministrazzjoni tat-taxxa. Jeħtieġ isiru iżjed sforzi biex tiġi żviluppata strateġija ġenerali tan-negozju u tal-IT. Ġeneralment, fil-qasam tat-tassazzjoni, l-allinjament tal-Montenegro mal-*acquis* jinsab fi stadju bikri.

Sar xi progress fil-qasam tal-*politika ekonomika u monetarja*. Sforzi sostanzjali għad iridu jsiru biex jitlestha l-allinjament mal-*acquis*, b'mod partikolari rigward l-indipendenza tal-Bank Ċentrali, il-finanzjament monetarju u l-aċċess privileġġat tas-settur pubbliku għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-kapaċità għall-formulazzjoni u l-kordinazzjoni tal-politika ekonomika jeħtieġ tissaħħaħ aktar. L-użu attwali tal-euro mill-Montenegro, li ddeċidew l-awtoritajiet tal-Montenegro f'ċirkustanzi eċċezzjonali, huwa għal kollox separat mis-sħubija fiż-żona tal-euro. Kollox ma' kollox, il-livell ta' allinjament fil-qasam tal-politika ekonomika u monetarja huwa moderatament avvanzat f'dan l-istadju. Jista' jiġi rrapportat xi progress fil-qasam tal-*istatistika*. Madankollu, il-Montenegro għad irid jagħmel sforzi serji u konsistenti biex jallinja ruħu mal-*acquis* rigward l-istatistika agrikola, kummerċjali u makroekonomika. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Sar ċertu progress fil-qasam tal-*politika soċjali u l-impjiegi*. Hemm bżonn ta' iktar progress fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. Il-kapaċità tas-Servizz għall-Impjiegi

Pubbliċi jeħtieġ jissaħħa, flimkien ma' approċċi ta' attivazzjoni sabiex jindirizzaw l-attività u rati ta' impjegi baxxi u d-diskrepanza bejn il-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet disponibbli. Miżuri u politiki għat-tnaqqis tal-faqar u għall-inklużjoni tar-Rom jeħtieġ jissaħħu. Il-qagħda tal-finanzi pubbliċi qed tkompli jkollha mpatt negattiv fuq ir-riformi fil-qasam soċjali. Hemm bżonn li jżiedu l-isforzi għall-implimentazzjoni tar-riformi ppjanati fil-qasam tal-pensjonijiet. Ġeneralment, il-Montenegro beda jindirizza l-prijoritajiet tiegħu f'dan il-qasam.

Sar progress limitat fil-qasam tal-politika *industrijali u tal-impriżi*. Jeżistu diversi strateġiji u istituzzjonijiet. Jeħtieġ isiru iktar sforzi biex ikunu żgurati l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' din il-politika.

Twettaq xi progress fil-qasam tan-*Networks Trans-Ewropej*. Rigward l-infrastruttura tan-networks ta' trasport, għad fadal ħafna xogħol xi jsir fuq it-titjib tal-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija. L-interkonnessjonijiet tal-gass mal-pajjiżi viċini jeħtieġ jiġu żviluppati u s-sistemi ta' trażmissjoni nazzjonali aġġornati. Kollox ma' kollox, it-tħejjijiet f'dan il-qasam għadhom fi stadju bikri. Sar fiit progress fil-qasam tal-*politika reġjonali u l-kordinazzjoni tal-istrumenti strutturali*, b'mod partikolari rigward il-qafas istituzzjonali u l-programmar. Il-Montenegro teħtieġ issaħħa il-kapaċità amministrattiva fl-istrutturi stabbiliti tal-IPA u tħejjihom b'mod adegwat għall-futur. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam bdew.

Il-Montenegro għamel xi progress fil-qasam tal-*ġudikatura u d-drittijiet fundamentali*. Bdiet l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni li ġiet adottata dan l-aħħar. Sar progress rigward il-pubblikazzjoni tas-sentenzi tal-qorti u l-kawżi pendenti. Ir-riforma kostituzzjonali mmirata biex issaħħa l-indipendenza ġudizzjara għadha ma ġietx finalizzata. Hemm bżomm jiġu stabbiliti sistema unika ta' reklutaġġ madwar il-pajjiż u sistema ta' monitoraġġ tat-tul tal-proċessi ġuridiċi filwaqt li n-network tal-qorti jeħtieġ jiġi razzjonalizzat u l-affidabilità tal-istatistika ġudizzjarja mtejba. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex ikunu żgurati ħatriet ibbażati fuq il-mertu u l-iżvilupp tal-karriera, kif ukoll jissaħħu s-salvagwardji għar-responsabbilizzazzjoni u l-integrità fil-ġudikatura. Il-Montenegro kompla jiżviluppa r-rekord tajjeb tiegħu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni f'każi ta' korruzzjoni, iżda iżjed sforzi huma meħtieġa f'dan ir-rigward. Il-korruzzjoni għadha mifruxa u qed tkompli tikkaġuna tħassib serju, billi tippermetti l-infiltrazzjoni tal-gruppi kriminali organizzati fis-settur pubbliku u privat. L-għadd ta' kundanni finali għadu baxx u għad ma hemmx kawżi ta' korruzzjoni fejn ingħataw ordnijiet ta' sekwestru u konfiska ta' assi.

Il-qafas legali u istituzzjonali attwali għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali kompla jiġi msaħħa. Id-dekriminalizzazzjoni tal-defamazzjoni tat kontribut għat-titjib tal-ambjent medjatiku fil-pajjiż. Il-proċess tal-ġoti ta' *status* legali lil persuni spustati kompla javvanza. L-inklużjoni soċjali tar-Rom, l-Ashkali u l-Eġizzjani jeħtieġ tkompli, l-aktar permezz tal-implimentazzjoni tad-dokumenti ta' politika rilevanti. Fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem mill-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi għadhom jippersistu n-nuqqasijiet. L-isforzi għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każi ta' vjolenza fuq il-ġurnalisti jeħtieġ jiġu intensifikati. Se jkunu meħtieġa aktar sforzi konsistenti biex f'dan il-qasam isir allinjament mal-*acquis* tal-UE u ma' standards internazzjonali. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avanzat.

Il-Montenegro għamel xi progress fil-qasam tal-*ġustizzja, l-libertà u s-sigurtà*. Ingħata bidu għall-allinjament mal-*acquis* fil-qasam tal-migrazzjoni, l-asil u l-viża. Il-kostruzzjoni taċ-ċentru għall-barranin u ta' dak għal dawk li qed ifittxu l-asil qed tiġi finalizzata. L-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntiera tinsab tajba fi triqitha. Fil-qasam tal-koperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità

organizzata, il-pajjiż kompla jestendi n-network internazzjonali u reġjonali tiegħu, u jirrinforza l-qafas legali u l-kapaċitajiet amministrattivi tiegħu. Operazzjonijiet investigattivi konġunti ma' pajjiżi oħra fir-reġjun, kif ukoll ma' Stati Membri tal-UE, l-Interpol u l-Europol, irriżultaw f'żieda fl-għadd ta' akkużi, arresti u kundanni fil-qasam tal-kriminalità organizzata. L-oqfsa legali u ta' politika f'dan il-qasam tjebe. Se jkunu meħtieġa iktar sforzi konsistenti għal allinjament mal-*acquis* f'dan il-kapitolu, l-aktar fl-oqsma tal-asil, il-viżi, il-fruntieri esterni u Schengen, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, u biex jiġi żviluppat rekord solidu ta' investigazzjonijiet, kundanni u sekwestru ta' droga. Il-kapaċità għall-implimentazzjoni tal-qafas legali fil-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali trid tiġi rinfurzata. Hemm bżonn ta' iktar sforzi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin. Il-pajjiż huwa moderatament avvanzat f'dan il-qasam.

Sar progress tajjeb fl-allinjament mal-*acquis* fil-qasam tax-xjenza u r-riċerka. Hemm bżonn ta' aktar sforzi biex tissaħħaħ il-kapaċità għar-riċerka fil-livell nazzjonali u biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Il-livell ta' investiment fir-riċerka jeħtieġ jiżdied aktar b'mod partikolari għas-settur privat u billi jiġi stimulat l-investiment pubbliku u privat f'attivitajiet ta' riċerka xjentifika. Kollox ma' kollox, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu tajjeb fi triqithom. Sar xi progress fil-qasam tal-*edukazzjoni u l-kultura*. Hemm bżonn li r-riforma tal-*edukazzjoni* għolja u l-modernizzazzjoni tal-*edukazzjoni* vokazzjonali u tas-sistema ta' taħriġ jiġu indirizzati aktar. L-implimentazzjoni tar-riformi edukattivi għadha ta' sfida. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Il-Montenegro għamel xi progress fil-qasam tal-*ambjent u t-tbdil fil-klima*. Hemm l-ewwel sinjali ta' titjib bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart, il-kwalità tal-arja u l-kimiki u rigward il-kapaċità amministrattiva u l-isforzi li saru lejn l-allinjament mal-*acquis* dwar il-klima. Hemm bżonn ta' aktar attenzjoni fl-oqsma tal-kwalità tal-ilma u l-ġestjoni tal-iskart. L-implimentazzjoni effettiva tal-*acquis* dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u l-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika trid tiġi żgurata. Hemm bżonn ta' sforzi konsiderevoli għall-allinjament u l-implimentazzjoni tal-*acquis* dwar l-ambjent u l-klima, kif ukoll biex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-koperazzjoni interistituzzjonali. L-ambjent u t-tbdil fil-klima jridu jiġu kkunsidrati b'mod aktar sistematiku f'oqsma oħra ta' politika u fid-dokumenti tal-ippjanar. In-nuqqas ta' priorità politika u finanzjament adegwat kif ukoll għarfien limitat tal-ħtiġijiet ambjentali u klimatiċi qed ifixklu l-progress f'dan il-qasam. It-tħejjijiet f'dan il-qasam għadhom fi stadju bikri.

Sar xi progress fil-qasam tal-*protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa*. L-allinjament legali fil-qasam tal-*protezzjoni tal-konsumatur* jeħtieġ ikompli. It-tħejjijiet f'dawn l-oqsma huma moderatament fi triqithom. Sar xi progress fil-leġiżlazzjoni doganali. Liġi ġdida dwar it-tariffi doganali tkompli tallinja l-leġiżlazzjoni nazzjonali mat-Tariffa Doganali Komuni. Fl-oqsma tal-kapaċità amministrattiva u operattivi, l-implimentazzjonijiet tal-proċeduri attwali u tal-metodi ta' ħidma trid tiġi intensifikata. It-tħejjijiet għal adeżjoni possibbli għall-konvenzjoni dwar Proċedura komuni ta' Tranżitu jrid jitjebe. Ġeneralment, it-tħejjijiet fil-qasam tal-unjoni doganali huma moderatament avvanzati.

Sar xi progress fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni. Il-Montenegro sar membru tad-WTO. Sar xi progress ukoll fil-qasam tal-*politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża*. Il-Montenegro allinja ruħu mad-dikjarazzjonijiet kollha tal-UE u mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u kompla jagħti kontribut attiv għall-istabbiltà fir-reġjun. It-tħejjijiet f'dawn l-oqsma jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Il-Montenegro għamel progress irregolari fil-qasam tal-*kontroll finanzjarju*. Filwaqt li l-qafas legali għall-*kontroll pubbliku intern tal-finanzi* (PIFC) jinsab fis-seħħ, l-implimentazzjoni prattika tiegħu għadha lura, partikolarment fil-livell lokali. Il-Montenegro jeħtieġ isaħħaħ l-arranġamenti dwar ir-responsabbilizzazzjoni maniġerjali fil-kuntest tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. L-indipendenza finanzjarja tal-Istituzzjoni Statali tal-Awditjar għandha tiġi ggarantita fil-prattika. It-tnejniet fil-qasam tal-*kontroll finanzjarju* jinsabu fi stadju bikri. Sar progress limitat rigward id-*dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji*. Maż-żmien, hemm bżonn li jiġi stabbilit korp ta' kordinazzjoni biex imexxi t-tnejniet ta' qabel l-adeżjoni fil-qasam tar-riżorsi proprji. Il-qafas amministrattiv għall-applikazzjoni tar-riżorsi proprji jrid jiġi stabbilit. Ġeneralment it-tnejniet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju bikri.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja qed tkompli b'mod suffiċjenti tissodisfa l-**kriterji politiċi** Il-pajjiż qiegħed ikompli jwettaq l-impenji li ħa skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Gvern poġġa l-aġenda tal-UE fil-qalba tal-attività tiegħu. Id-Djalogu ta' Livell Għoli għall-Adeżjoni (HLAD) mal-Kummissjoni serva ta' katalist biex jitħaffu r-riformi u ta kontribut biex isir progress sostanzjali f'għadd ta' oqsma ta' politika ewlenin. Il-Gvern addotta proposti għal titjib fil-qafas leġislativ għall-elezzjonijiet, u fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni, għad-dekriminalizzazzjoni tad-defamazzjoni. L-ewwel analiżi li għamel il-Gvern tal-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid tipprovdi għodda utli għat-tisħiħ tad-djalogu interkomunitarju. Il-*momentum* tar-riforma jeħtieġ jinżamm fl-oqsma kollha tal-kriterji politiċi b'mod partikolari biex tkun żgurata l-implimentazzjoni. Il-Parlament qed jikkunsidra l-leġislazzjoni relatata. L-enfasi fuq l-istat tad-dritt, inkluż rigward il-libertà tal-espressjoni u dwar relazzjonijiet interetniċi jeħtieġ li tinżamm. Hemm bżonn li l-approċċ mas-soċjetà ċivili jeħtieġ jittieħed 'il quddiem.

Il-Ftehim Qafas ta' Ohrid (OFA) qed ikompli jkun element essenzjali għad-**demokrazija u l-istat tad-dritt** fil-pajjiż. Il-Gvern nieda analiżi tal-implimentazzjoni tal-OFA mill-2001 'l hawn, bil-għan li jibni kunsens fuq ir-risultati milħuqa u l-isfidi tal-ġejjieni. It-tensjoni bejn il-komunitajiet wara l-inċidenti vjolenti tal-ewwel nofs tal-2012 qajjmet tħassib. Il-Gvern wieġeb b'maturità għal din l-isfida u jeħtieġ jibni fuq dan biex isaħħaħ ir-relazzjonijiet interetniċi u r-rikonċiljazzjoni, inkluż rigward l-*istatus* tal-vittmi tal-kunflitt tal-2001. Sar xi progress fuq l-implimentazzjoni usa' tal-Liġi dwar il-Lingwi.

Il-funzjonament tal-*parlament* tjieb u d-djalogu politiku nżamm, b'mod partikolari rigward l-integrazzjoni fl-UE. L-implimentazzjoni tal-Ġabra tar-Regoli dwar il-Proċedura mxiet 'il quddiem, inkluż rigward it-talbiet ewlenin tal-Oppożizzjoni. Il-Parlament qed jikkunsidra l-proposti tal-gvern relatati għat-titjib tal-qafaas elettorali. L-isforzi li jinsabu għaddejjin se jkunu neċessarji biex ir-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR jiġu indirizzati għal kollox.

Il-koperazzjoni mal-koalizzjoni tal-gvern kompliet u rnexxielha tpoġġi l-proċess ta' adeżjoni fiċ-ċentru tal-aġenda politika. Il-Gvern effettivament ikkordina l-implimentazzjoni tal-HLAD fuq il-bażi tal-Pjan ta' Direzzjoni tiegħu stess. Fil-qasam tal-gvern l-lokali, il-progress rigward id-deċentralizzazzjoni jeħtieġ jitħaffef, l-aktar rigward il-qafas finanzjarju.

Rigward l-*amministrazzjoni pubblika*, sar xi progress. Is-servizzi liċ-ċittadini tjiebu u gradwalment qed jiġi untrodott is-servizz onlajn tal-gvern. Il-konsultazzjonijiet dwar ir-riformi importanti għall-qafaas tal-amministrazzjoni jinsabu għaddejjin. Sforzi addizzjonali huma meħtieġa sabiex ikunu ggarantiti t-trasparenza, il-professjonaliżmu u l-indipendenza tal-

amministrazzjoni pubblika. B'mod partikolari, irid jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipji ta' reklutaġġ u promozzjonijiet ibbażati fuq il-mertu.

Rigward il-*ġudikatura*, hemm fis-seħħ salvagwardji leġiżlattivi u istituzzjonali iżda sforzi ulterjuri huma meħtieġa biex jiggwarantixxu l-indipendenza u l-imperzjalità fil-prattika. Sar progress, l-aktar rigward it-tnaqqis ta' kawżi pendenti. Huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex jinħolqu raġunijiet ċari u trasparenti għal proċeduri ta' tkeċċija proporzjonati u biex titjeb b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tal-ħatriet ġudizzjarji bbażati fuq il-meritu u l-iżvilupp tal-karriera. L-Akkademja tal-Imħallfin u l-Prosekuturi għandha tingħata aktar appoġġ fir-rwol ewlieni tagħha fl-iżvilupp ta' ġudikatura u servizz ta' prosekuzzjoni professjonali u b'kompetenzi ta' livell għoli.

Fil-qasam tal-*politika kontra l-korruzzjoni*, il-qafas leġiżlattiv jinsab fis-seħħ u l-kapaċità issaħħet bi ftit, iżda hemm bżonn ta' sforzi akbar rigward l-implimentazzjoni tal-liġijiet attwali. Ittieħdu passi biex jitjiebu l-kapaċitajiet tal-verifika u tal-poteri tal-infurzar tal-awtoritajiet. Madankollu, ftit kien il-progress viżibbli f'termini ta' riżultati aħħarin. Għad irid jiġi stabbilit rekord tajjeb fit-trattament ta' każi ta' korruzzjoni f'livell għoli. Approċċ iktar proattiv u kordinat mill-korpi ta' superviżjoni u l-aġenziji tal-infurzar huwa meħtieġ. Il-ġbir u l-analiżi tad-dejta statistika għandhom titjiebu biex l-isforzi jiġu ffukati fejn huma l-aktar meħtieġa. Il-korruzzjoni għadha għrevalenti f'ħafna oqsma u qed tkompli tkun problema serja.

Kien hemm ftit progress rigward il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, l-aktar permezz tal-ħruġ ta' aktar minn 100 mandat ta' arrest internazzjonali u koperazzjoni tajba permezz tal-Interpol u l-Europol. Il-Liġi dwar l-Interċettazzjoni tal-Komunikazzjonijiet ġiet emendata, biex b'hekk saħħet l-effiċjenza u t-trasparenza ta' din il-miżura investigattiva speċjali. Jeħtieġ isiru aktar sforzi biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u biex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-aġenziji u l-iskambju ta' informazzjoni. Il-pajjiż jinsab avvanzat fil-qasam tal-koperazzjoni tal-pulizija u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

Il-qafas legali u istituzzjonali għad-***drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi*** huwa ġeneralment fis-seħħ. Id-*drittijiet ċivili u politiċi* huma ġeneralment rispettati u sar ftit iktar progress. Id-djalogu madwar il-mejda mal-ġurnalisti wera li kien forum importanti biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin relatati mal-midja. Il-Gvern adotta proposti biex jiddekriminalizza d-defamazzjoni permezz tal-adozzjoni ta' Liġi Ċivili dwar ir-Responsabbiltà għall-Insult u Defamazzjoni. Il-Kodiċi Kriminali teħtieġ reviżjoni skont dan l-approċċ. Il-Kunsill tax-Xandir beda jinforza d-dispożizzjonijiet legali kontra l-konċentrazzjoni tas-sjieda u l-kunflitt ta' interess mal-isfera politika. Il-Kunsill tax-Xandir jeħtieġ juri li qed isegwi approċċ mhux diskriminatorju u trasparenti. Għad hemm ħafna tħassib dwar in-nuqqas ta' pluraliżmu u l-awtoċensura. Biex l-isfidi relatati jiġu indirizzati jeħtieġ li jsiru sforzi kontinwati bħat-trasparenza tar-reklamar tal-gvern u d-drittijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti.

Jista' jiġi rappurtat xi progress fit-tisħiħ tad-*drittijiet soċjali u ekonomiċi*. Il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ltaqa' regolament. Il-Kummissjoni għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni tinsab impenjata fl-ipproċessar ta' lmenti minkejja li r-riżorsi tagħha huma limitati. Il-Liġi kontra d-diskriminazzjoni trid tiġi allinjata għal kollox mal-*acquis*, l-aktar rigward id-diskriminazzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali. Hemm bżonn għal protezzjoni aħjar tad-drittijiet tan-nisa, inkluż ta' gruppi vulnerabbli, kif ukoll iktar sforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja politika. L-integrazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà għadha dgħajfa.

Kollox ma' kollox, ġie rreġistrat progress fil-qasam tad-*drittijiet kulturali u tal-minoranzi*. Inbdiet analiżi tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid li tinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet għall-indirizzar tal-isfidi attwali. L-analiżi u koperazzjoni etnika konkreta jeħtieġ isir ilhom segwitu. It-trawwim tal-fiduċja bejn il-komunitajiet etniċi se jkun ta' importanza ewlenija. Rigward ir-Rom, saru diversi attivitajiet, l-aktar biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' persuni bla dokumenti u biex jiġu integrati r-rifuġjati Rom. L-implimentazzjoni ta' strateġiji eżistenti u ta' koperazzjoni interistituzzjonali teħtieġ tissaħħaħ b'mod sinifikanti.

Rigward il-*kwistjonijiet reġjonali u l-obbligi internazzjonali*, il-pajjiż kompla jikkopera bis-siħ mat-Tribunal Kriminali Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY). Ma għadx baqa' kawżi jew appelli pendenti f'L-Aja. Mill-erba' kawżi li l-ICTY ittrasfera lura lill-awtoritajiet nazzjonali fl-2008, waħda ġiet miċħuda fl-2011 mis-sistema tal-qorti domestika u tlieta ġew miċħuda fl-2012, skont it-talba tal-Prosekuzzjoni Pubblika u fuq il-bażi tal-Liġi dwar l-Amnestija.

Rigward il-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-ftehim dwar l-immunità bilaterali mal-Istati Uniti ma jaqbilx mal-pożizzjonijiet komuni u mal-prinċipji gwida tal-UE. Il-pajjiż jeħtieġ jallinja ruħu mal-pożizzjoni tal-UE.

Il-pajjiż kompla jipparteċipa fl-inizjattivi ta' koperazzjoni reġjonali, inkluż il-Proċess ta' Koperazzjoni tax-Xlokk tal-Ewropa (SEECF), Il-Kunsill għall-Koperazzjoni Reġjonali (KKR), u l-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA). Huwa ħa l-Preżidenza fil-Kariga tal-SEECF f'Ġunju 2012. Is-sede tas-Segretarjat tan-Netwerk dwar is-Saħħa għax-Xlokk tal-Ewropa (SEEHN) ġie stabbilit fi Skopje. Il-pajjiż kompla jagħti kontribut lill-missjoni ALTHEA tal-UE fil-Bosnja-Herzegovina.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja żammet rwol ġeneralment kostruttiv rigward ir-relazzjonijiet bilaterali mal-Istati Membri ġirien u ma' pajjiżi oħra tat-tkabbir. Ir-relazzjonijiet ma' sħab fil-Balkani tal-Punent komplew jiġu żviluppati. Ir-relazzjonijiet mal-Greċja baqgħu effettwati mill-istess kwistjoni. Il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja adottat sentenza li tirrigwarda l-Ftehim *Interim* mal-Greċja. Il-pajjiż baqa' impenjat f'taħdidiet taħt l-awspiċċu tan-NU u f'kuntatti diretti mal-Greċja. It-taħdidiet taħt l-awspiċċu tan-NU għal soluzzjoni negozjata u aċċettabbli għaż-żewġ naħat għandhom jiġu segwiti b'iktar enerġija, kif għandhom jagħmlu wkoll il-laqgħat bilaterali u l-kuntatti. Azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajbin tal-viceinat għandhom jiġu evitati.

L-ekonomija tal-pajjiż kompliet tikber b'pass inqas mgħaġġel fl-2011, iżda naqset fl-ewwel nofs tal-2012. It-tkabbir kien ibbażat fuq domanda domestika reżiljenti, filwaqt li d-domanda esterna qegħda tonqos. Ir-riformi strutturali komplew, iżda ġeneralment b'pass kajman u gradwali. Sar f'tit iktar progress fis-simplifikazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-impriżi, l-aċċellerar tal-proċeduri ġudizzjarji u l-approfondiment tal-intermedjazzjoni finanzjarja. Madankollu, f'tit ġie mwettaq biex jiġi indirizzar il-livell għoli ħafna tal-qgħad, li huwa fuq kollox strutturali u jaffettwa l-aktar liż-żgħażaġh u lil dawk b'livell baxx ta' edukazzjoni.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja qed tkompli tkun avanzata sew. F'ċerti oqsma, għamlet iktar progress biex issir ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Il-pajjiż għandu jkun kapaċi jlaħħaq mal-pressjonijiet kompetittivi u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni fuq it-terminu medju, bil-kundizzjoni li jindirizza b'enerġija l-programm tiegħu ta' riforma biex inaqqas dgħufijiet strutturali sinifikanti.

Il-pajjiż żamm kunsens wiesa' rigward l-essenzjali tal-politiki ekonomiċi. Il-politika monetarja, ibbażata fuq id-*de facto* rabta mal-euro, tat kontribut għall-istabbiltà makroekonomika. Il-politika fiskali żammet l-infiq ġeneralment skont it-tkabbir tad-dħul. Il-privatizzazzjoni tinsab fil-parti l-kbira lesta. Il-liberalizzazzjoni tal-prezzijiet u tal-kummerċ fil-parti l-kbira ġiet imwettqa. Inkiseb ftit iktar progress fl-iffaċilitar tad-dħul fis-suq u fis-simplifikar tal-qafas regolatorju. Il-proċeduri ġudizzjarji aċċelleraw bil-perjodu medju għall-proċeduri tal-falliment ikompli jonqos. Ir-reġistrazzjoni tal-proprietà prattikament twettqet. Is-settur finanzjarju sa issa kkumbatta t-turbulenzji fis-suq finanzjarju pjuttost tajjeb u żamm ix-xejra tiegħu lejn iżjed intermedjazzjoni u approfondiment tas-suq. Fis-settur edukattiv kompli l-progress gradwali. Żieda fl-IDB għen biex jiddiversifika l-istruttura tal-esportazzjoni tal-pajjiż.

Madankollu, il-kwalità tal-governanza fiskali kompliet tiddeterjora; l-ippjanar fit-terminu medju u l-ġestjoni tal-ispiża pubblika marru għall-agħar, u t-trasparenza u l-affidabbiltà tal-kontijiet tas-settur pubbliku naqsu. Barra minn hekk, l-orjentazzjoni fit-terminu qasir fuq l-infiq b'effetti baxxi ta' tisħiħ ta' tkabbir kompliet. Id-dejn tas-settur pubbliku żdied b'mod sinifikanti. Il-qgħad baqa' għoli. Il-funzjonament tas-suq tax-xogħol huwa mxekkel minn dgħufijiet strutturali. Il-livell ta' edukazzjoni u l-kwalifiki tal-kapital uman huma baxxi. Bl-istess mod, il-kapital fiżiku jeħtieġ ġiġi modernizzat u approfondit. Minkejja titjib gradwali, il-funzjonament tal-ekonomija tas-suq qed tkompli tkun imxekkla minn dgħufijiet istituzzjonali u ġudizzjarji. Xi aġenziji regolatorji u superviżorji għad jonqoshom ir-riżorsi u l-ingranaġġ meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effettiv. Il-kapaċità u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika biex tipprovdi servizzi lin-negozji teħtieġ titjib. Is-settur informali għadu sfida importanti.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja kompliet tagħmel progress biex ittejjeb il-kapaċità tagħha li tassumi l-obbligi tas-sħubija, b'mod partikolari fl-oqsma tal-moviment liberu ta' merkanzija, il-kompetizzjoni, is-sikurezza tal-ikel u l-politika veterinarja u n-netwerks Trans-Ewropej. Hemm bżonn ta' iżjed sforzi f'oqsma oħra bħall-ambjent, il-politika soċjali u l-impjiegi u l-politika reġjonali u l-kordinazzjoni tal-istrumenti strutturali. Ġeneralment, il-pajjiż kiseb livell tajjeb ta' allinjament mal-*acquis* f'dan l-istadju tal-proċess ta' adeżjoni. Huwa kompli jimplimenta mingħajr intoppi l-obbligi tiegħu skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) u l-Kummissjoni pproponiet li tgħaddi għat-tieni stadju tal-Assoċjazzjoni.

Inkiseb progress tajjeb fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija, speċjalment fil-qasam tal-istandardizzazzjoni u l-metroloġija. It-tħejjijiet fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija huma avvanzati. Sar xi progress fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Jista' ġiġi rrappurtat xi progress fil-qasam tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-aktar rigward is-servizzi postali. Madankollu, iżjed sforzi huma meħtieġa rigward l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar is-servizzi u l-għarfien reċiproku tal-kwalifiki professjonali. Ġeneralment, il-pajjiż huwa moderatament avvanzat f'dan il-qasam. Sar xi progress fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital. Liberalizzazzjoni ulterjuri tal-movimenti u ħlasijiet tal-kapital hija suġġetta għat-tranżizzjoni għat-tieni stadju tal-FSA, li qed jiġi kkunsidrat mill-Kunsill. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu tajjeb fi triqithom.

Sar xi progress fil-qasam tal-akkwist pubbliku, fejn il-livell tal-allinjament huwa avvanzat bl-eċċezzjoni tar-rimedji u tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża. Il-kapaċità amministrattiva fil-qasam tar-rimedji u l-konċessjonijiet għadha dgħajfa. Sar progress tajjeb fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji, b'mod partikolari fil-qasam tal-awditjar. Il-kwalifiki tal-awdituri chartered miksaba barra mill-pajjiż għad iridu jiġu rikonoxxuti. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam

jinsabu fi stadju moderatament avvanzat. Sar xi progress fil-qasam tal-*proprietà intellettwali*, fejn il-qafas leġiżlattiv u l-kapaċità amministrattiva komplew jitjiebu. Madankollu, iktar sforzi huma meħtieġa fil-qasam tal-implimentazzjoni u l-infurzar. Ġeneralment, l-allinjament f'dan il-qasam jinsab fi stadju moderatament avvanzat.

Sar progress tajjeb fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni b'titjib fir-rekord tal-infurzar. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju avvanzat. Ir-riżorsi kkonferiti lill-awtorità tal-kompetizzjoni jeħtieġ jissaħħu aktar. Rigward is-servizzi finanzjarji, sar progress fl-oqsma tal-banek, is-swieq tal-assikurazzjoni u tal-investimenti u s-servizzi tal-investimenti. L-allinjament ma' *acquis* ewlenin fil-qasam tal-infrastruttura tas-suq finanzjarju għad irid jitwettagħ. Ġeneralment, l-allinjament mal-*acquis* f'dan il-qasam jinsab fi stadju moderatament avvanzat.

Kien hemm xi progress fil-qasam tas-*soċjetà tal-informazzjoni u l-midja*. L-allinjament mal-*acquis* kompli u salvagwardji kompetittivi ewlenin għad iridu jiġu infurzati. Fil-qasam tal-politika awdjoviżiva, l-attivitajiet tal-Kunsill tax-Xandir żdiedu, iżda jeħtieġ jiġi żgurat approċċ mhux diskriminatorju. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Sar xi progress fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, fejn it-tħejjijiet għadhom moderatament avvanzati. Saru iktar avvanzati biex tiġi stabbilita Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll. L-allinjament mal-*acquis* jeħtieġ sforzi kontinwati. Il-kapaċità amministrattiva għadha ta' tħassib madwar is-settur.

Sar progress tajjeb fil-qasam tal-sikurezza tal-ikel u l-politika veterinarja, b'mod partikolari rigward it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet, u l-implimentazzjoni ta' programmi għall-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali. Ġie nnutat ftit progress fil-qasam *fitosanitarju*, fejn il-kapaċità amministrattiva u l-kordinazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti ma' tjibitx. It-tħejjijiet, ġeneralment, fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, il-politika veterinarja u fitosanitarja għadhom moderatament avvanzati.

Jista' jiġi rrappurtat xi progress fil-qasam tal-*politika tat-trasport*. Jista' jiġi rrappurtat xi progress fl-allinjament mal-*acquis* rigward it-trasport bit-triq, iżda mhux fis-sikurezza tat-toroq li għadha sors ta' tħassib. Il-leġiżlazzjoni dwar il-ferroviji teħtieġ iktar allinjament mal-*acquis*. Emenda legali biex is-suq tal-ferroviji jingħalaq għall-kompetizzjoni sal-adeżjoni mal-UE qalbet l-allinjament kollu li kien kien diġà inkiseb mal-*acquis*. Il-Kumitat għall-Investigazzjoni tal-Inċidenti għall-ferroviji jeħtieġ isir operattiv sabiex jaġixxi bħala korp indipendenti. Sar xi progress fis-settur tal-enerġija, b'mod partikolari bl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni li tirriżulta mil-Liġi tal-Enerġija tal-2011. Sar ukoll xi progress fl-enerġija rinnovabbli. Il-liberalizzazzjoni sħiħa tas-suq tal-elettriku u l-gass naturali għad trid tinkiseb. It-tħejjijiet f'dawn l-oqsma jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Il-progress fil-qasam tat-tassazzjoni kien limitat. Għad hemm bżonn isiru sforzi biex il-liġi nazzjonali tiġi armonizzata mal-*acquis*, biex issaħħaħ il-għieda kontra l-frodi fiskali u l-evażjoni tat-taxxa u biex tiġi indirizzata l-kapaċità tal-persunal fl-IT. Ġeneralment, it-tħejjijiet fil-qasam tat-tassazzjoni huma moderatament avvanzati.

It-tħejjijiet fil-qasam tal-politika ekonomika u monetarja huma avvanzati u sar ftit iktar progress. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju avvanzat. Fil-qasam tal-*istatistika*, sar progress rigward l-armonizzazzjoni tas-settur tal-istatistika u t-trażmissjoni tad-dejta. Ġeneralment, it-tħejjijiet fil-qasam tal-istatistika huma moderatament avvanzati.

Ftit sar progress fil-qasam tal-*politika soċjali u l-impjiegi*. Ir-rati tal-qgħad u l-faqar huma għoljin, filwaqt li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha baxxa. Sar xi progress fil-qasam tad-djalogu soċjali iżda r-rwol tal-imsieħba soċjali għad irid jissaħħaħ. Il-konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni ġew ratifikati. Il-progress tal-inklużjoni tar-Rom, il-persuni b'diżabbiltà u persuni oħra soċjalment esklużi għadu kajman. Mekkaniżmu għall-prevenzjoni u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni jinsab fis-seħħ iżda mhuwix operattiv għal kollox. Il-kapaċità amministrattiva ġenerali teħtieġ tissaħħaħ b'mod sinifikanti. Ġeneralment, it-tnejniet f'dan il-qasam mhumiex avvanzati wisq.

Jista' jiġi rrappurtat xi progress fil-qasam tal-*politika tal-intrapriżi u industrijali*. Diversi strateġiji ġew adottati, li juru impenn qawwi biex jitjieb l-ambjent tan-negozju. Madankollu, l-implimentazzjoni għadha mxerrda matul għadd ta' korpi mhux kordinati u mhux iffinanzjati tajjeb. Il-miżuri għad iridu jsiru għal kollox effettivi.

Fil-qasam tan-*networks Trans-Ewropej* sar progress. L-iżvilupp tan-networks tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjonijiet qed ikompli u l-pajjiż qiegħed attivament jipparteċipa mal-Osservatorju tat-Trasport tax-Xlokk tal-Ewropa u mal-Komunità tal-Enerġija. Ingħata kuntratt u beda x-xogħol fuq kostruzzjoni relatata mal-Kuritur X, parti ffinanzjat mill-Komponent III tal-IPA. It-tnejniet f'dan il-qasam huma moderatament avvanzati.

Jista' jiġi rrappurtat progress limitat fil-qasam tal-*politika reġjonali u l-kordinazzjoni tal-istrumenti strutturali*. Il-ġestjoni ta' programmi tal-IPA teħtieġ titjeb sabiex ikun żgurat l-assorbiment sħiħ u f'waqtu tal-fondi tal-UE. Sforzi addizzjonali huma meħtieġa biex jindirizzaw id-defiċjenzi fil-ġestjoni tas-sistemi ta' kontroll. B'mod partikolari, il-persunal u l-kwalifiki fl-istrutturi operattivi u d-Dipartiment Ċentrali għall-Finanzjament u l-Kuntratti fil-Ministeru tal-Finanzi jeħtieġ li jissaħħu sew. It-tnejniet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Sar xi progress fil-qasam tal-*ġudikatura u d-drittijiet fundamentali*, l-aktar fit-tnaqqis tal-kawżi pendenti, Jeħtieġ isir iktar titjeb rigward il-ħatriet ġudizzjarji bbażati fuq il-mertu, raġunijiet preċiżi u prevedibbli għat-tkeċċija u l-użu korrett tal-għodod tal-istatistika. Fil-qasam tal-*politika kontra l-korruzzjoni*, il-qafas leġiżlattiv jinsab fis-seħħ u l-kapaċità ssaħħet bi ftit, iżda hemm bżonn ta' sforzi akbar biex jiġi żviluppa rekord tajjeb tal-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni. Rigward id-drittijiet fundamentali, sar xi progress fil-qasam tal-libertà tal-espressjoni, l-aktar lejn id-dekriminalizzazzjoni tad-defamazzjoni. L-istituzzjonijiet rilevanti jeħtieġ li fil-prattika jsiru iktar effettivi fil-promozzjoni u s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali. Il-Ftehim Qafas ta' Ohrid qed ikompli jkun element essenzjali għad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-pajjiż. It-tnejniet fil-qasam tal-*ġudikatura u d-drittijiet fundamentali* huma fi stadju moderatament avvanzat.

Sar progress fil-qasam tal-*ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà*, l-aktar rigward il-fruntieri esterni u l-koperazzjoni doganali, kif ukoll fuq l-interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet. Hemm hteġa ta' iktar sforzi biex titjieb l-effiċjenza tal-proċedura tal-asil, jiġi żgurat reklutaġġ rigorosament ibbażat fuq il-meritu għall-pulizija, tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u jitjieb is-sekwestru tad-droga. Ġeneralment, it-tnejniet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju avvanzat.

Jista' jiġi rrappurtat xi progress fil-qasam tax-xjenza u riċerka. Ir-rata tal-parteċipazzjoni ġenerali fil-programmi qafas tal-UE komplet tkun tajba. It-tnejniet għall-programm nazzjonali għall-attività tax-xjenza, ir-riċerka u l-iżvilupp u għall-istrateġija dwar l-

innovazzjoni għamlu progress, iżda d-dokumenti għad iridu jiġu adottati. F'dan il-qasam, il-pajjiż parzjalment jissodisfa dawn il-miri.

Sar xi progress fil-qasam tal-*edukazzjoni*, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-*kultura*. Il-pajjiż komplajt jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu rigward il-parametri referenzjarji komuni 2020 għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ. Reġgħu bdew il-miżuri ta' thejjiġa għall-programmi Tagħlim Tul il-Ħajja u Żgħażaġħ fl-Azzjoni. L-investimenti għad iridu jiġu applikati b'mod ekwu fil-partijiet kollha tal-pajjiż u fis-soċjetà multikulturali. Fil-qasam tal-edukazzjoni u l-kultura l-pajjiż jinsab fi stadju moderatament avvanzat.

Sar progress limitat fil-kapitolu dwar l-*ambjent u t-tibdil fil-klima*. Kompla jsir progress fit-traspożizzjoni tal-*acquis* fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari fis-setturi tal-ġestjoni tal-iskart, il-kwalità tal-arja u l-kimiċi. Jeħtieġ isiru sforzi sinifikanti sabiex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni nazzjonali, speċjalment fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ilma, il-kontroll tat-tniġġis industrijali, il-protezzjoni tan-natura u t-tibdil fil-klima. Kollox ma' kollox, it-thejjiġiet fil-qasam tal-ambjent jinsabu moderatament avvanzati filwaqt li fil-qasam tat-tibdil fil-klima għadhom fi stadju bikri.

Kien hemm ftit progress fil-qasam tal-*protezzjoni tal-konsumatur u tas-saħħa*, l-aktar rigward il-qafas legali u istituzzjonali. Progress ulterjuri għadu mxekkel minn riżorsi finanzjarji limitati u strutturi operattivi dgħajfin, l-aktar fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur. Ġeneralment, it-thejjiġiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Sar progress fil-qasam tal-*unjoni doganali*, b'mod partikolari fil-kapaċità amministrattiva u operattivi. Il-koperazzjoni bejn l-aġenziji, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-amministrazzjoni tad-dwana, u l-kapaċità biex tindirizza l-kriminalità transkonfinali kompliet titjeb. It-thejjiġiet fil-qasam tal-unjoni doganali jinsabu tajjeb fi triqithom.

Sar xi progress fil-qasam tar-*relazzjonijiet esterni*, l-aktar rigward il-politika kummerċjali komuni. Madankollu, il-kapaċità industrijali tal-pajjiż għadha mhix biżżejjed biex tipparteċipa b'mod sħiħ fil-politiki kummerċjali, tal-iżvilupp u unajtarji tal-UE. It-thejjiġiet fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Progress kontinwat sar fil-qasam tal-*politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża*. Il-pajjiż żamm livell għoli ta' allinjament mad-dikjarazzjonijiet tal-UE u mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill u kompla bil-parteċipazzjoni tiegħu fl-operazzjonijiet ċivili u militari u tal-ġestjoni ta' kriżijiet. It-thejjiġiet fil-qasam tal-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża jinsabu avvanzati sew.

Għal dak li hu *kontroll finanzjarju*, sar xi progress, l-aktar rigward l-awditjar estern u l-protezzjoni tal-euro kontra l-frodi. Madankollu, il-pajjiż għadu fi stadju bikri fl-implimentazzjoni prattika tal-kontroll pubbliku intern tal-finanzi. Kollox ma' kollox, it-thejjiġiet f'dan il-kapitolu jinsabu fi stadju bikri. Ma kien hemm ebda progress partikolari rigward id-*dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji*. L-istituzzjonijiet stabbiliti biex iwettqu l-qafas amministrattiv għaċ-ċirkolazzjoni korretta, it-tbassir, il-ġbir, il-ħlas, il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-qafas dwar ir-riżorsi proprji se jkollhom bżonn jissaħħu. It-thejjiġiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju bikri.

Is-Serbja

Is-Serbja tinsab sew fi triqitha biex tissodisfa biżżejjed il-**kriterji politiċi** u l-kundizzjonijiet tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. L-istabbiltà u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet kienu żgurati fil-perjodu li wassal għall-elezzjonijiet fil-livell presidenzjali,

parlamentari u muniċipali, u f'Vojvodina, kif ukoll wara. Minkejja li l-attività leġiżlattiva fil-kuntest elettorali naqset, ġie nnutat xi progress fl-implimentazzjoni tar-riformi fil-maġġoranza tal-oqsma. Is-Serbja żammet koperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY). Inkisbu riżultati fid-djalogu ma' Pristina, iżda l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kienet irregolari. L-interpretazzjoni tas-Serbja tal-ftehim dwar il-koperazzjoni reġjonali u r-rappreżentazzjoni tal-Kosovo eventwalment ġiet iċċarata u, abbażi ta' implimentazzjoni kontinwata, issa ma għadhiex ixxejjel iktar l-inklussività tal-koperazzjoni reġjonali. It-tmexxija l-ġdida tas-Serbja enfasizzat l-impenn tagħha li timplimenta l-ftehimiet kollha li ntlaħqu diġà fid-djalogu ma' Pristina kif ukoll li tibda tindirizza l-kwistjonijiet politiċi usa'. It-twettiq ta' dan l-impenn huwa essenzjali biex isir progress għall-fażi li jmiss għall-integrazzjoni tas-Serbja fl-UE.

Id-demokrazija u l-istat tad-dritt komplew jiġi kkonsolidati. Il-korpi internazzjonali ta' osservazzjoni kkwalifikaw l-elezzjonijiet bħala "kompetittivi, u mmexxijin f'ambjent kondučiv u professjonalment organizzati". L-operazzjonijiet elettorali fil-Kosovo għall-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali kienu ffaċilitati mill-OSKE u saru bl-ordni. B'konformità mal-UNSCR 1244/99, ma sarux elezzjonijiet lokali fil-Kosovo, bil-kuntrarju għall-prattika fil-passat. Il-leġiżlazzjoni tal-2011 dwar il-mandati parlamentari u l-finanzjament tal-partiti politiċi ġiet implimentata. Madankollu ġie nnutat nuqqas ta' trasparenza fil-proċedimenti tal-Kummissjoni Elettorali tal-Istat u fl-amministrazzjoni tar-reġistru uniku tal-eletturi l-ġdid. Il-Gvern jeħtieġ jagħmel segiwtu tar-rakkomandazzjonijiet tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE/ODIHR.

L-attività leġiżlattiva tal-parlament naqset minħabba ċ-ċiklu elettorali, iżda attivitajiet parlamentari oħra komplew b'mod normali. Għad hemm bżonn ta' iktar riformi biex ikun żgurat li d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, l-aktar dawk fuq il-ġudikatura, ikunu kompletament skont l-istandards Ewropej. Il-Gvern żamm l-istabbiltà tiegħu u spiċċa terminu sħiħ ta' ħatra. F'Lulju 2012 ġie ffurmat gvern ta' koalizzjoni ġdid. Il-Gvern il-ġdid żamm l-orjentament strateġiku b'saħħtu tal-pajjiż favur l-integrazzjoni mal-UE. Kemm il-president il-ġdid kif ukoll il-parlament il-ġdid wiegħdu li jsegu l-aġenda ta' riformi tal-UE u li jikkoperaw flimkien mill-qrib biex jinkiseb is-suċċess korrispondenti. Il-Gvern jeħtieġ itejjeb il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati fil-formulazzjoni tal-politika u jiżviluppa l-monitoraġġ tiegħu tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika qed tipproċedi b'pass kajman u hija mxejjla minn nuqqas ta' impenn pubbliku. Il-qafas leġiżlattiv jeħtieġ jiġi finalizzat u allinjat għal kollox ma' standards internazzjonali. L-implimentazzjoni tal-liġijiet attwali u tal-istrateġija tar-riforma fl-amministrazzjoni pubblika teħtieġ titjeb. Għandhom jiġu żviluppati u implimentati sistemi ta' reklutaġġ u promozzjonijiet ibbażati fuq il-mertu. Is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-korpi indipendenti regolatorji jeħtieġ jiġi intensifikat.

Sar xi progress fil-qasam tas-superviżjoni ċivili tal-forzi tas-sigurtà. Twaqqaf kumitat parlamentari speċifiku iżda s-sorveljanza parlamentari baqgħet ġeneralment limitata. Wara deċiżjoni mill-Qorti Kostituzzjoni, il-qafas legali għall-monitoraġġ tal-komunikazzjonijiet mis-servizzi tas-sigurtà u tas-servizzi sigrieti jrid jiġi iċċarat.

Rigward il-ġudikatura, f'it sar progress, l-aktar fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni l-ġdida mmirata biex ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Ir-reviżjoni tal-ħatriet mill-ġdid tal-imħallfin u l-prosekuturi ma' kkoreġietx in-nuqqasijiet attwali u nqalbet mill-Qorti Kostituzzjonali li ordnat l-integrazzjoni mill-ġdid tal-imħallfin u l-prosekuturi kollha li kienu appellaw min-nuqqas ta' ħatra mill-ġdid tagħhom. Il-kawżi deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonali se jeħtieġu li

jigū pproċessati b'attenzjoni u skont id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali. Sistema ta' evalwazzjoni professjonali, regoli effettivi ta' dixxiplina u salvagwardji tal-integrità iktar b'saħħithom għad trid tiġi stabbilita. Sabiex tiġi rrestawrata l-fiduċja taċ-ċittadini, l-awtoritajiet se jeħtieġu jikkunsidraw miżuri addizzjonali biex isaħħu l-indipendenza, l-imparzjalità, il-kompetenza, ir-responsabbilizzazzjoni u l-effiċjenza tal-ġudikatura, b'mod partikolari: kriterji trasparenti għall-ħatriet tal-imħallfin u tal-prosekuturi; taħriġ inizjali u in-service taħt ir-responsabbiltà tal-Akkademja Ġudizzjarja, flimkien ma' evalwazzjoni ta' imħallfin u prosekuturi fis-servizz, inklużi dawk li maħturin ġodda fl-2009. salvagwardji tal-integrità; ir-razzjonalizzazzjoni tal-qorti. Biex jinkisbu dawn l-isfidi, hemm bżonn ta' strateġija ġdida dwar ir-riforma ġudizzjarja, flimkien ma' pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija, ibbażat fuq analiżi funzjonali tal-ġudikatura.

Komplet l-implimentazzjoni tal-qafas legali tal-*ġlieda kontra l-korruzzjoni*. L-operazzjonijiet tal-Aġenzija Kontra l-Korruzzjoni żdiedu, l-aktar rigward il-finanzjament tal-partiti politiċi. Madankollu, il-korruzzjoni għadha prevalenti f'haġna oqsma u qed tkompli tkun problema serja. Strateġija u Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Korruzzjoni għadhom mistennija. L-implimentazzjoni tal-qafas legali u tal-effiċjenza tal-istituzzjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni trid titjieb b'mod sinifikanti. Hemm bżonn ta' iktar sforzi biex jiġi adottat approċċ iktar proattiv fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni u hemm bżonn li l-ġudikatura gradwalment tibni rekord solidu ta' kundanni, inkluż f'kawżi ta' livell għoli, partikolarment f'kawżi li jinvolvi l-abbuż ta' fondi pubbliċi. Biex titjieb b'mod sinifikanti l-*ġlieda kontra l-korruzzjoni* hemm bżonn ta' direzzjoni politika iktar b'saħħitha u kordinazzjoni bejn l-aġenziji iktar effettiva.

Fil-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata*, il-qafas legali huwa ġeneralment adegwat u qed ikompli jiġi implimentat. Kordinazzjoni bejn l-aġenziji u koperazzjoni reġjonali u internazzjonali mtejbja wasslu għal riżultati konkreti kontra l-gruppi ta' kriminalità organizzata. Il-kriminalità organizzata għadha ta' tħassib serju fis-Serbja, b'mod partikolari rigward il-ħasil tal-flus u l-kuntrabandu tad-droga. Ir-rekord fl-investigazzjonijiet u fil-kundanni jeħtieġ ikompli jinbena.

Id-drittijiet tal-bniedem qed ikomplu jkunu ġeneralment rispettati u sar progress ulterjuri fl-oqsma tad-*drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi*. Il-qafas leġislattiv u istituzzjonali għall-*osservanza tad-drittijiet tal-bniedem* jinsab fis-seħħ. Hemm bżonn ta' aktar sforzi fl-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali.

Sar xi progress rigward id-*drittijiet ċivili u politiċi*. Il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni hija kostituzzjonalment iggarantita u ġeneralment rispettata, iżda f'Ottubru 2012 il-Pride Parade għal darb'oħra ma nġhatatx permess biex issir. L-Uffiċċju governattiv għall-Koperazzjoni mas-Soċjetà Ċivili kien attiv haġna. Il-qafas legali għal-libertà tal-espressjoni jinsab fis-seħħ iżda l-vjolenza u t-theddid kontra l-ġurnalisti għadhom ta' tħassib. L-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-midja trid iżżid il-pass. Il-libertà tal-espressjoni, tal-kuxjenza u tar-reliġjon hija ġeneralment rispettata iżda l-proċess ta' reġistrazzjoni għall-komunitajiet reliġjużi għadha nieqsa mit-traparenza u mill-konsistenza. Il-Mekkaniżmu Nazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tortura beda l-ħidma tiegħu iżda jeħtieġ jissaħħa iktar. Minkejja li nfetħet faċilità ġdida, l-iffullar fil-ħabsijiet għadu ta' tħassib serju. Rigward l-aċċess għall-ġustizzja, għad trid tiġi żviluppata sistema effettiva ta' għajjuna legali mingħajr ħlas.

Il-qafas leġislattiv għall-protezzjoni tad-*drittijiet soċjali u ekonomiċi* jinsab fis-seħħ. Aktar miżuri biex għall-*ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni huma meħtieġa kif ukoll*

mekkaniżmi effiċjenti biex tittejjeb il-protezzjoni tan-nisa u t-tfal kontra kull forma ta' vjolenza. L-aktar gruppi diskriminati huma Rom, il-persuni b'diżabbiltà u minoritajiet sesswali. Hemm bżonn ta' approċċ proattiv lejn inklużjoni aħjar tal-popolazzjoni LGBT u għarfien akbar fis-soċjetà. Id-djalogu soċjali jeħtieġ li jkun imtejjeb u tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni tal-kriterji tar-rappreżentanza tal-imsieħba soċjali. Rigward id-drittijiet tal-proprietà, l-implimentazzjoni tal-liġi tal-2011 dwar ir-restituzzjoni bdiet.

Il-qafas legali li jipprovdi għall-protezzjoni tal-minoranzi jinsab fis-seħħ u ġeneralment rispettati. Ittieħdu xi passi pożittivi biex tittejjeb il-qagħda tal-minoritajiet, inklużi r-Rom. Ġie introdott rappurtar finanzjarju regolari mill-kunsilli nazzjonali tal-minoranzi. Sforzi addizzjonali huma meħtieġa biex jiżguraw implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar il-minoranzi madwar is-Serbja u biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati. Jeħtieġ li s-Serbja tagħmel aktar biex tappoġġa l-iżvilupp soċjo-ekonomiku fiż-żoni ta' Sandzak u Presevo, Bujanovac u Medvedja. Ir-Rom, kif ukoll l-popolazzjonijiet tar-refuġjati u tal-persuni spostati internament għadhom jiffaċċjaw sitwazzjoni diffiċli.

Rigward il-*kwistjonijiet reġjonali u l-obbligi internazzjonali*, is-Serbja kompliet tikkopera bis-siġħ mat-Tribunal Kriminali Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja. Is-Serbja kompliet tippovdi aċċess mingħajr xkiel u mġaġġel għal dokumenti u xhieda, b'appoġġ għall-proċessi tal-ICTY li jinsabu għaddejjin jew li huma ppjanati. L-ipproċessar domestiku tad-delitti tal-gwerra kompli u l-koperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni reġjonali intensifikaw. Madankollu, is-Serbja teħtieġ li tintensifika aktar l-investigazzjonijiet tagħha fin-netwerks ta' għajjuna lil dawk li kienu maħrubin mill-ICTY sabiex tikseb riżultati li jidhru.

Il-politika tas-Serbja rigward il-Qorti Kriminali Internazzjonali għadha f'konformità mal-prinċipji gwida tal-UE u tal-Pożizzjonijiet Komuni tal-UE dwar l-integrità tal-Istatut ta' Ruma. Is-Serbja ma għandha l-ebda ftehim bilaterali dwar l-immunità.

Sar progress sinifikanti rigward il-Proċess tad-Dikjarazzjoni ta' Sarajevo. Il-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja, il-Montenegro u s-Serbja komplew jikkoperaw u jsibu soluzzjonijiet sostenibbli għar-rifuġjati li kienu spustati b'riżultat tal-kunflitti armati tas-snin 90. L-erba' pajjiżi ffirmaw dikjarazzjoni ministerjali u qablu dwar Programm Reġjonali tad-Djar li għal assistenza lil madwar 27 000 unità domestika u 74 000 individwu. F'konferenza internazzjonali għad-donaturi li saret f'Sarajevo f'April 2012 madwar EUR 265 miljun ġew imwegħda b'appoġġ għall-programm. Hemm bżonn li tkompli koperazzjoni tajba fuq il-kwistjonijiet pendenti kollha fil-proċess.

Is-Serbja għad trid tikseb iktar progress lejn tittejjeb viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet mal-Kosovo, il-prijorità ewlenija stabbilita fl-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tas-Serbja għas-sħubija. Inkisbu riżultati ġodda fid-djalogu ma' Pristina, bi ftehimiet rigward koperazzjoni reġjonali u r-rappreżentazzjoni tal-Kosovo u ġestjoni integrata tal-fruntiera/konfini. L-interpretazzjoni tas-Serbja tal-ftehim dwar il-koperazzjoni reġjonali u r-rappreżentanza tal-Kosovo eventwalment ġiet iċċarata f'tit wara li ġie ffurmat il-gvern il-ġdid u, abbażi ta' implimentazzjoni kontinwata, ma għadhiex ixxejjel iktar l-inklussività tal-koperazzjoni reġjonali. Eventwalment is-Serbja ffirmat ukoll il-protokoll tekniki tal-IBM f'Settembru 2012 li għad irid jiġi implimentat. L-implimentazzjoni ta' ftehimiet oħra fl-oqsma tal-libertà ta' moviment, il-katastri, ir-reġistri ċivili, it-timbri doganali u r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi ġeneralment imxiet 'il quddiem. Wara l-elezzjonijiet u l-inkarigu ta' tmexxija ġdida fis-Serbja, jeħtieġ li s-Serbja tissokta taħdem b'mod kostruttiv fil-fażi li jmiss

tad-djalogu sabiex tikseb aktar progress lejn titjib viżibbli u sostenibbli fir-relazzjonijiet mal-Kosovo.

Is-Serbja żammet livell tajjeb tar-relazzjonijiet mal-ġirien tagħha kif ukoll involviment attiv fil-koperazzjoni reġjonali, l-aktar permezz tal-presidenzi tagħha tal-Proċess ta' Koperazzjoni fix-Xlokk tal-Ewropa (SEECp), il-Migrazzjoni, l-Asil, l-Inizjattiva Reġjonali għar-Refuġjati (MARRI), l-Inizjattiva Adrijatiku-Jonju (AII) u l-Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC). Hija qed tkompli tiegħu parti attiva wkoll fil-Kunsill tal-Koperazzjoni Reġjonali (KKR) u fil-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA).

L-ekonomija tas-Serbja kompliet tikber fl-2011 b'1,6 % iżda l-irkupru ddgħajf b'mod sinifikanti fit-tieni nofs tas-sena qabel ma nbidel f'kontrazzjoni l-ewwel nofs tal-2012. Il-qgħad sploda għal 25 %. Id-defiċit baġitarju laħaq 5 % fl-2011 u kien saħansitra oġġla fl-ewwel semestru tal-2012. F'Settembru 2011 is-Serbja daħlet f'arranġament prekawzjonarju ta' riżerva mal-Fond Monetarju Internazzjonali iżda l-finalizzazzjoni tal-ewwel analiżi ġiet posposta minħabba li l-baġit tal-2012 ddevja mill-programm fiskali miftiehem. Il-maġġoranza tar-riformi ekonomiċi waqfu fil-perjodu ta' qabel l-elezzjoni. L-indipendenza tal-bank ċentrali kienet serjament sfidata bl-adozzjoni ta' emendi għal-Liġi dwar il-Bank Nazzjonali tas-Serbja f'Awwissu. Il-FMI wettaq missjoni ta' tiftix tal-fatti f'Settembru 2012 iżda għadhom ma bdewx taħdidiet dwar ftehim ta' riżerva.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, ma kien hemm l-ebda progress ulterjuri fil-perjodu ta' rappurtar lejn it-twaqqif ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Is-Serbja teħtieġ tagħmel sforzi sinifikanti biex tkun tista' tlaħħaq fit-terminu medju mal-pressjonijiet kompetittivi u l-forzi tas-suq fl-Unjoni.

Il-kunsens dwar l-elementi fundamentali ta' ekonomija tas-suq ġie ġeneralment imħares iżda jeħtieġ jingħata enerġija ġdida. Ir-riskji għall-finanzjament estern fuq medda qasira ta' żmien ittaffew permezz ta' riżervi abbondanti f'munita barranija u struttura tad-dejn estern favorevoli, bi prevalenza qawwija ta' dejn fuq medda twila ta' żmien. L-integrazzjoni kummerċjali mal-UE baqgħet ġeneralment għolja. Is-settur bankarju huwa kapitalizzat tajjeb u likwidu. Il-bank ċentrali intensifika s-superviżjoni tiegħu tas-settur bankarju. Ittieħdu xi passi biex jitħaffef u jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq. Ittieħdu wkoll passi limitati sabiex jittejjeb l-ambjent tan-negozju speċjalment fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji u l-politika tal-SMEs.

Madankollu, żbilanċi għolja tal-baġit kellhom effett restrittiv fuq l-effettività tat-taħlita ta' politiki fil-livell makroekonomiku u l-piż prinċipali tal-aġġustament waqa' fuq il-politika monetarja li qed tkompli tiġi ristretta minn grad għoli ta' ewroizzazzjoni tal-ekonomija. Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol iddeterjoraw drastikament b'żieda fil-qgħad. Il-ħolqien sostenibbli tal-impjegi jirrappreżenta sfida importanti. Politika fiskali laxka u dejn pubbliku dejjem jiżdied malajr qegħdin jillimitaw l-ispazju fiskali biex itaffi xokkijiet ulterjuri. Hemm bżonn li b'mod urġenti jittieħdu miżuri deċiżivi ta' konsolidazzjoni, appoġġati minn riformi sistemiċi tas-settur pubbliku, sabiex tiġi restawrata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Id-dewmien fir-riformi strutturali qed jillimita wkoll l-ambitu għal reazzjonijiet tal-politika li jsaħħu t-tkabbir. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex ikompli jittejjeb l-ambjent tan-negozju. L-iżvilupp ta' settur privat dinamiku ma għamel l-ebda progress u l-indhila tal-Istat fl-ekonomija għadu għoli ħafna. Il-privatizzazzjoni u r-ristrutturar ta' kumpaniji pubbliċi avvanzat bil-mod ħafna u, f'xi każijiet, privatizzazzjonijiet preċedenti anki treggħu lura. Il-prevedibiltà legali għadha dgħajfa u drittijiet tal-proprjetà li mhumieħ ċari għadhom qed ifixklu l-attivitajiet ekonomiċi. Is-settur informali għadu sfida importanti.

Rigward il-kapaċità tas-Serbja li **tassumi l-obbligi tas-sħubija**, is-Serbja kompliet tallinja l-leġislazzjoni tagħha għar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tal-UE, iżda b'ritmu aktar bil-mod minħabba li l-attivitajiet kemm lill-Gvern kif ukoll tal-parlament naqsu matul is-sena elettorali. Għe rreġistrat progress tajjeb fil-liġi tal-kumpaniji, id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, l-istatistika u l-unjoni doganali. Jinħtieġu sforzi ulterjuri partikolarment fl-oqsma tal-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-ambjent u t-tibdil fil-klima kif ukoll fil-qasam tal-kontroll finanzjarju. Il-Ftehim *Interim* (FI) tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) kompla jiġi implimentat bla xkiel u mingħajr xi kwistjonijiet pendenti. Is-Serbja qed tkompli tibni rekord pożittiv rigward l-obbligi taħt l-FSA/FI.

Sar xi progress fil-qasam tal-*moviment ħieles tal-merkanzija*, fejn it-tnejn huma moderatament avvanzati. L-istandards tal-UE qed ikomplu jiġu implimentati u l-korp ta' akkreditazzjoni Serb sar membru sħiħ tal-koperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni. Is-sorveljanza tas-suq għadha frammentata ħafna u l-kontrolli ta' spezzjoni qed ikomplu jimponu piż amministrattiv kbir bla bżonn fuq l-impriżi. L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni, il-kapaċità amministrattiva u kordinazzjoni fost l-istituzzjonijiet jeħtieġ li jissaħħu. Kien hemm xi progress fil-qasam tal-*libertà tal-moviment tal-ħaddiema*, fejn il-preparazzjonijiet huma moderatament avvanzati. Il-kordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali jeħtieġ li tiġi mtejbja u t-tnejn għall-parteciġazzjoni fin-network tas-Servizzi Ewropej tal-Impjiegi intensifikati.

Ftit sar progress fil-qasam tad-*dritt ta' stabbiliment u l-libertà tal-forniment ta' servizzi*, filwaqt li kien hemm xi progress fil-qasam tal-*moviment liberu tal-kapital*, inkluż fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi allinjata mal-*acquis* l-leġislazzjoni għal operazzjonijiet kapitali fuq żmien qasir, il-proprjetà immobbli u sistemi ta' pagament mal-*acquis*, u tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus. Ġeneralment, l-allinjament f'dawn l-oqsma jinsab fi stadju moderatament avvanzat.

Fil-qasam tal-*akkwist pubbliku*, sar xi progress l-aktar fil-qasam tas-sħubijiet pubbliċi privati. Jeħtieġ li s-Serbja tagħmel sforzi kostanti biex timplimenta l-qafas leġislattiv tagħha dwar l-akkwist pubbliku, u b'mod partikolari tevita rregolaritajiet fl-użu tal-proċedura negozjata. Kordinazzjoni effettiva bejn il-partijiet interessati ewlenin, inkluż awditjar u istituzzjonijiet ġudizzjarji, għandha tiġi żgurata. Ir-rekord tal-infurzar u l-kapaċitajiet amministrattivi tal-Ispezzjoni Baġitarja tal-Ministeru tal-Finanzi responsabbli għas-sorveljanza tal-akkwist pubbliku jeħtieġ li jissaħħu b'mod sostanzjali. L-allinjament f'dan il-qasam huwa moderatament avvanzat.

Sar progress tajjeb fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji, fejn l-allinjament jinsab fi stadju avvanzat, bid-dħul fis-seħħ ta' liġi ġdida fi Frar 2012 u bl-adozzjoni ta' diversi emendi għal din il-liġi. Għall-kontabilità korporattiva u l-awditjar, għandhom jiġu intensifikati l-isforzi f'dak li jirrigwarda s-sorveljanza pubblika indipendenti, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-investigazzjonijiet. Is-Serbja għamlet progress tajjeb fl-allinjament mal-*acquis* tal-UE dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u mal-implimentazzjoni tal-istrateġija 2011-2015 dwar id-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali (DPI). Mekkaniżmu ta' kordinazzjoni u koperazzjoni formali bejn l-istituzzjonijiet responsabbli għall-protezzjoni tad-DPI għad irid li jiġi stabbilit. L-allinjament f'dan il-qasam huwa avvanzat.

Sar xi progress fil-qasam tal-*politika tal-kompetizzjoni*, fejn l-allinjament huwa moderatament avvanzat. L-awtorità tal-kompetizzjoni saħħet il-kapaċità tagħha u l-awtorità dwar l-ghajjnuna mill-Istat żviluppat ir-rekord tal-infurzar tagħha, iżda n-notifikazzjonijiet *ex ante* ta' miżuri dwar ghajjnuna mill-Istat jeħtieġ li jiġu mtejbja. Fl-oqsma tal-antitrust u tal-amalgamazzjonijiet

kif ukoll fl-ghajjnuna mill-Istat, huma meħtieġa miżuri addizzjonali ta' promozzjoni. Is-Serbja għamlet xi progress fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, fejn ittieħdu passi lejn l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' Basel II. Il-leġislazzjoni Serba trid tiġi allinjata iktar mal-*acquis* u implimentata b'mod effettiv fuq medda medja ta' żmien. L-allinjament f'dan il-qasam huwa moderatament avvanzat.

Kien hemm ftit progress fil-qasam tas-*soċjetà tal-informazzjoni u l-midja*, fejn l-allinjament huwa moderatament avvanzat. Ir-reġim ġenerali ta' awtorizzazzjoni għall-fornituri tat-telekomunikazzjonijiet daħal fis-seħħ bis-siġh u ġew introdotti xi salvagwardji kompetittivi ewlenin. Il-bidla mix-xandir analoġu għal xandir diġitali bdiet. L-indipendenza finanzjarja tar-regolaturi tat-telekomunikazzjoni għad trid tittejjeb u l-qafas leġislativ tas-Serbja għad irid jiġi allinjat mal-*acquis*.

Sar progress fil-qasam tal-*agrikoltura u l-iżvilupp rurali* inkluż rigward l-istatistika agrikola. Strutturi u riżorsi għall-implimentazzjoni tal-iżvilupp rurali taħt IPARD għamlu progress tajjeb, imma l-bini ta' kapacià addizzjonali għadu essenzjali. B'mod ġenerali, f'dan il-qasam l-allinjament għadu fi stadju bikri. Sar xi progress fil-qasam tal-*politika tas-sikurezza tal-ikel, veterinarja u fitosanitarja*, fejn it-tnejn huma moderatament avvanzati. Hemm bżonn ta' aktar tisħiħ tal-kapacià amministrattiva tal-istituzzjonijiet involuti fil-kontroll tas-sikurezza tal-katina alimentari, b'mod partikolari l-laboratorji veterinarji, fitosanitarji u nazzjonali ta' referenza. Sforzi huma meħtieġa rigward l-aġġornar tal-istabbilimenti tal-ikel u tal-ġhalf, il-ġestjoni ta' prodotti sekondarji mill-annimali u ta' organiżmi mmodifikati ġenetikament. Jista' jiġi rrapportat xi progress dwar is-*sajd*. Il-ġbir tad-dejta tas-suq teħtieġ tiġi mtejjba u skema ta' ċertifikazzjoni tal-qbid għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti tas-sajd teħtieġ tiġi stabbilita. It-tnejn f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Jista' jiġi rrapportat xi progress fil-qasam tal-*politika dwar it-trasport*, partikolarment fit-toroq, il-kanali interni u t-trasport bl-ajru. Liġijiet dwar Ferroviji u s-Sikurezza u l-Interoperabbiltà Ferrovjarja jridu jiġu adottati. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni lill-aċċess ġust tas-suq; jeħtieġ li jsiru aktar sforzi fis-separazzjoni ta' rwoli ta' maniġer tal-infrastruttura u operatur tal-ferrovija, kif ukoll għal regolatur definit kif suppost. Aktar tisħiħ tal-kapacià huwa meħtieġ, partikolarment għall-infurzar u l-ispezzjoni. Globalment, l-allinjament tas-Serbja f'dan il-qasam huwa moderatament avvanzat.

Ftit jista' jiġi rrapportat xi progress fil-qasam tal-*enerġija*. Huma meħtieġa iktar sforzi biex jinkiseb ftuħ reali tas-suq, is-separazzjoni u tariffi li jirriflettu l-ispejjeż. Il-leġislazzjoni qafas dwar l-użu razzjonali tal-enerġija kif ukoll leġislazzjoni dwar ir-riżervi ta' materja prima għad iridu jiġu adottati. Ir-rwol u l-indipendenza tal-aġenzija dwar l-enerġija u tar-regolatur nukleari jeħtieġ li jissaħħu. Bħala kwistjoni ta' urġenza, is-Serbja teħtieġ tindirizza l-kwistjoni tal-inklużjoni tal-Kosovo f'mekkaniżmu ta' tranżitu reġjonali dwar l-elettriku, kif imsemmi fl-Opinjoni Motivata tal-Komunità tal-Enerġija. Ġeneralment, it-tnejn f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Jista' jiġi nnutat ċertu progress fil-qasam tat-*tassazzjoni* bl-implimentazzjoni tal-istrategġija korporattiva għall-Amministrazzjoni Fiskali Serba. Il-modernizzazzjoni trid tkompli. L-indirizzar tal-ekonomija griża għadu joffri sfida. Jinħtieġu sforzi sostanzjali għat-titjib tas-sistema tal-IT, il-komunikazzjoni mal-kontribwenti fiskali u biex il-leġislazzjoni dwar id-dazji tas-sisa tkompli tiġi allinjata. Ġeneralment, it-tnejn f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat. Ma jista' jiġi rrapportat l-ebda progress fil-qasam tal-*politika ekonomika u monetarja*, fejn l-allinjament huwa moderatament avvanzat. Emendi reċenti għal-liġi dwar il-bank ċentrali jipperikolaw l-indipendenza tiegħu u għalhekk jikkostitwixxu

pass sinifikanti lura fl-allinjament mal-*acquis*. Il-kapaċità għall-formulazzjoni u l-kordinazzjoni tal-politika ekonomika jeħtieġ **tissaħħa aktar**. Jista' jiġi rrapportat progress tajjeb fil-qasam tal-*istatistika*, fejn is-Serbja tinsab moderatament avvanzata. L-ċensiment tal-popolazzjoni u d-djar twettqet skont il-pjani. Il-kapaċità tal-Uffiċċju tal-Istatistika se jkollu jiġi rinfurzat matul is-snin li ġejjin sabiex jippermetti għall-implimentazzjoni komprensiva tal-*acquis* statistiku.

Jista' jiġi rrapportat xi progress fil-qasam tal-*politika soċjali u l-impjiegi* speċjalment fl-oqsma tal-politika tal-impjiegi, is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol u l-inklużjoni soċjali. Madankollu, żviluppi ekonomiċi avversi u allokazżjonijiet baġitarji limitati qed iħallu impatt fuq il-politiki dwar ix-xogħol b'mod ġenerali u hemm bżonn jissaħħu. Huma meħtieġa iktar sforzi għar-ristrutturar u r-riforma tal-ħarsien soċjali u biex tinkiseb lura s-sostenibbiltà. Ġeneralment, is-Serbja bdiet tindirizza l-prijoritajiet tagħha f'dan il-qasam.

Sar progress fil-qasam tal-*politika tal-impriża u l-politika industrijali*, fejn il-preparazzjonijiet jinsabu tajjeb fi triqithom. Is-Serbja timplimenta l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħir b'mod xieraq.

Is-Serbja għamlet xi progress fil-qasam tan-*networks trans-Ewropej*, fejn il-preparazzjonijiet huma moderatament avvanzati. Hija qiegħda tkompli tiżviluppa networks tat-trasport u tal-enerġija u tipparteċipaw attivament fil-ħidma tal-Osservatorju tat-Trasport tax-Xlokk tal-Ewropa u fil-Komunità tal-Enerġija. Għad hemm sfidi kbar f'dak li hu l-finanzjament tal-interkonnessjonijiet ġodda tan-*networks* tal-enerġija u t-trasport. Ġie nnutat progress fil-qasam tal-*politika reġjonali u l-kordinazzjoni tal-istrumenti strutturali*, fejn it-tħejjijiet mexjin 'il quddiem. Is-Serbja lestiet l-istadji ta' tħejjija għad-deċentralizzata tal-ġestjoni tal-IPA għal erba' Komponenti. Jeħtieġ li tiġi żgurata ulterjorment kapaċità għall-implimentazzjoni adegwata. Il-programmar jeħtieġ jiġi mtejjeb, speċjalment f'dik li hi tħejjija ta' sensiela ta' proġetti solida bbażata fuq strateġiji rilevanti.

Ftit sar progress fir-rigward tal-*ġudikatura u d-drittijiet fundamentali*. Ir-reviżjoni tal-ħatriet mill-ġdid tal-imħallfin u l-prosekuturi ma' kkoreġietx in-nuqqasijiet attwali u nqalbet mill-Qorti Kostituzzjonali li ordnat l-integrazżjoni mill-ġdid tal-imħallfin u l-prosekuturi kollha li kienu appellaw min-nuqqas ta' ħatra mill-ġdid tagħhom. Strateġija ġdida għar-riforma ġudizzjarja hija meħtieġa bbażata fuq analiżi funzjonali. L-implimentazzjoni tal-qafas legali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni kompliet. Madankollu, strateġija u Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Korruzzjoni għadhom pendenti. Direzzjoni politika iktar b'saħħitha, aktar kordinazzjoni effettiva bejn l-aġenziji u approċċ proattiv fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni huma meħtieġa. Rigward id-drittijiet fundamentali, il-leġiżlazzjoni tinsab fis-seħħ u ġeneralment rispettata. Il-libertà tal-espressjoni hija ġeneralment iggarantita iżda l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-midja għandha bżonn tiħaffef. Diskriminazzjoni bbażata fuq etniċità, sess, u orjentazzjoni sesswali għadha mifruxa u hemm bżonn ta' aktar miżuri biex jiġġieldu kull forma ta' diskriminazzjoni. Hemm bżonn ta' approċċ proattiv lejn inklużjoni aħjar tal-popolazzjoni LGBT u għarfien akbar fis-soċjetà. Ittieħdu xi passi pożittivi biex titjieb il-qagħda tal-minoranzi, inklużi r-Rom, iżda huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex tintlaħaq implimentazzjoni koerenti tal-leġiżlazzjoni madwar s-Serbja. Ġeneralment, is-Serbja bdiet tindirizza l-prijoritajiet tagħha f'dan il-qasam.

Is-Serbja għamlet xi progress fil-qasam tal-*ġustizzja, l-libertà u s-sigurtà*. Is-Serbja hija involuta b'mod attiv fil-koperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u dik ġudizzjarja u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi ġeneralment għandhom biżżejjed kapaċità biex iwettqu investigazzjonijiet standard. Sforzi addizzjonali huma meħtieġa sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet biex jitwettqu investigazzjonijiet kumplessi u biex tissaħħa il-kordinazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-

liġi u l-ġudikatura. Jeħtieġ li jinbena rekord tajjeb ta' investigazzjonijiet proattivi u kundanni f'kawżi ta' kriminalità organizzata. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Inkiseb ftit progress fil-qasam *tax-xjenza u riċerka*. Kemm l-investimenti pubbliċi kif ukoll dawk privati fir-riċerka għadhom baxxi u s-Serbja ġeneralment jeħtiġilha ssaħħa il-kapaċità nazzjonali tagħha ta' riċerka. Kollox ma' kollox, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu tajjeb fi triqithom. Ftit progress jista' jiġi rrapportat fil-qasam tal-*edukazzjoni u kultura*, fejn l-allinjament huwa moderatament avvanzat. Kien hemm progress biex is-sistema edukattiva ssir aktar soċjalment inklużiva, kif ukoll biex jiddaħħlu standards ta' assikurazzjoni ta' kwalità fl-edukazzjoni elementari. Implimentazzjoni aħjar tar-riformi għall-edukazzjoni għolja għadha ta' sfida u r-riformi fl-edukazzjoni vokazzjonali u s-settur tat-taħriġ għad jeħtiġilhom jitħaffu. Il-ġestjoni finanzjarja u kontroll finanzjarju għad jeħtiġilhom jissaħħu bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni futura tas-Serbja fil-programm tal-Edukazzjoni, Żgħażaġħ u Sport.

Inkiseb xi progress fil-qasam tal-*ambjent* fejn l-allinjament mal-*acquis* u kompliet ir-ratiffa ta' konvenzjonijiet ambjentali internazzjonali. Jeħtieġ isiru aktar sforzi sinifikanti sabiex tiġi implimentata l-leġislazzjoni nazzjonali, speċjalment fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ilma, il-kontroll tat-tniġġis industrijali u l-ġestjoni tar-riskju, il-protezzjoni tan-natura u l-kwalità tal-arja. It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għandum jibqa' prijorità. Ftit inkiseb progress fil-qasam tat-*tibdil fil-klima*. Huma meħtieġa sforzi konsiderevoli rigward is-sensibilizzazzjoni fuq l-opportunitajiet u l-isfidi tal-azzjoni dwar il-klima, l-iffissar ta' approċċ aktar strateġiku għall-pajjiż, l-allinjament mal-*acquis* tal-UE dwar il-klima u implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u l-koperazzjoni interistituzzjonali. Ġeneralment, is-Serbja bdiet tindirizza l-prijoritajiet tagħha f'dawn l-oqsma.

Sar xi progress fil-qasam tal-*ħarsien tal-konsumatur u tas-saħħa*, fejn it-tħejjijiet huma moderatament avvanzati. L-isforzi għandhom jiffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-qafas leġislativ attwali u jitkompla l-allinjament mal-*acquis*. Il-kordinazzjoni istituzzjonali bejn l-atturi rilevanti u l-kapaċità amministrattiva fiż-żewġ oqsma ta' protezzjoni tal-konsumatur u s-saħħa pubblika jeħtieġ li tissaħħa.

Is-Serbja għamlet progress tajjeb fil-qasam tal-*Unjoni Doganali*, bl-adozzjoni ta' liġijiet ġodda u sforzi sostnuti biex itejbu l-kapaċità amministrattiva, b'mod partikolari fis-settur ta' wara r-rilaxx u tal-awditjar. Is-Serbja teħtieġ ukoll li tiżgura l-applikazzjoni xierqa tal-*acquis* tal-UE fil-linja amministrattiva tal-fruntiera/konfini mal-Kosovo. Il-leġislazzjoni dwar is-sigurtà relatata mad-dwana trid tiġi implimentata u s-Sistema ta' Proċessar tad-Dikjarazzjoni Doganali mġedda jew aġġornata. B'mod ġenerali, it-tħejjijiet fil-qasam tal-unjoni doganali jinsabu tajjeb fi triqithom.

Sar xi progress fil-qasam tar-*relazzjonijiet esterni*, fejn it-tħejjijiet huma moderatament avvanzati. L-adeżjoni fid-WTO hija pendenti sakemm jiġu ffinalizzati n-negozjati bilaterali. Fil-qasam tal-*politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża*, is-Serbja tejbet sew l-allinjament tagħha mad-dikjarazzjonijiet tal-PESK tal-UE u wriet impenn kontinwu biex tipparteċipa f'operazzjonijiet għall-ġestjoni ta' kriżijiet ċivili u militari tal-UE. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu tajjeb fi triqithom.

Sar xi progress fil-qasam tal-*kontroll finanzjarju*, partikolarment f'dak li jirrigwardja l-awditjar estern. Jinħtieġu sforzi sostanzjali biex biex tiġi żviluppata ġestjoni u kontroll finanzjarju tas-settur pubbliku u bbażati fuq il-kunċett bażi ta' kontabilità maniġerjali. Ma sar l-ebda progress fil-qasam tad-*dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji*. L-infrastruttura

amministrattiva meħtieġa, inklużi l-kordinazzjoni u r-rabtiet organizzattivi u proċedurali bejn id-diversi istituzzjonijiet involuti fis-sistema tar-riżorsi proprji se jeħtieġ li tiġi żviluppata fi żmien debitu. B'mod ġenerali, it-tnejniet f'dawn l-oqsma jinsabu fi stadju bikri.

L-Albanija

Il-ftehim politiku ta' Novembru 2011 bejn il-maġġoranza fil-Gvern u l-Oppożizzjoni mmarka t-tmiem ta' staġnar politiku li rriżulta mill-elezzjonijiet parlamentari tal-2009. Dan il-ftehim fittex li jindirizza r-riforma elettoralu u parlamentari u li joħloq il-klima politika għal sforzi konġunti ta' riforma fl-oqsma l-oħrajn. Bħala riżultat, id-djalogu politiku u l-koperazzjoni tjebru mhux ħażin biex b'hekk fetħu t-triq għal progress f'oqsma ċentrali ta' riforma inkluża riforma elettoralu. L-elezzjonijiet tmexxew skont il-Kostituzzjoni, iżda l-proċess politiku madwarhom ma benieq fuq id-djalogu pożittiv transpartitarju mniedi f'Novembru. Minkejja xi retorika ta' konfront bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni, il-ftehim politiku kompli jiġi implimentat. Ġeneralment, l-Albanija għamlet progress tajjeb fit-twettiq tal-**kriterji politiċi** għas-sħubija mal-UE, billi wttqet għadd ta' riformi fil-konfront tal-prijoritajiet ewlenin fl-Opinjoni tal-2010 tal-Kummissjoni⁴. Sar progress tajjeb fl-oqsma ewlenin ta' riforma politika bħall-funzjonament tajjeb tal-parlamentari, l-adozzjoni ta' liġijiet pendenti li jeħtieġu maġġoranza rinfurzata, il-ħatra tal-Ombudsman u l-proċess ta' smiġ u ta' votazzjoni fil-Parlament għall-ħatriet fil-qorti superjuri, kif ukoll il-modifika tal-qafas leġilattiv għall-elezzjonijiet, li wasslu għat-twettiq tal-erba' priyoritajiet ewlenin ikkonċernati. L-Albanija tinsab sew fi triqitha biex tissodisfa ż-żewġ priyoritajiet ewlenin rigward ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika u t-titjib tat-trattament tad-detenu.

Fir-rigward tas-sitt priyoritajiet ewlenin l-oħra, kien hemm progress moderat rigward ir-riforma tal-ġudikatura u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, pereżempju bir-riforma tas-sistema tal-immunità tal-uffiċjali pubbliċi u l-imħallfin u bl-adozzjoni tal-liġi dwar il-qrati amministrattivi, u bi progress irregolari f'politiki kontra d-diskriminazzjoni inkluża l-protezzjoni tal-minoranzi u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għixien tal-komunità Rom. Il-progress fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, kif ukoll fir-riforma tal-proprjetà u tad-drittijiet tan-nisa, inklużi xi passi sinifikanti, notevolment iż-żieda fis-sekwestri ta' assi kriminali, l-adozzjoni ta' strateġija komprensiva dwar riforma tal-proprjetà, u emendi għall-kodiċi kriminali li jsaħħu s-sanzjonijiet għal vjolenza domestika.

Fl-oqsma kollha li huma koperti mill-prijoritajiet ewlenin u li ma twettqux se jkunu meħtieġa sforzi addizzjonali sinifikanti biex jiżguraw l-implimentazzjoni sostenibbli tal-impenji diġà meħuda u aktar riżultati konkreti, l-aktar fil-kuntest tal-implimentazzjoni. Sabiex jinżamm il-*momentum* attwali tar-riforma u jiġu kkonsolidati l-kisbiet tagħha sa issa, l-Albanija teħtieġ b'mod partikolari tiffoka fuq kunsens għall-adozzjoni tar-regoli riveduti ta' proċedura tal-Parlament u fuq l-emendi għal-Liġijiet dwar il-Qorti Għolja u s-Servizz Ċivili. L-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-djalogu politiku huwa essenzjali għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u għall-perkors tal-Albanija lejn l-UE. Rigward id-**demokrazija u l-istat tad-dritt**, djalogu politiku mtejjeb fil-parlament u atmosfera aktar kostruttiva waqt il-laqgħat tal-kumitat

⁴ Il-prijoritajiet ewlenin jikkonċernaw l-oqsma li ġejjin: it-tħaddim tajjeb tal-parlament; l-adozzjoni ta' liġijiet li jeħtieġu maġġoranza rinfurzata; il-proċeduri ta' ħatra u ħatriet fl-istituzzjonijiet ewlenin; ir-riforma elettoralu; it-twettiq ta' elezzjonijiet; ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika; l-istat tad-dritt u r-riforma ġudizzjarja; il-ġlieda kontra l-korruzzjoni; il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar il-proprjetà; jissaħħu d-drittijiet tal-bniedem u jiġu implimentati politiki kontra d-diskriminazzjoni; jitjieb it-trattament tad-detenu u jiġu applikati r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman. Għat-test sħiħ tal-prijoritajiet ewlenin, ara COM(2010) 680.

u dawk plenarji ppermettew li jsir progress tajjeb f'għadd ta' oqsma, minkejja xi perjodi qosra ta' retorika politika ta' konfront u tnaqqis temporanju fir-ritmu tar-riformi.

Il-funzjonament tal-*parlament* u d-djalogu politiku tjiebu b'mod konsiderevoli minħabba l-ftehim politiku ta' Novembru 2011. Dan ippermetta li jsir progress sinifikanti permezz tal-adozzjoni tal-liġijiet pendenti kollha li jeħtieġu maggioranza rinfurzata, il-ħatra ta' Ombudsman b'kunsens, it-tmexxija ta' smigħ u tal-proċess tal-vot għan-nominazzjoni presidenzjali ta' mħallef fil-Qorti Għolja, u l-adozzjoni tal-emendi għall-kodiċi elettorali (li jkopru erba' prijoritajiet ewlenin tal-Opinjoni). Issa huwa essenzjali li r-regoli ta' proċedura parlamentari riveduti jiġu adottati. Fil-11 ta' Ġunju 2012, ġie elett President ġdid fir-raba' ċiklu tal-elezzjoni bil-voti tal-maggioranza fil-Gvern biss. Għalkemm konformi mal-Kostituzzjoni, l-elezzjonijiet presidenzjali ma laħqux l-aspettattivi kollha għall-inklussività u ħolqu tensjoni fil-konsolidazzjoni ta' djalogu politiku u l-koperazzjoni. Dan ikkontribwixxa għal tnaqqis temporanju fir-ritmu ta' rifoma f'oqsma prinċipali li jitolbu kunsens politiku, li ġie meġhlu ftit wara.

Sar xi progress fir-rigward l-ħidma tal-Gvern. Dan jinkludi progress tajjeb fil-kordinament tal-proċess ta' integrazzjoni mal-UE permezz tar-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet ewlenin tal-Opinjoni, li tmexxa b'mod trasparenti u parteċipattiv. Kompla jkun hemm koperazzjoni tajba bejn iċ-Chairperson mill-Oppożizzjoni tal-Kumitat Parlamentari dwar l-Integrazzjoni Ewropea u l-Ministru tal-Integrazzjoni Ewropea rigward l-isfidi ta' riforma tal-UE li għandu l-pajjiż, inkluża l-parteċipazzjoni konġunta f'Mejju 2012 fil-Kunsill UE-Albanija. Il-kapaċità għall-abbozzar leġiżlattiv u l-proċess tal-ippjanar għall-allinjament tal-leġiżlazzjoni mal-*acquis* jeħtieġ li jitjiebu aktar, partikolarment permezz tal-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri dwar NPISAA⁵. Rigward il-gvern lokali, id-deċentralizzazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-Istat ma ġietx korrisposta minn trasferimenti xierqa fir-riżorsi amministrattivi u finanzjarji mil-livell ċentrali għal dak lokali. L-eżistenza ta' żewġ assoċjazzjonijiet separati, ta' gvern lokali ma twassalx għal titjib fir-relazzjonijiet istituzzjonali bejn il-gvern ċentrali u dak lokali bil-għan ta' proċess ta' deċentralizzazzjoni ta' suċċess u trasparenti.

Kien hemm progress fir-riforma tal-*amministrazzjoni pubblika*, prijorità ewlenija tal-Opinjoni, l-aktar permezz tal-adozzjoni ta' Liġijiet dwar il-Qrati Amministrattivi u dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament tal-Amministrazzjoni Pubblika kif ukoll permezz tal-ħatra tal-Ombudsman. Issa huwa essenzjali li jiġu adottati l-emendi għal-Liġi tas-Servizz Ċivili. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata u tal-atti amministrattivi jeħtieġ li tissaħħaħ. Il-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali għall-amministrazzjoni pubblika għadu kkaratterizzat minn nuqqasijiet li jeħtieġ jiġu indirizzati bil-għan li jissaħħaħ il-professjonaliżmu, id-depolitiċizzazzjoni, il-meritokrazija, it-trasparenza u r-responsabbiltà.

Rigward il-*ġudikatura*, sar progress moderat lejn it-tlestija tar-riforma ġudizzjarja, li hija prijorità ewlenija tal-Opinjoni. L-istrateġija tar-riforma ġudizzjarja u tal-pjan ta' azzjoni rilevanti ta' Marzu 2012 bdiet tiġi implimentata. Ġew adottati l-Liġi dwar il-Qrati Amministrattivi u l-Liġi dwar il-Konferenza Ġudizzjarja Nazzjonali. Sistema privata ġdida tal-marixxalli hija operattiva. Madankollu, il-leġiżlazzjoni importanti sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà, l-indipendenza u l-effiċjenza tal-ġudikatura għadha tistenna l-finalizzazzjoni, l-adozzjoni u l-implimentazzjoni. F'dan ir-rigward, issa huwa essenzjali li l-emendi għal-Liġi dwar il-Qorti Għolja jiġu adottati. L-organizzazzjoni tal-qorti, it-trasparenza u kawżi pendenti, kif ukoll l-*istatus* tal-amministrazzjoni ġudizzjarja, ikomplu jqajmu tħassib għall-effiċjenza

⁵ Pjan Nazzjonali għall-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni

tal-ġudikatura, l-istess bħall-allokazzjoni tal-baġit. Il-proċedimenti sabiex jinjtehet dawl fuq il-ġrajjet tal-21 ta' Jannar 2011 jeħtieġ li jiġu finalizzati permezz ta' proċess ġudizzjarju kredibbli. Huwa rrapportat progress tajjeb fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-ġudikatura, permezz tal-limitazzjoni tal-immunità tal-imħallfin. L-Albanija teħtieġ li taċċellera aktar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tar-riforma ġudizzjarja sabiex tiżgura l-indipendenza, l-effiċjenza u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji tagħha.

Sar progress moderat fil-qasam tal-*politika kontra l-korruzzjoni*, li hija prijorità ewlenija tal-Opinjoni, l-aktar permezz tal-limitazzjoni tal-immunità kostituzzjonali ta' uffiċjali pubbliċi għoljin u l-imħallfin. Saru xi sforzi biex titjeb il-koperazzjoni interistituzzjonali, l-iskambju ta' informazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ġeneralment ta' livell baxx u medju. Madankollu, in-nuqqas ta' approċċ proattiv u n-nuqqas ta' riżorsi u apparat qed ikomplu jostakolaw investigazzjonijiet effettivi. Ma hemm l-ebda rekord adegwat fl-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni fil-livelli kollha. Il-korruzzjoni għadha prevalenti f'ħafna oqsma u għadha problema partikolarment serja.

Sar xi progress fil-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata*, li hija prijorità ewlenija tal-opinjoni. Ġie osservat progress b'mod partikolari rigward iż-żieda fis-sekwistri ta' assi kriminali, fil-koperazzjoni interistituzzjonali fl-investigazzjoni tal-kriminalità finanzjarja, fil-ħasil tal-flus, u fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin. Il-koperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE miexja sew, u ġiet stabbilita rabta soda ta' komunikazzjoni biex tiffaċilita l-iskambju ta' tagħrif mal-Europol. Għandha ssir promozzjoni tal-evalwazzjoni tat-theddid u ta' investigazzjonijiet proattivi sabiex ikompli jiġi żviluppat rekord tajjeb fl-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u kundanni fil-livelli kollha. Il-kriminalità organizzata għadha sfida ewlenija fl-Albanija.

Inkiseb progress moderat fil-qasam tad-*drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi*.

Kien hemm progress lejn it-tweġiq tal-prijorità ewlenija li s-sejħet għal trattament aħjar tad-detenuti, tisħiħ fis-segwitu ġudizzjarju ta' każi ta' trattament ħażin u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman. Ittieħdu miżuri biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u tissaħħaħ il-koperazzjoni mal-Ombudsman. Xi każijiet ta' maltrattament għadhom jiġu rrapportati u l-pulizija ma ssegwix sistematikament proċeduri xierqa għall-arrest u għall-arrest preventiv. Il-kwalità tal-ħajja fil-ħabsijiet għadha tvarja. Hemm pjani biex jiġi titwaqqaf istituzzjoni medika speċjali għal detenuti morda mentalment, iżda għad hemm il-ħtieġa għal kura speċjalizzata addizzjonali u għal titjib fit-trattament. Dewmien fil-proċedimenti tal-qorti u riżorsi li għadhom insuffiċjenti tas-Servizz ta' Probation qed ikomplu jwasslu għal użu eżaġerat tad-detenzjoni ta' qabel is-smigħ.

Il-progress biex titwettagħ il-prijorità ewlenija li ssejjaħ għat-tisħiħ tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment tan-nisa, it-tfal u r-Rom u l-implimentazzjoni effettiva ta' politiki kontra d-diskriminazzjoni ma kienx kostanti. L-emendi għall-Kodiċi Kriminali fuq il-vjolenza domestika huma pass pożittiv. L-implimentazzjoni tal-politiki għall-ħarsien tat-tfal jeħtieġ li tissaħħaħ. Hemm il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri leġiżlattivi għal persuni b'diżabbiltà u li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni bil-għan li jiġu indirizzati dispożizzjonijiet potenzjalment diskriminatorji kontra l-persuni LGBT. Il-Kummissarju għall-Ħarsien mid-Diskriminazzjoni ħadem biex tikber is-sensibilizzazzjoni iżda huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex jiġi stabbilit rekord ta' każijiet li nġiebu fi tmiemhom. Għad hemm diskriminazzjoni kontra ċerti gruppi vulnerabbli, bħalma huma l-persuni LGBT u r-Rom. Ir-relazzjonijiet interetniċi għadhom tajba iżda l-ebda miżuri ma ttieħdu biex jindirizzaw nuqqasijiet fil-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali globali fil-qasam tal-minoranzi. L-implimentazzjoni ta' għodod ta' politika

għall-inklużjoni tar-Rom u l-aċċess ta' din il-komunità għall-protezzjoni u servizzi soċjali għadhom insuffiċjenti, u jwasslu għal marġinalizzazzjoni. Il-politiki fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem huma fil-biċċa l-kbira appoġġati mis-soċjetà ċivili u mid-donaturi. Huwa importanti għall-Albanija li tagħti prijorità lill-politiki f'dawn l-oqsma sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà.

Sar ftit progress fil-qasam tad-*drittijiet tal-proprietà*, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' liġi ġdida dwar ir-reġistrazzjoni tal-proprietà immobbli u ta' strateġija orizzontali u pjan ta' azzjoni għal riforma fil-qasam tad-drittijiet tal-proprietà, prijorità ewlenija tal-Opinjoni. Kordinazzjoni u monitoraġġ effiċjenti huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-konsistenza bejn il-leġiżlazzjoni fis-seħħ u inizjattivi futuri. Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati jeħtieġ li jkomplu f'dan ir-rigward. L-ewwel reġistrazzjoni tal-proprietajiet għadha ma tlestietx. Il-kumpens u r-restituzzjoni għall-pretensjonijiet minn sidien preċedenti huma eżegwiti b'rata kajmana ħafna.

Rigward *kwistjonijiet reġjonali u obbligi internazzjonali*, l-Albanija kompliet taqdi rwol kostruttiv biex tikkontribwixxi għall-istabbiltà tar-reġjun billi kkonsolidat relazzjonijiet pożittivi mal-ġirien u l-imsieħba reġjonali. Il-pajjiż ikkopera bis-sħiħ mal-EULEX u f'Mejju 2012, il-Parlament adotta liġi speċjali li tippermetti lill-investigaturi tal-EULEX iwettqu inkjesti fuq it-territorju Albaniż. Fil-qafas tal-presidenza tagħha tal-programm MARRI (l-Inizjattiva Reġjonali għall-Migrazzjoni, l-Asil u r-Refuġjati), daħal fis-seħħ ftehim bejn l-Albanija, il-Montenegro u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex jittaffew il-proċeduri ta' qsim transkonfinali bejn il-pajjiżi. Iċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi issa jistgħu jivvjaġġaw bejniethom b'karti tal-identità bijometriċi għal perjodu sa tliet xhur.

Rigward il-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-ftehim dwar l-immunità bilaterali mal-Istati Uniti ma jaqbilx mal-pożizzjonijiet komuni u mal-prinċipji gwida tal-UE. Jeħtieġ li l-Albanija tallinja l-pożizzjoni tagħha ma' dik tal-UE.

L-Albanija kompliet tieħu sehem attiv f'inizjattivi ta' koperazzjoni reġjonali, inkluż fil-Proċess ta' Koperazzjoni tax-Xlokk tal-Ewropa (SEEC), il-Kunsill tal-Koperazzjoni Reġjonali (RCC), u fil-ftehim ta' Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA). Il-pajjiż għandu fidejha il-presidenza tas-CEFTA u tal-Kunsill tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

L-Albanija żammet stabbiltà makroekonomika. It-tkabbir tal-PDG, misjuq l-aktar mid-domanda domestika, naqas iżda baqa' pożittiv fi 3,1 % fl-2011. L-attività ekonomika kienet wieqfa fl-ewwel kwart tal-2012 fost disturbji lill-elettriku kkaġunati mit-temp. Nuqqas ta' prestazzjoni mid-dħul u nfiq oġġla wasslu għal żieda fl-iżbilanċ tal-gvern u konsegwentement dejn pubbliku oġġla. Ir-riformi strutturali tilfu l-*momentum* fil-parti minħabba djalogu politiku domestiku fraġli. Il-politika monetarja baqgħet soda u żammet l-inflazzjoni fil-firxa tal-mira. L-infurzar dgħajef tal-kuntratti u tal-istat tad-dritt, livelli inadegwati ta' infrastruttura u kapital uman, kif ukoll l-ekonomija informali għadhom ifixklu l-iżvilupp ekonomiku.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, l-Albanija għamlet iżjed progress biex issir ekonomija tas-suq li tiffunzjona. L-Albanija għandha tkun kapaċi tlaħħaq mal-pressjonijiet u l-forzi tas-suq fl-Unjoni fit-terminu medju, diment li żżid il-pass u tapprofondixxi r-riformi strutturali, inkluż permezz tat-tisħiħ tas-sistema legali u t-tisħiħ tal-kapital fiżiku u uman.

Inżamm ftehim ġenerali dwar l-essenzjali ewlenin ta' ekonomija tas-suq minkejja l-kuntest politiku ta' spiss polarizzat. L-ekonomija Albaniża kompliet tikber, iżda b'ritmu aktar bil-mod u minkejja l-persistenza ta' kundizzjonijiet ekonomiċi mhux favorevoli tal-imsieħba

kummerċjali importanti tagħha. Il-politika monetarja rnexxielha tgħin biex iżżomm l-inflazzjoni stabbli u tankra l-aspettattivi inflazzjonarji. Il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol tjiebet ftit. Involvement tal-istat fl-ekonomija u l-livell tas-sussidji baqgħu limitati. Is-settur bankarju huwa kapitalizzat tajjeb u likwidu. Sar xi progress biex ikompli jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq.

Madankollu, l-iżbilanċ fiskali żdied fl-2011, biex wassal għal żieda oħra fid-dejn pubbiku relattivament għoli li qed ikompli juri propensità lejn terminu qasir. Id-defiċit persistentement għoli tal-kont kurrenti huwa sors ta' vulnerabbiltà. Il-qgħad għadu persistentement għoli. L-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' falliment għadha ma tlestietx. Id-dgħufijiet fl-istat tad-dritt ixekklu l-kapaċità tal-infurzar tal-kuntratti filwaqt li kwistjonijiet pendenti fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà qed ixekklu l-investiment u l-ambjent tan-negozju in ġenerali. Is-settur informali u ġbir fiskali dgħajjef għadhom ta' sfida. Il-livell għoli u dejjem jiżdied ta' self li ma jrendix fis-sistema bankarja huwa kwistjoni ta' tħassib. L-investiment fil-kapital uman u l-infrastruttura għadu inadegwat. In-nuqqas ta' diversifikazzjoni tal-produzzjoni f'termini ta' setturi u swieq tal-esportazzjoni jħalli l-ekonomija vulnerabbli għal xokkijiet esterni.

L-Albanija għamlet progress moderat biex ittejjeb il-**kapaċità tagħha li tassumi l-obbligi tas-sħubija**, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kompetizzjoni, it-tassazzjoni, statistika, il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, l-edukazzjoni u l-kultura u l-unjoni doganali. Il-progress kien limitat f'oqsma oħra bħalma huma l-libertà tal-moviment tal-ħaddiema, l-akkwist pubbliku, il-liġi tal-proprjetà intellettuali, is-sikurezza tal-ikel, is-sajd, l-enerġija, u l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Kollox ma' kollox, l-Albanija ġeneralment kompliet timplimenta mingħajr xkiel l-obbligi tagħha skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA). Madankollu, xorta waħda hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha tal-impenji, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u industrijali. Barra minn hekk, huma meħtieġa sforzi kostanti biex ittejjeb il-kapaċità amministrattiva u biex jissaħħu l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni.

Fil-qasam tal-moviment *ħieles tal-merkanzija* sar progress fl-istandardizzazzjoni. Ix-xogħol jeħtieġ li jkompli fuq l-approssimazzjoni leġiżlativa mal-*acquis*. Sorveljanza adegwata tas-suq għadha mhux fis-seħħ. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avanzat.

Ftit li xejn sar progress fil-qasam tal-libertà tal-moviment tal-ħaddiema. Saru xi thajijiet għall-parteċipazzjoni futura fil-EURES u l-kordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiżdied l-allinjament tal-leġiżlazzjoni mal-*acquis* rigward l-aċċess għas-suq tax-xogħol. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam mhumieq avanzati wisq. Sar xi progress fil-qasam ta' *stabiliment u l-libertà tal-forniment ta' servizzi*, partikolarment rigward l-għarfien reċiproku ta' kwalifiki professjonali. It-tħejjijiet għal allinjament mad-Direttiva dwar is-Servizzi għadhom fi stadju bikri. Il-leġiżlazzjoni postali Albaniża għadha mhix konformi mal-*acquis*. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avanzat. Sar progress fil-qasam tal-moviment *liberu tal-kapital* rigward miżuri leġiżlattivi permezz tal-adozzjoni ta' emendi għall-Kodiċi Kriminali u l-Liġi tal-Banek. Huma meħtieġa aktar sforzi rigward l-approssimazzjoni tal-Liġi dwar is-Sistemi ta' Pagament mal-*acquis*. It-tħejjijiet rigward il-moviment liberu tal-kapital huma moderatament avanzati.

Sar ftit progress fl-approssimazzjoni l-qafas leġiżlattiv dwar l-*akkwist pubbliku* u l-konċessjonijiet mal-*acquis*. It-tqassim tar-responsabbiltajiet fost l-istituzzjonijiet kollha tal-akkwist pubbliku għadu mhux iddefinit sew u l-kapaċità amministrattiva u l-indipendenza tagħhom għadha insuffiċjenti. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avanzat. Sar xi progress fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji, fejn it-tħejjijiet huma moderatament

avanzati. L-Albanija approvat il-Kodiċi ta' Governanza Korporattiva, biex b'hekk komplet tallinja l-leġislazzjoni tagħha mal-*acquis*. Hija meħtieġa iżjed approssimazzjoni leġislattiva dwar rekwiżiti ta' rappurtar u dokumentazzjoni fil-każ tal-għaqdiet u diviżjonijiet ta' kumpaniji u f'każi ta' kontabbiltà u awditjar korporattivi. Sar progress limitat fil-qasam tal-*liġi tal-proprjetà intellettuali*, fejn l-preparazzjonijiet mhumiex avanzati ħafna. Għad baqa' nuqqasijiet sostanzjali rigward l-infurzar effettiv tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u industrijali li jimpinġu fuq l-impenji tal-Albanija skont l-FSA. Jista' jiġi rappurtat xi progress fil-qasam tal-*kompetizzjoni*. L-allinjament leġislattiv mal-*acquis* dwar l-antitrust u l-kontroll tal-għaqdiet avvanz u mappa reġjonali tal-għajnuna mill-Istat ġie adottat. Il-kapaċità amministrattiva u l-indipendenza operattiva tal-għajnuna mill-Istat u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jeħtieġ li jiġiharsu b'mod adegwat. It-tnejn jidher li fil-qasam tal-kompetizzjoni jinsabu tajjeb fi triqithom.

Sar xi progress fil-qasam tas-*servizzi finanzjarji*, fejn it-tnejn huma moderatament avanzati. Il-leġislazzjoni bankarja komplet tiġi approssimata lejn l-*acquis* u s-suq tal-investimenti kompla jiġi żviluppat. Sforzi addizzjonali huma meħtieġa fl-oqsma tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol, l-infrastruttura tas-suq finanzjarju u s-suq tat-titoli u servizzi tal-investment. Il-kapaċità amministrattiva fis-settur bankarju u mhux bankarju għadha insuffiċjenti. Kien hemm ftit progress fil-qasam tas-*soċjetà tal-informazzjoni u l-midja*, fejn it-tnejn mhumiex avanzati ħafna. Filwaqt li tteħdu għadd ta' miżuri regolatorji prokompetittivi fil-komunikazzjonijiet elettroniċi, għad hemm tħassib dwar ir-riforma u l-liberalizzazzjoni ġenerali tas-settur, l-inċertezzi legali u l-kapaċità u l-indipendenza tar-regolatur tat-telekomunikazzjonijiet. L-adozzjoni tal-Liġi dwar is-Servizzi Awdjo-Viżivi tal-Midja komplet tiddewwem aktar. Minkejja li sar xi progress rigward l-indipendenza tal-midja, għad baqa' tħassib partikolarment rigward l-indipendenza tar-regolatur. L-implimentazzjoni effettiva tal-istrategġija tal-bidla għal sistema diġitali jeħtieġ li tiġi żgurata.

Il-progress kien irregolari fl-allinjament mal-*acquis* fil-qasam tal-*agrikoltura u l-iżvilupp rurali*, partikolarment biex jitwaqqfu l-istituzzjonijiet tal-iżvilupp rurali. Huma ħtieġa ta' sforzi rigward tal-bini tal-kapaċitajiet fl-iżvilupp rurali, it-twaqqif ta' katast tal-artijiet u l-iżvilupp ta' strategġiji fl-oqsma tal-agrikoltura u tal-użu tal-art. Ġeneralment, l-Albanija bdiet tindirizza l-prijoritajiet tagħha f'dan il-qasam. Sar progress f'ċerti oqsma tas-sikurezza tal-ikel, u l-politika veterinarja u fitosanitarja. Jinħtieġu sforzi biex titjeb id-definizzjoni ta' kompetenza, responsabbiltajiet u komunikazzjoni dwar l-immaniġġar tar-riskju, ir-reġistrazzjoni tal-movimenti ta' annimali, il-kontroll tal-mard tal-annimali, u t-titjib tal-istabbilimenti tal-ikel u l-ġhalf. It-tnejn f'dawn l-oqsma għadhom fi stadju bikri. Kien hemm progress limitat fil-qasam tas-*sajd*, fejn it-tnejn għadhom mhumiex avanzati ħafna. Għad hemm il-ħtieġa għal aktar riżorsi u kapaċitajiet tekniċi għall-monitoraġġ, kontroll u sorveljanza tas-servizzi kompetenti, inklużi ċ-Ċentru Operazzjonali Marittimu Interistituzzjonali. Il-qsim tal-kompiti rigward ir-rappurtar u l-komunikazzjoni fost id-direttorati tal-Ministeru tal-Ambjent, il-Foresti u l-Amministrazzjoni tal-Ilma m'humiex ċar biżżejjed.

Ftit sar progress dwar il-*politika tat-trasport*, l-aktar rigward il-kabotaġġ fis-settur marittimu. Huma meħtieġa aktar sforzi fl-allinjament mal-*acquis* u fl-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni. Il-kapaċità amministrattiva uteknika għadha dgħajfa matul il-mezzi differenti ta' trasport, b'mod partikolari fil-każ tal-avjazzjoni u s-sikurezza fit-toroq. Il-manutenzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja hija ta' tħassib u teħtieġ aktar riżorsi. Sar ftit progress fis-settur tal-*enerġija*. In-nuqqas ta' diversifikazzjoni qed ifixkel is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. Ir-riformi tas-suq tal-enerġija jeħtieġu iktar sforzi biex tiġi żgurata l-viżibbiltà tas-settur. Il-

kapaċità amministrattiva u l-indipendenza tal-Entità Regolatorja tal-Enerġija jeħtieġu tisħiħ ulterjuri. B'mod ġenerali, it-tħejjijiet fil-qasam tat-trasport u fil-qasam tal-enerġija mhumie x avvanzati ħafna.

Kien hemm xi progress fl-allinjament tal-leġiżlazzjoni mal-*acquis* rigward it-*tassazzjoni* indiretta kif ukoll fit-tisħiħ tal-kapaċità tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa għall-investigazzjoni u l-awditjar intern. Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fl-oqsma tat-tassazzjoni diretta, il-ġbir tat-taxxa, ir-rimbors tal-VAT u l-IT. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat. L-Albanija ma għamlet l-ebda progress fl-allinjament leġiżlattiv mal-*acquis* fil-qasam tal-*politika ekonomika u monetarja*; it-tħejjijiet f'dan il-qasam għadhom mhumie x biżżejjed. Ftit sar progress fil-preparazzjoni tad-dokument dwar il-politika ekonomika. Ma hemmx biżżejjed kapaċitajiet għall-*tfassil* tal-politiki. Fil-qasam tal-*istatistika* sar f'it progress. F'Ottubru 2011 INSTAT mexxa ċensiment tal-popolazzjoni u d-djar. L-istatistiċi settorjali jeħtieġu titjib sostanzjali u jeħtieġ li jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti għaċ-ċensiment agrikolu li jmiss. L-indipendenza u l-kapaċità amministrattiva tal-INTSAT għandha tiġi żgurata. Ġeneralment, it-tħejjijiet fil-qasam tal-istatistika huma moderatament avvanzati.

Ftit sar progress fil-qasam tal-*politika soċjali u l-impjiegi* fejn il-preparazzjonijiet mhumie x avvanzati ħafna. Is-suq tax-xogħol qed ikompli jiġi ffurmat minn informalità qawwiya, parteċipazzjoni baxxa tan-nisa, u qgħad relattivament għoli fost iż-żgħażaġh. L-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabilitajiet u tal-minoranza Rom għadha insuffiċjenti. Is-sostenibbiltà tal-finanzjament jeħtieġ li tiġi indirizzata biex ikun iggarant suċċess fl-implimentazzjoni tal-assistenza soċjali u l-protezzjoni riformi. L-implimentazzjoni tal-politiki f'dan il-qasam għadha ta' sfida. Sar xi progress fil-qasam tal-*politika tal-impriji u l-politika industrijali*, fejn it-tħejjijiet huma moderatament avvanzati. Ittieħdu xi miżuri biex jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament u biex jittejjeb il-qafas regolatorju għall-kummerċ. L-proċeduri ta' ħruġ mis-suq għadhom kajmani.

Kien hemm xi progress fil-qasam tan-*Networks Trans-Ewropej*. It-trasport ferrovjarju għadu mhux żviluppat u hemm bżonn ta' investiment sostanzjali għall-manutenzjoni u l-aġġornament tal-infrastruttura ġenerali tat-trasport. Rigward in-networks tal-enerġija, huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex jitlestew il-linji ta' interkonnessjoni tal-elettriku ma' pajjiżi ġirien u sabiex tibda tiżviluppa strateġija għall-introduzzjoni ta' gass naturali. B'mod ġenerali, it-tħejjijiet mhumie x avvanzati ħafna. Sar xi progress fil-qasam tal-*politika reġjonali u l-kordinazzjoni tal-istrumenti strutturali*, fejn it-tħejjijiet għadhom fi stadju bikri. Huma meħtieġa sforzi konsiderevoli sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva neċessarja fil-livelli ċentrali u lokali u biex tiġi żviluppata sensiela ta' proġetti matur u ta' kwalità.

Sar xi progress fl-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali, l-aktar permezz ta' sforzi biex jindirizzaw il-prijoritajiet ewlenin rilevanti stabbiliti fl-Opinjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, għad baqa' lakuni sinifikanti fil-qafas leġiżlattiv, b'mod partikulari rigward ir-riforma ġudizzjarja. L-implimentazzjoni konsistenti ta' għodod leġiżlattivi u ta' politika għadha ta' sfida fl-oqsma kollha taħt dan il-kapitolu. L-allinjament tal-Albanija mal-istandards Ewropej u mal-*acquis* fil-qasam tal-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali mhux avvanzat ħafna.

Kien hemm xi progress fil-qasam tal-*ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà*, partikolarment fil-ġestjoni tal-fruntieri, il-koperazzjoni internazzjonali u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Jeħtieġ li jiġu intensifikati l-isforzi tal-kordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-

infurzar tal-liġi biex jinbena rekord solidu fl-investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam qed javvanzaw.

Ftit sar progress fil-qasam *tax-xjenza u r-riċerka*, fejn il-preparazzjonijiet mhumiex avvanzati ħafna. Huma meħtieġa sforzi ulterjuri fuq livell nazzjonali biex tissaħħa il-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni u tiżdied il-kompetittività tal-pajjiż. Il-livell ta' investiment fir-riċerka għadu baxx ħafna u l-bini tal-kapital uman jeħtieġ jissaħħa.

Jista' jiġi rrapportat progress tajjeb fl-oqsma tal-*edukazzjoni u tal-kultura* fl-allinjament mal-istandards Ewropej, b'mod partikulari fil-qasam tal-*edukazzjoni* ogħla u fl-iżvilupp tat-taħriġ vokazzjonali u edukattiv (VET). Huma meħtieġa sforzi ulterjuri sabiex tittejjeb it-trasparenza fl-istituzzjonijiet privati tal-*edukazzjoni* ogħla. Fl-2012, l-Albanija bdiet tipparteċipa fil-programm tal-Kultura. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Filwaqt li sar xi progress fl-allinjament mal-*acquis* fil-qasam tal-*ambjent*, ftit kien hemm progress fil-qasam tat-*tibdil fil-klima*. Aktar sforzi huma meħtieġa b'mod urġenti biex tiġi allinjata, implimentata u infurzata l-leġislazzjoni. Is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-konsultazzjoni pubblika dwar inizzjattivi leġislattivi jew l-investimenti pubbliċi għadhom dgħajfin. Hemm bżonn ta' iktar impenn politiku u azzjoni kordinata f'dawn is-setturi. Hemm bżonn investiment sostanzjali filwaqt li r-riżorsi attwalment allokatu għadhom limitati. Il-qasam tal-ambjent jeħtieġ li jiġi integrat aħjar f'oqsma oħra ta' politika, bħalma huma t-trasport u l-enerġija. Dwar it-tibdil fil-klima, jinħtieġu sforzi sostanzjali biex titqajjem kuxjenza, jiġi stabbilit approċċ aktar strateġiku għall-pajjiż, isir allinjament mal-*acquis* li mbagħad jiġi implimentat, kif ukoll jissaħħa l-kapaċitajiet amministrattivi u ta' koperazzjoni interistituzzjonali. It-tħejjijiet fil-qasam tal-ambjent għadhom fi stadju bikri, filwaqt li t-tħejjijiet fil-qasam tat-tibdil fil-klima għadhom fi stadju bikri ħafna.

Sar xi progress fil-qasam tal-*ħarsien tal-konsumatur u l-protezzjoni tas-saħħa*. L-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni għadha dgħajfa ħafna. Is-sistema ta' sorveljanza tas-suq għadha mhix fis-seħħ. Livell baxx ta' għarfien dwar is-sistema ta' protezzjoni tas-saħħa, kemm fost il-professjonisti kif ukoll fost il-pubbliku, qed ixkekkel t-trasparenza u l-infurzar. Is-settur tas-saħħa għadu mhux iffinanzjat biżżejjed. It-tħejjijiet f'dawn l-oqsma m'humiex avvanzati ħafna. Kien hemm progress fl-approssimazzjoni leġislattiva fil-qasam tal-*unjoni doganali*, fejn it-tħejjijiet huma moderatament avvanzati. Għad baqa' xi nuqqasijiet ġenerali fil-kapaċità amministrattiva u operattiva, inkluża l-kompatibbiltà tas-sistemi tal-IT mar-rekwiżiti tal-UE. Huma meħtieġa aktar sforzi rigward il-valutazzjoni doganali u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ.

Il-progress fil-qasam tar-*relazzjonijiet esterni* kien moderat. L-Albanija kompliet bil-koperazzjoni tajba tagħha fid-WTO u s-CEFTA. Il-kapaċitajiet amministrattivi tal-istituzzjonijiet involuti fil-politika kummerċjali għad iridu jitjiebu. Fil-qasam tal-*politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża* l-pajjiż kompli jallinja mal-pożizzjonijiet ta' politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE u wera impenn politiku kostanti fir-rigward tal-parteċipazzjoni tiegħu f'operazzjonijiet ċivili u militari u ta' ġestjoni ta' kriżijiet. Ir-reġistru onlajn ta' armi u munizzjon taħt il-ġestjoni tal-Pulizija tal-Istat, għad irid jiġi ffinalizzat. Kollox ma' kollox, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu tajjeb fi triqithom.

Kien hemm ftit progress fil-qasam tal-*kontroll finanzjarju* fejn it-tħejjijiet għadhom mhux fi stadju avvanzat ħafna. Għad hemm nuqqasijiet rigward l-implimentazzjoni tal-qafas legali tal-

PIFC u tal-prinċipju tar-responsabilità maniġerjali. L-awditjar estern jeħtieġ jitlejeb f'konformità mal-istandards tal-INTOSAI.

Fil-qasam tad-*dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji* ma sar l-ebda progress partikolari. Strutturi ta' kordinazzjoni u regoli ta' implimentazzjoni tajba se jkollhom jiġu stabbiliti maż-żmien għall-amministrazzjoni tas-sistema tar-riżorsi proprji. B'mod ġenerali, it-tnejniet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju bikri.

Il-Bosnja-Herzegovina

It-twaqqif tal-awtoritajiet eżekuttivi u leġislattivi tlesta bil-ftehim dwar Gvern fil-livell ta' Stat wara sittax-il xahar ta' staġnar politiku kien hemm wara l-elezzjonijiet ġenerali ta' Ottubru 2010. It-tiswir tal-Kunsill tal-Ministri l-ġdid u l-adozzjoni ta' żewġ liġijiet relatati mal-UE għall-ewwel dawwru l-attenzjoni lejn l-integrazzjoni mal-UE. Madankollu, dan il-*momentum* ma nżammx. Il-kunsens politiku li kien nibet intilef u l-progress fl-aġenda tal-UE waqaf. Ingħata bidu għal bdil ta' karigi fl-awtoritajiet tal-Istat, tal-Federazzjoni u tal-Cantons iżda baqa' mblukkat mit-tilwimiet politiċi u l-kontestazzjonijiet legali. Għad ma hemmx viżjoni komuni bejn ir-rappreżentanti politiċi dwar id-direzzjoni ġenerali u futura tal-pajjiż u l-istruttura istituzzjonali għal pass kwalitattiv 'il quddiem fit-triq tal-pajjiż lejn l-UE.

Wara d-diżassoċjazzjoni tal-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli, il-preżenza msaħħa tal-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE/RSUE fil-Bosnja-Herzegovina ħa t-tmexxija f'għadd ta' oqsma biex jassisti lill-awtoritajiet biex jimplimentaw l-għanijiet tal-aġenda tal-UE f'oqsma importanti.

Ġeneralment il-Bosnja-Herzegovina għamlet progress limitat lejn it-tweġġiq tal-**kriterji politiċi**. Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Proċess ta' Adeżjoni (HLDAP) tnieda fi Brussell f'Ġunju b'rappreżentanti tal-awtoritajiet u tal-partiti politiċi tal-Bosnja-Herzegovina biex jiġu spjegati r-rekwiżiti ta' adeżjoni tal-UE. Il-parteċipanti qablu dwar pjan direzzjonali intern għall-integrazzjoni fl-UE sabiex ikun jista' jidħol fis-seħħ l-FSA u biex tkun tista' tiġi ppreżentata applikazzjoni għas-sħubija kredibbli, kif definit mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill relatati. L-ewwel skeda ta' żmien fil-Pjan Direzzjonali ta' Ġunju għall-preżentazzjoni ta' proposta bi qbil biex tikkonforma mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża Sejdic-Finci, ma twettqitx. Il-ħtieġa ta' mekkaniżmu ta' kordinazzjoni effettiv bejn il-livelli differenti tal-gvern għat-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet tal-UE għad trid tiġi indirizzata bħala materja ta' prijetà sabiex il-pajjiż ikun jista' jtkellem b'vuċi waħda fuq kwistjonijiet tal-UE u jagħmel użu effettiv mill-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-UE.

Fl-oqsma tad-**demokrazija u l-istat tad-dritt**, wara l-elezzjonijiet ġenerali ta' Ottubru 2010, ġie stabbilit gvern fuq il-livell Statali fi Frar. F'Ġunju ngħata bidu għal bdil ta' karigi fl-awtoritajiet tal-Istat u tal-Federazzjoni, iżda r-riżultat ta'dan il-proċess għadu inċert minħabba t-tilwim politiku u sfidi legali kontinwi. It-tisħiħ tal-funzjonalità u tal-mekkaniżmi ta' kordinazzjoni tal-istituzzjonijiet għadu kwistjoni li għandha tiġi indirizzata bħala kwistjoni ta' prijetà. L-armonizzazzjoni tal-*Kostituzzjoni* mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) għadha pendenti. Proposta, ibbażata fuq kunsens politiku, li jemenda l-Kostituzzjoni sabiex jiżgura konformità mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (il-kawża Sejdic-Finci) għad trid titressaq quddiem l-Assemblea Parlamentari.

L-*Assemblea Parlamentari* għamlet xi progress fl-adozzjoni ta' leġislazzjoni relatata mal-UE, b'mod partikolari billi adottat Liġi dwar l-Għajnuna mill-Istat u l-Liġi dwar iċ-Ċensiment tal-

Unitajiet Domestiċi u l-Popolazzjoni. It-twaqqif tal-Kunsill għall-Għajnuna mill-Istat, il-konformità ma' prinċipji tal-UE dwar l-impriżi pubbliċi u inventarju komprensiv ta' għajnuna mill-Istat għad iridu jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' prijarità biex jiġu osservati l-obbligi mal-FI/FSA. Dewmien fit-twaqqif ta' Gvern fuq livell Statali u l-bdil ta' karigi fil-gvern fil-livelli kollha li jinsab għaddej qed ixekkel l-effettività tal-attivitajiet leġislattivi. Il-koperazzjoni bejn il-Parlamenti tal-Entitajiet, l-Assemblea Parlamentari fuq livell Statali u l-Kunsill tal-Ministri fuq livell Statali dwar kwistjonijiet marbutin mal-UE, jeħtieġ li jitjiebu.

Ftit sar progress fit-titjib il-funzjonalità u l-effiċjenza f'kull livell tal-gvern, li kompli jiġi affettwat minn ifformular ta' politika frammentat u mhux kordinat. Il-baġit fil-livell tal-Istat għall-2012 ġie adottat f'Mejju u wara dan sfaxxat il-koalizzjoni fil-gvern. Formulazzjoni tal-politika barranija baqgħet suġġetta għal pożizzjonijiet differenti fil-presidenza tal-Bosnja-Herzegovina rigward xi kwistjonijiet.

Sar ftit progress fil-qasam tar-*riforma tal-amministrazzjoni pubblika*. Il-pjan ta' azzjoni taħt l-istrateġija tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika ġie rivedut, biex jipprovdi qafas għal riforma matul il-ħames snin li ġejjin. Il-kordinazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet varji fil-livelli kollha għadha dgħajfa u l-proċess ta' riforma tal-amministrazzjoni pubblika jonqsu l-appoġġ politiku neċessarju. Il-kwistjoni tas-sostenibbiltà finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha jeħtieġ li tiġi indirizzata. Ombudsman fuq il-livell Statali jinsab fil-kariga iżda t-tnaqqis ta' finanzjament għall-attivitajiet tiegħu kellhom impatt negattiv fuq l-effikaċja tiegħu. Il-frammentazzjoni u l-politiċizzazzjoni komplew ifixklu t-twaqqif ta' servizz ċivili professjonali, responsabbli, trasparenti u effiċjenti bbażat fuq il-mertu u l-kompetenza.

Inkiseb progress limitat fil-qasam tar-riforma tas-*sistema ġudizzjarja*. Attitudni kostruttiva lejn il-ħtieġa għal riforma komprensiva rriżultat fil-qafas tad-Djalogu Strutturat dwar il-Ġustizzja, ibbażat fuq is-sjeda domestiku, inkluż fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Riforma fis-Settur tal-Ġustizzja u ta' Strateġija Nazzjonali dwar id-Delitti tal-Gwerra. Miżuri ulterjuri ġew introdotti biex jitnaqqas il-volum pendenti tal-kawżi, partikolarment ta' kawżi dwar il-kontinwazzjoni għas-servizzi pubbliċi, iżda globalment l-ammont ta' kawżi pendenti, inklużi dawk rigward id-delitti tal-gwerra, għadu għoli ħafna. L-applikazzjoni armonizzata tal-liġijiet kriminali madwar il-pajjiż kif ukoll l-organizzazzjoni frammentata u l-baġits tal-ġudikatura għadhom kwistjonijiet li jrfu jiġu indirizzati.

Il-Bosnja-Herzegovina għamlet progress limitat ħafna fl-indirizzar tal-*korruzzjoni*, li għadha problema serja u hija prevalenti f'ħafna oqsma matul is-settur pubbliku u privat. Qafas legali jinsab fis-seħħ iżda r-rieda politika biex tiġi ttrattata l-kwistjoni u biex titjeb il-kapaċità istituzzjonali għadha dgħajfa. L-implimentazzjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni jeħtieġ li tiġi intensifikata. L-manwal tar-regoli għal l-Aġenzija kontra l-Korruzzjoni ġie adottat iżda għadu mhux kompletament operattiv. Is-segwitu ġudizzjarju ta' kawżi ta' korruzzjoni għadu jimxi bil-mod u biss numru limitat ta' kawżi ta' livell għoli wasslu għall-prosekuzzjoni. L-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-leġislazzjoni u problemi ta' kordinazzjoni bejn l-Entitajiet għadhom kwistjonijiet ta' tħassib. Il-Bosnja-Herzegovina teħtieġ impenn politiku aktar b'saħħtu u azzjoni aktar determinata kontra l-korruzzjoni. Kien hemm ftit progress fil-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata*. Il-Bosnja-Herzegovina għadha pajjiż ta' orġini għall-armi u l-munizzjon għal gruppi kriminali fl-UE. Attivitajiet tal-kriminalità organizzata li huma marbuta wkoll mat-transitu tad-drogi fuq ir-rotot tat-traffikar internazzjonali.

Ir-rispett għad-*drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi* huwa ġeneralment żgurat. Il-Bosnja-Herzegovina rratifikat il-konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem iżda l-implimentazzjoni għadha irregolari.

Id-drittijiet ċivili u politiċi huma ġeneralment rispettati. Sar xi progress fit-titjib tal-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet. Il-faċilità psikjatrika ġdida f'Sokolac għadha mhix operazzjonali. Riforma komprensiva tas-sistema tal-ħabs għadha pendent. L-adozzjoni tal-liġi Qafas dwar l-għajnuna legali b'xejn għadha pendent. Sar xi progress fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja iżda l-qafas legali u istituzzjonali fil-pajjiż għadha frammentata. Il-Kostituzzjonijiet tal-Istat u tal-Entità jipprevedu l-libertà tal-espressjoni, il-libertà ta' għaqda u l-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza u r-reliġjon. Il-Kunsill tal-Ġurnalisti kompli jaħdem mill-qrib ma' istituzzjonijiet ġudizzjarji u assoċjazzjonijiet tal-ġurnalisti biex titjeb il-kwalità tar-rappurtar u titqajjem il-kuxjenza fost iċ-ċittadini tad-drittijiet legali tagħhom. Komplex il-każijiet ta' intimidazzjoni u theddid kontra l-ġurnalisti u l-edituri. Il-pressjoni politika fuq il-midja u l-polarizzazzjoni tal-midja fuq linji politiċi u etniċi għadhom ta' tħassib. Attentati biex jimminaw l-indipendenza tal-Aġenzija Regolatorja tal-Komunikazzjoni (ARK) u tax-xandara tas-servizz pubbliku żdiedu. Il-ħatriet tad-Direttur Ġenerali u tal-Membri tal-Bord tal-ARK għadhom pendent. Fir-rigward tas-soċjetà ċivili, il-mekkaniżmi għall-koperazzjoni fil-livelli kollha u t-trasparenza fl-allokkazzjonijiet tal-finanzjament għad iridu jitjiebu. F'Settembru f'Sarajevo saret laqgħa internazzjonali għall-Paċi li kienet tinvolvi lill-mexxejja inter-reliġjużi ewlenin.

Id-drittijiet ekonomiċi u soċjali huma ġeneralment rispettati. Sar xi progress fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u fil-qasam tal-iżvilupp fit-tfulija bikrija. L-implimentazzjoni tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal għadha irregolari. Ftit sar progress biex l-iskejjel ikunu aktar inklużivi. Is-separazzjoni u d-diskriminazzjoni da facto bbażati fuq l-etniċità f'ċerti skejjel pubbliċi għadhom kawża ta' tħassib. Sistemi ta' edukazzjoni bbażati u diviżi skont l-etniċità għadhom ostaklu biex ikun hemm riżultati sostenibbli. Liġi kontra d-diskriminazzjoni fuq il-livell Statali tinsab fis-seħħ iżda ftit sar biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħha. Id-diskriminazzjoni kontra persuni lesbjani, gay, bisesswali u transgender għadha mifruxa. Is-sistema tal-benefiċċji soċjali għadha bbażata fuq l-istatus minflok il-ħtiġijiet, u għandha impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-gruppi vulnerabbli, inklużi dawk b'diżabbiltajiet. Id-djalogu soċjali u t-tħaddim tad-drittijiet tax-xogħol komplew ikunu mxejnkla min-nuqqas ta' rikonossiment tal-imsieħba soċjali u minn qafas leġislativ frammentat.

Ir-rispett u l-protezzjoni tal-minoranzi⁶ u tad-drittijiet kulturali huwa ġeneralment żgurat. L-influwenza tal-Kunsilli tal-Minoranzi Nazzjonali fuq it-tfassil tal-politika baqgħet limitata, parzjalment minħabba nuqqas ta' appoġġ politiku u finanzjarju. Sar xi progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tar-Rom dwar id-djar. Jeħtieġ li jiġu intensifikati l-isforzi biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-pjani ta' azzjoni rigward is-saħħa, l-impjiegi u l-edukazzjoni u jitjiebu r-riżorsi u s-sostenibbiltà fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-erba' pjani ta' azzjoni. Għadd ta' tfal Rom mhumieħ rreġistrati mat-twelid u għalhekk ma jistgħux jirreġistraw fl-iskejjel u ma għandhom l-ebda assigurazzjoni tas-saħħa. Il-minoranza Rom għadha tiffaċċja kundizzjonijiet ta' għajxien diffiċli ħafna u diskriminazzjoni. Fir-rigward tar-refuġjati u persuni spostati internament, sar xi progress fil-qasam tad-djar għall-implimentazzjoni tal-istrateġija riveduta dwar l-Anness 7 għall-Ftehim ta' Paċi Dayton/Paris (DPA). Diskriminazzjoni fir-rigward tal-aċċess għax-xogħol, is-servizzi tas-saħħa u d-drittijiet tal-pensjoni qed tkompli tfixxkel s-sostenibbiltà tar-ritorn u tal-integrazzjoni lokali. Proċeduri trasparenti biex jiġu allokat i fondi ta' appoġġ għal ritorn ibbażati fuq il-ħtieġa għadhom mhumieħ kompletament fis-seħħ.

⁶ Skont il-Liġi dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali, hemm 17-il minoranza nazzjonali fil-Bosnja-Herzegovina. It-tliet popli kostitwenti – il-Bosnjaċi, il-Kroati u s-Serbi – ma jikkostitwixxux minoranzi nazzjonali.

Fir-rigward ta' **kwistjonijiet reġjonali u obbligi internazzjonali**, issuktat l-implimentazzjoni tad-DPA. Il-koperazzjoni mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja hija ġeneralment sodisfaċenti f'bosta oqsma.

Koperazzjoni bejn il-qorti u l-prosekuturi mill-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja u s-Serbja kompliet. L-implimentazzjoni ta' ftehimiet bilaterali dwar ir-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar tas-sentenzi tal-qorti fi kwistjonijiet kriminali tinsab għaddejja. Il-prosekuzzjoni tal-każi tal-kriminalità tal-gwerra baqgħet imfikkla minn ostakli legali għall-estradizzjoni fil-Kodiċi Proċedurali Kriminali. Il-finalizzazzjoni tal-Protokoll dwar il-qsim ta' informazzjoni u evidenza f'kawżi ta' delitti tal-gwerra bejn l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Bosnja-Herzegovina u l-Uffiċċju tal-Prosekutur tad-Delitti tal-Gwerra tas-Serbja għadha pendenti.

Rigward il-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-ftehim dwar l-immunità bilaterali mal-Istati Uniti ma jaqbilx mal-pożizzjonijiet komuni u mal-prinċipji gwida tal-UE. Il-pajjiż jeħtieġ jallinja ruħu mal-pożizzjoni tal-UE.

Sar progress sinifikanti rigward il-Proċess tad-Dikjarazzjoni ta' Sarajevo. Il-Bosnja-Herzegovina, il-Kroazja, il-Montenegro u s-Serbja komplew jikkoperaw u jsibu soluzzjonijiet sostenibbli għar-rifuġjati li kienu spustati b'riżultat tal-kunflitti armati tas-snin 90. L-erba' pajjiżi ffirmaw dikjarazzjoni ministerjali u qablu dwar Programm Reġjonali tad-Djar li għal assistenza lil madwar 27 000 unità domestika u 74 000 individwu. F'konferenza internazzjonali għad-donaturi li saret f'Sarajevo f'April madwar EUR 265 miljun ġew imwegħda b'appoġġ għall-programm. Hemm bżonn li tkompli koperazzjoni tajba fuq il-kwistjonijiet pendenti kollha fil-proċess.

Il-Bosnja-Herzegovina kompliet tiegħu sehem attiv finizjattivi reġjonali ta' koperazzjoni, inkluż fil-Proċess ta' Koperazzjoni tax-Xlokk tal-Ewropa (SEECp), il-Kunsill tal-Koperazzjoni Reġjonali (RCC), u l-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA). Ir-relazzjonijiet tal-Bosnja-Herzegovina mal-ġirien tagħha komplew jiżviluppaw iżda kwistjonijiet dwar il-fruntieri u l-proprjetà għad iridu jiġu kompletament riżolti. Saru għadd ta' laqgħat biex jindirizzaw l-implikazzjonijiet għar-relazzjonijiet bilaterali tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE f'Lulju 2013. F'dan il-kuntest, komplew id-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet pendenti rigward il-ġestjoni tal-fruntieri, iżda bi ftit progress. Il-ftehim dwar transitu ħieles permezz tal-port ta' Ploče, fil-Kroazja, u l-kuritur Neum, fil-Bosnja-Herzegovina, kif ukoll il-ftehim dwar it-traffiku lokali tal-fruntiera għandhom jiġu allinjati mal-*acquis* tal-UE. Fid-dawl tal-adeżjoni tal-Kroazja, kwistjonijiet relatati mal-fruntiera, il-kummerċ u t-transitu għad iridu jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' urġenza.

L-**ekonomija** tal-Bosnja-Herzegovina kibret b'1,3 % fl-2011, sostnuta minn ħaġġa ġdida fid-domanda domestika u – sa ċertu punt – domanda esterna li għadha tikber. Il-proċess ta' rkupru nqaleb fil-bidu tal-2012 bħala konsegwenza tal-ambjent ekonomiku li mar għall-agħar. Il-qgħad baqa' f'livelli għoljin ħafna. Twettqet xi konsolidazzjoni fiskali bħala riżultat ta' żieda fid-dħul u xi tnaqqis fl-infiq. Madankollu, il-kwalità tal-finanzi pubbliċi baqgħet baxxa u s-sostenibbiltà fiskali kellha xkiel serju b'dewmien fl-adozzjoni tal-baġit Statali u ta' strateġija fiskali għal terminu medju. Il-kunsens imdgħajef dwar l-essenzjali tal-politika ekonomika u fiskali kellu impatt negattiv fuq ir-riformi fil-livell tal-pajjiż. Sar qbil dwar Arranġament ta' Riżerva ġdid mal-FMI fuq sentejn li jappoġġa l-isforzi tal-pajjiż sabiex jikkumbatti l-effetti tal-ambjent estern li qed tiddeterjorja u biex jindirizza l-vulnerabbiltajiet esterni u domestiċi.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, il-Bosnja-Herzegovina għamlet ftit iktar progress lejn ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Jeħtieġ li sforzi konsiderevoli ta' riforma ulterjuri jiġu

segwiti b'determinazzjoni sabiex il-pajjiż ikun jista' jkampa fit-tul mal-pressjoni kompetittiva u mal-forzi tas-suq fl-Unjoni.

Inżammet l-istabbiltà finanzjarja u monetarja, filwaqt li l-inflazzjoni mmoderat ruħha. L-arranġament tal-bord tal-valuta kompli jgawdi grad għoli ta' kredibbiltà. It-tkabbir tal-kreditu kompli – għalkemm qed jonqos marġinalment – biex b'hekk ippermetta l-irkupru tad-domanda domestika. Żiedu aktar l-attivitajiet kummerċjali u l-livell tal-integrazzjoni tal-kummerċ mal-UE u mal-pajjiżi fir-reġjun baqa' għoli. Jista' jiġi rappurtat titjib limitat fl-ambjent tan-negozju, l-aktar rigward ir-reġistrazzjoni mħaffa tal-impriżi.

Madankollu, id-dewmien fl-adozzjoni ta' baġits fil-livell Statali fl-2011 u l-2012 u Oqfsa Globali għall-Politiki Fiskali 2012-2014 u 2013-2015 xekkel serjament is-sostenibbiltà u l-kredibbiltà tal-politika fiskali fil-Bosnja-Herzegovina. Il-kwalità tal-finanzi pubbliċi baqgħet baxxa bi proporzjon għoli ta' infiq kurrenti kontra l-PGD. Mill-2012 ir-riperkussjonijiet tad-deterjorament tal-ambjent estern qegħdin dejjem aktar ikollhom impatt negattiv fuq il-finanzi pubbliċi, bis-self u d-dejn tal-gvern jiżdied b'mod rapidu. Dan is-self qiegħed sa ċertu punt jimbotta'l barra lill-investituri privati. L-iżbilanċi esterni, b'mod partikolari d-distakk fil-kummerċ barrani u d-defiċit tal-kont kurrenti, qed jikbru. Il-privatizzazzjoni, ir-ristrutturazzjoni tal-impriżi pubbliċi u l-liberalizzazzjoni tal-industriji li jużaw netwerk ma għamlitx avvanz. Il-kapaċità produttiva u l-kompetittività tal-ekonomija baqgħu dgħajfa minħabba li sorsi domestiċi tat-tkabbir ma ġewx sfruttati biżżejjed. Il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol baqgħu f'qar u r-riġiditajiet strutturali bħal rati għolja ta' kontribuzzjonijiet soċjali u trasferimenti soċjali mmirati ħażin komplew ixekklu l-ħolqien tal-impjiegi. Il-qgħad baqa' għoli ħafna u r-rata tal-parteeċipazzjoni hija baxxa ħafna. L-ambjent tan-negozju qed ikun affettwat minn ineffiċjenzi amministrattivi u stat tad-dritt dgħajfef. Is-settur informali għadu sfida importanti.

Il-Bosnja-Herzegovina għamlet progress limitat fl-allinjament tal-leġislazzjoni u l-politiki tagħha ma' **standards Ewropej**. Għe nnutat xi progress fl-oqsma tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-kompetizzjoni, il-proprietà intellettuali, ir-riċerka u għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. Għadhom meħtieġa sforzi partikolari fir-rigward tal-moviment liberu tal-persuni u servizzi, tal-kapital, id-dwana u t-tassazzjoni, l-akkwist pubbliku, l-impjiegi u l-politiki soċjali, l-edukazzjoni, il-kultura, l-industrija u l-SMEs, l-agrikoltura u s-sajd, is-sikurezza tal-ikel, is-settur veterinarju u dak fitosanitarju, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, it-trasport, l-enerġija, is-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja, il-kontroll finanzjarju u l-istatistika. Kollox ma' kollox, l-implimentazzjoni tal-Ftehim *Interim* (FI) baqgħet irregolari. Il-pajjiż għadu fi stat ta' ksur tal-FI minħabba n-nuqqas ta' konformità mal-QEDB u l-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-obbligi dwar l-ġhajjnuna mill-Istat. Il-Liġi dwar l-Ġhajjnuna mill-Istat ġiet adottata iżda t-twaqqif tal-Kunsill tal-Ġhajjnuna mill-Istat, il-konformità ma' prinċipji tal-UE dwar l-impriżi pubbliċi u l-inventarju ta' skemi ta' ġhajjnuna għadhom pendenti. L-implimentazzjoni tal-Liġi dwar iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni teħtieġ tiġi intensifikata.

Il-Bosnja-Herzegovina għamlet xi progress fl-oqsma tas-**suq intern**. Rigward il-moviment liberu tal-merkanzija, sar xi progress fl-istandardizzazzjoni, l-akkreditazzjoni, is-sorveljanza tas-suq u l-protezzjoni tal-konsumatur. Għadhom meħtieġa sforzi sostanzjali biex il-qafas legali jiġi allinjat mal-leġislazzjoni tal-UE, titjeb il-kapaċità amministrattiva u jinkiseb l-ispazju ekonomiku uniku. Djalogu pubbliku-privat dwar tas-suq industrijali għad irid jiġi stabbilit.

Fil-qasam tal-*moviment tal-persuni, servizzi u d-dritt ta' stabbiliment* f'it sar progress. Iż-żewġ Entitajiet qed jimplimentaw karti tal-kontijiet għodda għall-istituzzjonijiet finanzjarji li huma armonizzati bejniethom u s-superviżjoni bankarja bejn l-entitajiet baqgħet sodisfaċenti. Aktar simplifikazzjoni fir-reġistrazzjoni tal-kumpaniji u l-allinjament tal-qafas leġislativ għas-servizzi postali se jkunu essenzjali.

Ma kien hemm l-ebda progress fil-qasam tal-*moviment liberu tal-kapital*. Huma meħtieġa aktar allinjament mal-*acquis* kif ukoll l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni mal-pajjiż kollu. F'it progress jista' jiġi rrapportat rigward id-*dwana* u *t-tassazzjoni*. Għad hemm nuqqasijiet rigward l-allinjament tal-leġislazzjoni u kumplessivament tal-kapaċità amministrattiva u operattiva. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jipprovdur servizzi aħjar għall-kontribwenti fiskali, biex tiġi żgurata l-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-implimentazzjoni effettiva u l-infurzar tal-leġislazzjoni, inkluż fuq il-proprjetà intellettuali.

Il-Bosnja-Herzegovina għamlet xi progress bl-adozzjoni tal-Liġi dwar Għajnuna mill-Istat fil-livell Statali u bl-infurzar tar-regoli tal-*kompetizzjoni*. Ma kien hemm l-ebda progress fil-qasam tal-*akkwist pubbliku*, partikolarment rigward l-allinjament sħiħ tal-Liġi dwar l-Akkwist Pubbliku. Issokta l-progress fil-qasam tad-*drittijiet tal-proprjetà intellettuali*.

Kien hemm f'it progress fil-*politiki dwar l-impjigi u dawk soċjali*. It-tqarrib leġislativ għad irid jiġi intensifikat u d-dokumenti strateġiċi għad iridu jiġu adottati u implimentati. L-Istrateġija tal-Inklużjoni Soċjali fil-livell Statali għad trid tiġi adottata. Liġijiet qafas u strateġiji jinsabu fis-seħħ fil-qasam tal-*edukazzjoni* iżda l-implimentazzjoni għadha pendenti. Sar xi progress fil-*kultura*. Issokta l-progress fil-qasam tar-*riċerka* u bdew it-tħejjijiet għal Unjoni tal-Innovazzjoni. In-negozjati biex il-pajjiż jissieħeb fl-*Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ* komplew javvanzaw.

Il-Bosnja-Herzegovina għamlet f'it progress biex tilħaq l-istandards Ewropej f'għadd ta' *politiki settorjali*. Rigward l-*industrija u l-imprezi żgħir u ta' daqs medju* (SMEs), għad trid tiġi adottata strateġija ta' żvilupp għall-pajjiż inklużi elementi tal-politika industrijali u għad trid tiġi implimentata l-istrateġija tal-SMEs. F'it sar progress fil-qasam tal-*agrikoltura* u l-iżvilupp rurali, is-sikurezza tal-ikel, u l-politika veterinarja u fitosanitarja u s-*sajd*. Diviżjoni ċara tal-kompetenzi, u kordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istat u l-Entitajiet fl-allinjament mal-*acquis* f'dawn l-oqsma u għat-tiġdid tal-istabbilimenti għadhom essenzjali. In-nuqqas ta' progress għandu impatt negattiv fuq il-kummerċ fi prodotti agrikoli, b'mod partikolari mal-UE.

It-tħejjijiet tal-Bosnja-Herzegovina fil-qasam tal-*ambjent* għadhom fi stadju bikri. Qafas legali armonizzat għall-protezzjoni tal-ambjent u l-kapaċitajiet istituzzjonali adegwati għad iridu jiġu stabbiliti. Il-kapaċità amministrattiva hija dgħajfa u l-komunikazzjoni orizzontali u vertikali bejn l-awtoritajiet differenti teħtieġ tisaħħaħ. Rigward it-*tibdil fil-klima*, l-adozzjoni ta' strateġija nazzjonali tal-klima, l-allinjament mal-*acquis* u sensibilizzazzjoni jibqgħu kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati.

Il-Bosnja-Herzegovina għamlet f'it progress fis-settur tat-*trasport*, iżda kien hemm xi żviluppi pożittivi rigward in-netwerks ta' trasport trans-Ewropej u t-trasport bl-ajru. Il-Liġi dwar it-Trasport ta' Merkanzija Perikoluża għad trid tiġi kompletament allinjata mal-*acquis* tal-UE. It-tiġib fl-infrastruttura tat-trasport għadu kwistjoni li trid tiġi indirizzata. Il-preparattivi fil-qasam tal-*enerġija* għadhom fi stadju bikri. Bħala firmatarju tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija, il-Bosnja-Herzegovina teħtieġ timplimenta l-leġislazzjoni rilevanti tal-UE dwar l-enerġija. Biex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, hemm bżonn li titwaqqaf

kumpanija nazzjonali ta' trażmissjoni li tiffunzjona mal-pajjiż kollu u tiġi adottata strateġija komprensiva dwar l-enerġija.

Sar f'tit progress rigward is-*soċjetà tal-informazzjoni u l-midja*. L-armonizzazzjoni tal-qafas legali għax-xandir pubbliku għadha ma tlestietx. L-isfidi kontinwi għall-indipendenza tal-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet u tax-xandara tas-servizz pubbliku, il-persjoni politika fuq il-midja u l-pass bil-mod tal-implimentazzjoni tar-riforma tax-xandir pubbliku għadhom sors ta' tħassib serju.

Xi progress jista' jiġi rrapportat fil-qasam tal-*kontroll finanzjarju*. Il-leġislazzjoni għad trid tiġi adottata u implimentata u l-bord ta' kordinazzjoni tal-unitajiet ta' armonizzazzjoni ċentrali jeħtieġ li jassumi r-rwol tiegħu mill-ġdid. Il-kapaċitajiet ta' awditjar intern kif ukoll l-indipendenza tal-istituzzjonijiet tal-awditjar estern jeħtieġ jissaħħu. Sar xi progress fil-qasam tal-*istatistika*. L-istatistika settorjali bħall-kontijiet nazzjonali, u statistika rigward in-negozju u l-agrikola jeħtieġ jiġu mtejbja. Il-koperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-istatistika tal-pajjiż fil-livell ta' Stat u ta' Entità u aġenziji rilevanti oħra fil-livell ta' Stat jeħtieġ litigi intensifikata, anki fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-Liġi dwar iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u l-Unitajiet Domestiċi.

Inkiseb xi progress fl-oqsma differenti relatati mal-*ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà*. Fil-qasam tal-politika tal-*viżi*, il-prijoritajiet komplew jiġu indirizzati. Il-ftehim dwar it-tħaffif tal-ħruġ tal-*viżi* bejn l-UE u l-Bosnja-Herzegovina u l-tehim dwar ir-riammissjoni komplew jiġu implimentati bla problemi. L-ivvjaġġar mingħajr viża lejn iż-żona Schengen daħal fis-seħħ f'Diċembru 2010 għal ċittadini tal-Bosnja-Herzegovina li jkollhom passaporti bijometriċi. Fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ ta' Wara l-Liberalizzazzjoni tal-*Viżi*, il-Bosnja-Herzegovina adottat miżuri mmirati biex tittejjeb il-ġestjoni tal-flussi ta' ħruġ migratorji. L-implimentazzjoni ta' xi riformi adottati bħala parti mill-pjan direzzjonali għall-liberalizzazzjoni tal-*viżi* għadha pendent. B'mod partikolari, it-twaqqif ta' sistema li tiffunzjona għall-iskambju elettroniku tad-dejta bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-uffiċċji tal-prosekutur madwar il-Bosnja-Herzegovina u t-twaqqif ta' aġenzija kontra l-korruzzjoni għal kollox funzjonali, b'persunal u riżorsi finanzjarji adegwati, iridu jiġu indirizzati urġentement.

Il-preparazzjonijiet tal-pajjiż fl-oqsma tal-*ġestjoni tal-fruntieri, l-asil u l-migrazzjoni* avvanzaw. Is-sistema tal-asil u l-protezzjoni internazzjonali, il-monitoraġġ tal-flussi migratorji u l-koperazzjoni bejn l-aġenziji komplew jittejjebu. L-infrastruttura f'ċerti punti tal-qsim fil-fruntiera teħtieġ aktar aġġornamenti. Il-kwistjoni dwar il-Punti ta' Qsim tal-Fruntiera kemm mal-Montenegro kif ukoll mas-Serbja għad trid tiġi indirizzata. Sar xi progress fil-ġlieda kontra l-*ħasil tal-flus*. L-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus għadha limitata. Sar f'tit progress fil-ġlieda kontra d-*drogi*. In-nuqqas ta' segwitu ġudizzjarju effettiv ifixkel il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, li għadha problema serja.

L-isforzi tal-Bosnja-Herzegovina li żżid il-kapaċità u l-effettività tal-*pulizija* issoktat. Il-frammentazzjoni tal-forzi tal-pulizija tal-Bosnja-Herzegovina għadha ddgħajfef l-effiċjenza, il-koperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni. Il-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata* għadha insuffiċjenti minħabba n-nuqqas ta' kordinazzjoni effettiva bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Il-kriminalità organizzata għadha tqajjem tħassib serju li jolqot l-istat tad-dritt u l-ambjent tan-negozju. L-isforzi fil-ġlieda kontra t-*traffikar tal-bnedmin* iridu jiġu intensifikati u l-identifikazzjoni tal-vittmi trid tittejjeb. Il-Bosnja-Herzegovina għamlet xi progress fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. It-Task Force Konġunta biex tiġġieled it-terroriżmu ġiet stabbilita mill-

għdid iżda l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-prevenzjoni u l-għlieda kontra t-terroriżmu għadha dgħajfa.

It-tnejn għall-*protezzjoni tad-dejta personali* issoktaw, iżda l-infurzar tal-liġi u l-indipendenza tal-aġenzija ta' supervizzjoni jeħtieġ li jissaħħu. Protezzjoni tad-dejta personali li tiffunzjona tajjeb hija kruċjali sabiex il-Bosnja-Ħerzegovina tikkonkludi ftehimiet mal-Europol u l-Eurojust.

It-Turkija

F'Mejju tnediet aġenda pożittiva biex tappoġġa u tikkomplementa n-negozjati tal-adeżjoni, permezz ta' koperazzjoni msaħħa f'għadd ta' oqsma ta' interess konġunt: Ir-riformi politiċi, il-konverġenza mal-*acquis*, id-djalogu fuq il-politika barranija, il-viżi, il-mobblità u l-migrazzjoni, il-kummerċ, l-enerġija, il-kontroterroriżmu u l-parteċipazzjoni fi programmi Komunitarji. Sitta minn tmien gruppi ta' ħidma, li ġew stabbiliti biex iħeġġu l-allinjament mal-*acquis*, kellhom l-ewwel laqgħa tagħhom.

Bdiet ħidma fuq kostituzzjoni għdida permezz ta' proċess relattivament demokratiku u parteċipatorju. Madankollu, qed jiżdied it-tħassib rigward in-nuqqas tat-Turkija li tagħmel progress sostanzjali biex tissodisfa għal kollox il-kriterji politiċi. Is-sitwazzjoni rigward ir-rispett għad-drittijiet fundamentali qed ikompli jkun għajn ta' tħassib serju. Dan joriġina, b'mod partikolari, mill-applikazzjoni wiesgħa tal-qafas legali dwar it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, li twassal għal ksur ripetut tad-dritt għal-libertà u s-sigurtà, tad-dritt għal proċess ġust u l-libertà tal-espressjoni, għaqda u assoċjazzjoni. Filwaqt li d-dibattiti dwar suġġetti meqjusa bħala sensitivi jissoktaw, bħall-kwistjoni Armena jew ir-rwol tal-militar, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-midja fil-prattika u għadd kbir kawżi fil-qrati kontra kittieba u u ġurnalisti għadhom kwistjonijiet serji. B'riżultat ta' dan, l-awtoċensura hija mifruxa.

Rigward id-*demokrazija u l-istat tad-dritt*, ittieħdu passi pożittivi f'termini ta' ħidma parteċipattiva dwar kostituzzjoni għdida, iżda b'mod ġenerali kien hemm nuqqas rikorrenti ta' konsultazzjoni fil-proċess leġislativ. Minkejja li kienu joffru opportunità biex tissaħħaħ il-fiduċja fl-iffunzjonar xieraq tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt fit-Turkija, investigazzjonijiet f'allegazzjonijiet ta' pjani dwar kolp ta' stat tilfu l-potenzjal ta' impatt tagħhom minħabba tħassib reali dwar l-implikazzjoni wiesgħa tagħhom u n-nuqqasijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji. Il-kwistjoni tal-Kurdi għadha sfida ewlenija għad-demokrazija tat-Turkija; il-ftuħ demokratiku tal-2009, immirat biex jindirizza l-kwistjoni tal-Kurdi, fost oħrajn ma kienx segwit sal-aħħar. Il-gvern lokali fix-Xlokk sofra kolp minħabba d-detenzjoni ta' bosta politiċi lokali. Kien hemm żieda sinifikanti f'attakki terroristiċi mill-PKK.

Rigward ir-riforma fl-*amministrazzjoni pubblika*, sar progress fir-riforma leġislattiva. It-twaqqif ta' istituzzjoni tal-Ombudsman huwa pass importanti biex jissalvagwardja d-drittijiet taċ-ċittadini u jiżgura r-responsabilità tal-amministrazzjoni pubblika. Żieda fl-appoġġ politiku hija meħtieġa għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u ma sar l-ebda progress fid-deċentralizzazzjoni amministrattiva.

Is-*sorveljanza ċivili tal-forzi tas-sigurtà* ġiet ikkonsolidata iktar. L-introduzzjoni ta' sorveljanza parlamentari tal-baġit tad-difiża kienet żvilupp pożittiv, iżda baqgħet limitata fl-ambitu. L-Istat Maġġur ġeneralment żamm lura milli jagħmel pressjoni diretta jew indiretta fuq kwistjonijiet politiċi. Ittieħdu diversi passi simboliċi lejn aktar demokratizzazzjoni fir-relazzjonijiet ċivili u militari. Riformi ulterjuri, partikolarment fis-sistema ġudizzjarja tal-militar u s-supervizzjoni ċivili tal-ġendarmerija huma meħtieġa.

Sar xi progress fil-qasam tal-*ġudikatura* wara l-adozzjoni tat-tielet pakkett ta' riforma ġudizzjarja, li jintroduċi għadd ta' miljoramenti fis-sistema tal-ġustizzja kriminali Torka, inkluż li ttaffew ir-restrizzjonijiet fuq lill-midja biex jirrapportaw dwar investigazzjonijiet kriminali u tħassret id-dispożizzjoni li tippermetti lill-prosekutur biex jipprojbixxi pubblikazzjonijiet. Għadd ta' detenuti nħelsu mill-arrest preventiv wara d-dħul fis-seħħ tal-bidliet legali. Madankollu, r-riformi legali naqsu milli jindirizzaw in-nuqqasijiet essenzjali li huma r-raġunijiet ewlenin għaliex il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tkompli tikkundanna lit-Turkija. L-inċidenza u t-tul tad-detenzjoni qabel il-proċess għadhom joffru tħassib serju. Huma meħtieġa aktar passi dwar l-indipendenza, l-imparzjalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura, inkluż fis-sistema tal-ġustizzja kriminali u l-ħafna kawżi kriminali serji pendenti. Hemm ħeġġa wkoll ta' passi ulterjuri biex tiżdied ir-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa fil-ġudikatura. L-istrateġija tar-riforma ġudizzjarja jeħtieġ li tiġi riveduta bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha, inkluża l-komunità legali Torka u s-soċjetà ċivili.

Sar progress limitat rigward il-*ġlieda kontra l-korruzzjoni*, b'xi żviluppi fl-inkriminazzjoni u t-trasparenza fil-finanzjament tal-partiti politiċi. It-trasparenza tal-finanzjament politiku jeħtieġ li tiżdied. L-ambitu wiesa' tal-immunitajiet f'dan il-qasam għadu nuqqas. Għad irid jiġi stabbilit rekord tajjeb fl-investigazzjonijiet, l-atti ta' akkuża jew kundanni f'każijiet ta' korruzzjoni. Hemm tħassib dwar l-imparzjalità fl-ipproċessar ta' każijiet kontra l-korruzzjoni. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni teħtieġ iktar impenn politiku.

Inkiseb progress irregolari fil-*ġlieda kontra l-kriminalità organizzata*. Filwaqt li t-Turkija hija firmatarja tal-konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin, in-nuqqas ta' liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta għadha qed tillimita l-koperazzjoni tal-pulizija fuq livell internazzjonali u tfixkel milli jiġi konkluż ftehim ta' koperazzjoni mal-Europol. Il-fatt li ġie assenjat uffiċjal tal-pulizija għall-kuntatt mal-Europol għandu jikkontribwixxi biex titjieb il-koperazzjoni bilaterali. Ebda progress sinifikanti ma ġie nnutat biex jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin.

Rigward id-*drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-minoranzi*, jeħtieġ isiru sforzi sinifikanti fil-maġġoranza tal-oqsma, partikolarment il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda u l-libertà tar-reliġjon.

Għalkemm kien irreġistrat xi progress rigward l-*osservanza tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem*, għadhom pendenti riformi importanti biex isaħħu l-istrutturi tad-drittijiet tal-bniedem u l-għadd ta' proċedimenti kriminali mibdija kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem hija kwistjoni ta' tħassib.

Ix-xejra 'l isfel fit-*tortura u trattament ħażin* f'postijiet ta' detenzjoni issoktat. Madankollu, l-użu eċċessiv ta' forza qed ikompli jkun kwistjoni ta' tħassib, u f'tit li xejn sar progress fil-*ġlieda kontra l-impunità*. Hemm ammont sinifikanti ta' proċedimenti ġudizzjarji pendenti, bi prijetà mogħtija lill-kontrolli tal-legalizzazzjonijiet ippreżentati mill-forzi tas-sigurtà.

Rigward il-ħabsijiet, iż-żieda kontinwa fil-popolazzjoni tal-ħabs qed twassal għal iffullar serju, b'impatt sinifikanti fuq is-sanià u kundizzjonijiet fiżiċi oħra. Il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, għadhom problema serja. Ir-reviżjoni tas-sistema tal-ilmenti fil-ħabsijiet qiegħda tard. Is-servizzi mediċi għall-priġunieri, kif ukoll il-kundizzjonijiet għad-detenzjoni tal-minorenni, huma kwistjonijiet li jeħtieġu sforzi speċjali.

Sar *progress limitat fl-aċċess għall-ġustizzja*. L-ambitu u l-kwalità tal-għajnuna legali mhumix adegwati. Ma hemm l-ebda mekkaniżmu ta' monitoraġġ effettiv li jkun jista' jirrimedja problemi li ilhom hemm fit-tul.

Rigward il-*libertà tal-espressjoni*, wara l-adozzjoni tat-tielet pakkett ta' riforma ġudizzjarja għadd ta' ġurnalisti nħelsu fi stennija għas-smiġħ tal-kawża, ittaffew ir-restrizzjonijiet fuq il-midja biex jirrapportaw dwar investigazzjonijiet kriminali u s-sekwestru ta' kitba qabel il-pubblikazzjoni ġie pprojbit. Madankollu, iż-żieda fil-ksur tal-libertà tal-espressjoni tqajjem tħassib serju, u l-libertà tal-midja kompliet tkun aktar ristretta fil-prattika. Il-qafas legali, speċjalment fir-rigward tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u l-interpretazzjoni tagħha mill-qrati, qed iwassal għal abbużi. Flimkien ma' konċentrazzjoni għolja tal-midja f'konglomerati industrijali b'interessi li jmorru lil hinn sew ċirkolazzjoni ħielsa ta' informazzjoni u ideat, dan wassal għal awtoċensura mifruxa. Projbizzjonijiet frekwenti ta' siti elettroniċi huma kawża ta' tħassib serju u hemm il-ħtieġa li ssir reviżjoni tal-liġi fuq l-internet.

Rigward il-*libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni*, filwaqt li d-dimostrazzjonijiet u l-attivitajiet tal-1 ta' Mejju bħall-*"Jum ta' Kommemorazzjoni tal-Ġenoċidju Armen"* saru f'atmosfera paċifika, seħħew każijiet ta' vjolenza u l-użu sproporzjonat tal-forza mill-forzi tas-sigurtà matul dimostrazzjonijiet li ma kienux irċewew awtorizzazzjoni minn qabel. Dan kien jikkonċerna speċjalment, imma mhux biss, dimostrazzjonijiet li kienu jikkonċernaw il-kwistjoni tal-Kurdi. Id-dritt kostituzzjonali għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni huwa kultant interpretat f'manjiera restrittiva żżejjed. Il-liġi dwar id-dimostrazzjonijiet u l-meetings jeħtieġ li tiġi riveduta, allegazzjonijiet rigward l-użu eċċessiv tal-forza mill-forzi tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu investigati u fejn xieraq issir akkużati. Ir-regoli dwar il-ġbir ta' fondi għadha restrittiva u diskrezzjonali. Ma kien hemm l-ebda żvilupp rigward il-leġislazzjoni fuq il-partiti politiċi.

Kien hemm progress limitat fuq il-*libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon*. Ġie rreġistrat progress dwar l-oġġezzjoni tal-kuxjenza f'termini tal-applikazzjoni tal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi li mhumix Musulmani issokta. Madankollu, persuni li jipprofessaw twemmin f'reliġjonijiet minoritarji jew tabilħaqq ebda fidi kienu suġġetti għal theddid minn estremisti. Għad irid jiġi stabbilit qafas legali konformi mal-QEDB, sabiex il-komunitajiet kollha li mhumix Musulmani u l-komunità Alevi jkun jistgħu jiffunzjonaw mingħajr limitazzjonijiet bla bżonn.

F'termini legali, kien hemm progress fir-rigward tar-rispett għad-*drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi*. Il-Gvern stabbilixxa pjan ta' azzjoni biex jindirizza l-kwistjonijiet li tqajmu fir-rapport tal-Parlament Ewropew "Perspettiva 2020 għal nisa fit-Turkija". Il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Familja u l-Prevenzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa għandha l-għan li tipproteġi mill-vjolenza lill-membri tal-familja u lil daww f'relazzjonijiet barra ż-żwieġ. Il-proċeduri previsti f'każijiet ta' urġenza huma ġeneralment pożittivi, kif kien l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni inklużiv li sar mill-awtoritajiet mas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, jinħtieġu sforzi sostanzjali biex din il-liġi ġdida, flimkien mal-leġiżlazzjoni li teżisti diġà, tinbidel f'realtà politika, soċjali u ekonomika. Il-leġiżlazzjoni trid tiġi implimentata b'mod konsistenti madwar il-pajjiż kollu. Hemm ħtieġa għal aktar involviment u parteċipazzjoni tan-nisa fl-impjiegi, fit-tfassil tal-politiki u fil-politika. Liġi dwar l-operazzjonijiet ċesarji ġiet adottata mingħajr preparazzjoni u l-konsultazzjoni suffiċjenti mas-soċjetà ċivili. Id-dibattitu li ppreċeda din il-liġi u dibattitu simili dwar l-abort kienu karatterizzati minn pożizzjonijiet polarizzati. Il-kwistjoni dwar iż-żwieġijiet prekoċi u sfurzati għadha ta' tħassib serju.

Rigward id-*drittijiet tat-tfal*, hemm bżonn ta' sforzi fl-oqsma kollha, inklużi l-edukazzjoni, il-ġlieda kontra t-tħaddim tat-tfal, is-saħħa, il-kapaċità amministrattiva u l-kordinazzjoni. B'mod ġenerali, jeħtieġ li jittieħdu miżuri aktar preventivi u rjabilitattivi għall-minorenni. Id-detenzjoni tat-tfal ma sseħħx f'kundizzjonijiet xierqa u jeħtieġ jitwaqqfu aktar qrati tal-minorenni f'konformità mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

Rigward il-*persuni soċjalment vulnerabbli u/jew persuni b'diżabilità* għadhom meħtieġa aktar miżuri sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' dawk il-persuni fil-ħajja soċjali u ekonomika.

Huma meħtieġa aktar sforzi fil-ġlieda kontra d-*diskriminazzjoni*. Leġiżlazzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni hija nieqsa u għadhom meħtieġa sforzi sostanzjali mill-Gvern biex tiġi protetta b'mod effettiv il-popolazzjoni vulnerabbli, inklużi n-nisa, it-tfal, individwi lesbjani, gay, bisesswali u transġeneri minn abbuż tas-soċjetà, diskriminazzjoni u vjolenza.

Sar progress limitat fl-oqsma tad-*drittijiet tax-xogħol u tat-trejdjunjins*. Il-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet trejdjunjonistiċi tal-impjegati taċ-ċivil ġiet emendata iżda għadha mhix konformi mal-istandards tal-UE u tal-ILO. L-azzjonijiet kollettivi minn trejdjunjins ibatu minn ħafna restrizzjonijiet.

Rigward *drittijiet ta' proprjetà*, kien hemm progress bl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni li temenda l-Liġi tal-2008 dwar il-fondazzjonijiet. L-implimentazzjoni tissokta. Madankollu, il-leġiżlazzjoni attwali għadha ma tkoprix il-fused foundations, jiġifieri fondazzjonijiet li t-tmexxija tagħhom ittieħdet mid-Direttorat Ġenerali għall-Fondazzjonijiet, jew proprjetajiet ikkonfiskati minn fondazzjonijiet Alevi. Il-kawżi li jinsabu għaddejjin, li wħud minnhom bdihom il-Gvern, kontra tal-monasteru Sirjak Ortodoss Mor Gabriel iqajjmu tħassib. It-Turkija teħtieġ li tiżgura r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-proprjetà tal-komunitajiet reliġjużi kollha li mhumieħ Musulmani u oħrajn.

L-approċċ tat-Turkija rigward il-*minoranzi* għadha restrittiva, għalkemm għall-ewwel darba rappreżentanti ta' gruppi ta' minoranza, mhux limitati għal dawk il-minoranzi rikonoxxuti uffiċjalment mit-Turkija, ġew mistiedna l-parlament biex jesprimu l-opinjoni tagħhom fuq Kostituzzjoni ġdida. Ir-rispett u l-ħarsien sħiħ tal-lingwa, il-kultura u d-drittijiet fundamentali, skont standards Ewropej, għad irid jitwettagħ. Jeħtieġ li t-Turkija tieħu approċċ komprensiv u tagħmel aktar sforzi biex issaħħaħ it-tolleranza, sigurtà u tippromwovi l-inklussività fil-konfront tal-minoranzi. Jeħtieġ li l-leġiżlazzjoni attwali tiġi riveduta, tiġi introdotta leġiżlazzjoni komprensiva kontra d-diskriminazzjoni u jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' protezzjoni jew entitajiet speċifiċi biex jikkumbattu r-razziżmu, il-ksenofobija, l-anti-Semitiżmu u l-intolleranza. Patti u Konvenzjonijiet rilevanti għandhom jiġu applikati.

It-Turkija għamlet progress fir-rigward tad-*drittijiet kulturali*, u kienu rrappurtati inqas restrizzjonijiet dwar l-użu tal-lingwa Kurda fil-ħabsijiet matul iż-żjarat u fl-iskambji ta' ittri. Madankollu, il-leġiżlazzjoni għadha tillimita l-użu ta' lingwi oħrajn barra t-Tork, inkluża l-Kostituzzjoni u l-Liġi tal-Partiti Poliċi. Barra minn hekk, il-ġudikatura ħadet għadd ta' deċiżjonijiet restrittivi dwar l-użu ta' lingwi oħrajn barra t-Tork, inkluż l-użu tal-lingwa Kurda f'kawżi tal-qorti li jirrigwardaw poliċi u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Kurdi.

Kien hemm xi progress, iżda approċċ sistematiku huwa meħtieġ biex jiġu ttrattati l-problemi tar-Rom. Jeħtieġ tiġi stabbilita strateġija komprensiva u l-kwistjoni teħtieġ li tiġi riflessa u integrata f'dokumenti ta' politika ewlenin. Hemm nuqqas ta' dejta kwantitattiva dwar is-sitwazzjoni tar-Rom, li ma jippermettix it-tfassil infurmat tal-politika.

Fir-rigward tal-*Lvant u x-Xlokk*, kien hemm dibattitu konsiderevoli dwar il-kwistjoni Kurda iżda ebda progress lejn soluzzjoni. L-attakki terroristiċi intensifikaw l-istess kif għamlu l-operazzjonijiet militari. L-attakki terroristiċi kollha kienu kkundannati mill-UE. Id-detenzjoni ta' politiċi eletti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tqajjem tħassib. F'inċidenti bħall-qtil f'Uludere ta' nies pajżana, sejħiet lill-awtoritajiet għal investigazzjoni effettiva u rapida u għal inkjesta pubblika trasparenti għadhom ma ġewx issodisfati. Il-verità dwar qtil u tortura ekstraġudizzjarji fix-xlokk fis-snin 80 u 90 għat trid tiġi stabbiltà. L-iskadenza tal-istatut tal-limitazzjonijiet dalwaqt iġġib fi tmiemhom mingħajr riżultat l-investigazzjonijiet ġudizzjarji dwar delitti li seħħu fil-passat. Il-mini tal-art u sistema tal-gwardja fl-irħula għadhom kawża ta' tħassib.

Il-proċess ta' kumpens lil *persuni spostati internament (IDP)* tkompla iżda l-effikaċja tas-sistema għad trid tiġi evalwata. Fir-rigward tar-*refuġjati u dawk li jfittxu l-asil*, jista' jiġi rrappurtat xi titjib fil-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fiċ-ċentri ta' espulsjoni. Madankollu, għad ma hemmx strateġija nazzjonali biex tindirizza aħjar il-ħtiġijiet tal-IDPs jew qafas legali komprensiv għar-refuġjati u dawk li jfittxu l-asil. Hemm bżonn titjib ulterjuri fil-prattiki ta' detenzjoni u d-deportazzjoni.

Fir-rigward tal-*kwistjonijiet reġjonali u l-obbligi internazzjonali*, it-Turkija tenniet l-appoġġ tagħha għan-negozjati bejn il-mexxejja taż-żewġ komunitajiet taħt il-bon offiċji tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex tinstab soluzzjoni komprensiva għall-*problema ta' Ċipru*. Minkejja appelli ripetuti mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, it-Turkija għadha ma kkonformatx mal-obbligu tagħha ta' implimentazzjoni sħiħa mingħajr diskriminazzjoni tal-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u ma neħħietx l-ostakoli kollha għall-moviment liberu tal-merkanzija, kif spjegat fid-dikjarazzjoni tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-21 ta' Settembru 2005 u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, inklużi dawk ta' Diċembru 2006 u Diċembru 2010. Ma hemm l-ebda progress lejn in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bilaterali mar-Repubblika ta' Ċipru. Barra minn hekk, it-Turkija ddeċidiet li tiffriża r-relazzjonijiet tagħha mal-Presidenza Ċiprijotta tal-UE matul it-tieni nofs tal-2012, inkluż li astjeniet minn laqgħat preseduti mill-Presidenza Ċiprijotta tal-UE. Il-Kunsill Ewropew tenna t-tħassib serju tiegħu rigward id-dikjarazzjonijiet u t-theddid tat-Turkija u sejjaħ għal rispett sħiħ għar-rwol tal-Presidenza tal-Kunsill, li hija karatteristika istituzzjonali fundamentali tal-UE prevista fit-Trattat. It-Turkija kompliet tohorog dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għal operazzjonijiet ta' tħaffir imwettqa mir-Repubblika ta' Ċipru u esprimiet theddid ta' ritaljazzjoni kontra l-kumpaniji taż-żejt li jipparteċipaw f'esplorazzjonijiet Ċiprijotti. L-UE għamlet enfasi wkoll fuq id-drittijiet kollha ta' sovranià tal-Istati Membri tal-UE, li jinkludu fost l-oħrajn id-dritt li jidħlu fi ftehimiet bilaterali, u jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali tagħhom, f'osservanza tal-*acquis* tal-UE u tal-liġi internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni tal-UN dwar il-Liġi tal-Baħar.

Wara l-aħħar sessjoni ta' taħdidiet esploratorji f'Lulju 2011, id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin bejn il-Greċja u t-Turkija biex jistabbilixxu data għar-rawnd li jmiss. Il-Greċja u Ċipru għamlu għadd sostanzjali ta' lmenti formali rigward vjolazzjonijiet kontinwanti tal-ibħra territorjali u l-ispazju tal-ajru tagħhom mit-Turkija, inkluż rigward titjiriet fuq il-gżejjer Griegi.

Rigward il-*koperazzjoni reġjonali*, t-Turkija għadha involuta finizjattivi reġjonali, inkluż fil-proċess ta' Koperazzjoni tax-Xlokk tal-Ewropa (SEECp), u l-Kunsill tal-Koperazzjoni Reġjonali (RCC). It-Turkija tappoġġa l-integrazzjoni Ewropea tal-pajjiżi kollha fir-reġjun u intensifikat il-kuntatti mal-Balkani tal-Punent, filwaqt li esprimiet impenn sod għall-

promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà. Ir-relazzjonijiet mal-Bulgarija, Stat Membru tal-UE ġar, baqgħu pożittivi.

L-**ekonomija** tat-Turkija kompliet tikber b'mod qawwi, għalhekk qed taħsad il-frott ta' stabbiltà u ta' politiki orjentati lejn it-tkabbir implimentati matul il-parti l-kbira tad-deċennju preċedenti. Ir-ritmu tat-tkabbir ilu jonqos gradwalment sa min-nofs l-2011 b'mod parallel mat-tnaqqis fid-domanda domestika, akkumpanjat minn titjib fil-kummerċ u fil-bilanċi tal-kontijiet kurrenti. Madankollu, l-iżbilanċi esterni li għadhom imdaqqsa u pressjonijiet inflazzjonarji sinifikanti għadhom qed jippreżentaw theddida għall-istabbiltà makroekonomika.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, it-Turkija hija ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Għandha tkun kapaċi tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni fil-perjodu medju, diment li żżid il-pass tal-implimentazzjoni tal-programm ta' riforma strutturali komprensiv tagħha.

Fl-2011, l-ekonomija Torka kibret bi 8,5 %, biss ftit inqas minn 9,2 % fl-2010. It-tkabbir kien misjuq ġeneralment mid-domanda domestika, b'mod partikolari mis-settur privat. Deċellerazzjoni importanti fit-tkabbir ġiet osservata fl-ewwel nofs tal-2012, għal 3,1 % sena wara sena. It-tnaqqis fid-domanda domestika huwa akkumpanjat minn titjib fid-defiċit tal-kummerċ u tal-kont kurrenti, għalkemm minn livelli għoljin ħafna (10 % tal-PDG fl-2011). L-espansjoni ekonomika robusta ppermettiet ukoll tkabbir qawwi fl-impjiegi u tnaqqis fil-qgħad minn madwar 11 % f'nofs 2011 għal inqas minn 9 % sena wara. Il-politika monetarja saret iktar strumentali u rnexxielha trażżan it-tkabbir tal-kreditu, u tnaqqas id-defiċit tal-kont kurrenti. Il-prestazzjoni tal-baġit kienet aħjar milli mistenni fl-2011, u d-dejn pubbliku naqas għal madwar 39 % tal-PDG sa nofs l-2012. Ir-riformi u nefqa akbar fl-edukazzjoni ġġeneraw impatt pożittiv fuq il-livell edukattiv milħuq u r-rati ta' dawk li jirċievu edukazzjoni skolastika. Il-kummerċ u l-integrazzjoni ekonomika mal-UE baqgħu għolja.

Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni bla xkiel hija kkontestata minn mument ta' inċertezza finanzjarja u s-sentiment ta' riskju globali u x'aktarx li se jkollu bżonn isir aktar biex it-taħlita tal-politiki tiġi kkordinata aħjar. Id-defiċit tal-kont kurrenti għadu mdaqqsa. L-inflazzjoni nieżla, iżda għadha għolja. Dawn l-iżbilanċi jindikaw problemi ta' kompetittività u nuqqas ta' tifdil domestiku, u jsejħu għal aktar riformi strutturali. Ma saru ebda sforzi biex tiżdied it-trasparenza fiskali u biex il-politika fiskali tiġi ankrata aħjar, ħaġa li kieku kienet tikkontribwixxi biex issaħħaħ il-kredibbiltà tat-Turkija fis-swieq. Il-ħruġ mis-suq għadu kostuż u jieħu t-tul u l-proċedimenti ta' falliment għadhom relattivament ikkumplikati. Sabiex titjeb l-kompetittività tal-intrapriżi, il-liġi dwar l-Għajnuna mill-Istat għandha tiġi implimentata bis-sħiħ. Filwaqt li sar xi titjib fil-kapital uman tal-pajjiż, it-titjib fil-kapital fiżiku kien modest.

It-Turkija kompliet ittejjeb il-**ħila tagħha li tassumi l-obbligi tas-sħubija**. Sar progress f'boqqa oqsma, b'mod partikolari rigward il-liġi tal-kumpanji, l-istatistika, ix-xjenza u r-riċerka u l-*acquis* tal-Unjoni Doganali. Jeħtieġ li jitkomplew l-isforzi lejn aktar allinjament fil-maġġoranza tal-oqsma. Il-kapaċità amministrattiva biex tkampa mal-*acquis* f'termini tal-effikaċja u tal-effiċjenza teħtieġ tissaħħaħ. Il-kapaċità tal-infurzar jeħtieġ li tissaħħaħ ukoll f'ċerti oqsma. L-isforzi rigward l-allinjament kienu mmonitorjati mill-korpi mwaqqfa taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u mill-gruppi ta' ħidma stabbiliti fil-kuntest tal-aġenda pożittiva.

Sar xi progress fil-qasam tal-*moviment ħieles tal-merkanzija*. It-Turkija introduċiet il-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku fl-ordni ġuridika tagħha għall-qasam mhux armonizzat.

It-Turkija saret membru sħiħ ta' CEN u CENELEC. Madankollu, għadhom jeżistu ostakli tekniċi għall-kummerċ u qed jipprevjenu l-moviment ħieles tal-merkanzija f' xi oqsma bi ksur tal-obbligi tat-Turkija skont l-Unjoni Doganali. L-allinjament f'dan il-qasam huwa avanzat. Ftit li xejn sar progress fil-qasam tal-*libertà tal-moviment tal-ħaddiema*. It-Turkija żiedet il-kapaċità tagħha bil-għan tal-parteċipazzjoni futura fil-EURES u fil-kordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali. It-tħejjijiet f'dan il-qasam ġew immedja. Ftit li xejn jista' jiġi rrapportat progress rigward id-*dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi* u huma meħtieġa sforzi ulterjuri f' dan il-qasam. Kollox ma' kollox, l-allinjament jinsab fi stadju bikri. Sar progress limitat rigward il-*moviment liberu tal-kapital*. Restrizzjonijiet fuq il-movimenti tal-kapital għadhom fis-seħħ f'għadd ta' setturi. Il-kapaċità tal-infurzar kontra l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu teħtieġ titjeb. Jeħtieġ isiru iżjed sforzi rigward l-allinjament mal-*acquis* u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-FATF. It-tħejjijiet f'dawn l-oqsma għadhom fi stadju bikri.

Jista' jiġi rrapportat progress limitat fil-qasam tal-*akkwist pubbliku*. L-istituzzjonijiet twaqqfu u l-kapaċità amministrattiva tjebet. L-abbozz tal-istrateġija għall-allinjament li tinkludi pjan ta' azzjoni marbut biż-żmien iżda għad irid jiġi adottat. Jeħtieġ li t-Turkija tirrevoka d-derogi li mhumex konformi mal-*acquis* u tallinja aktar il-leġiżlazzjoni tagħha, partikolarment dwar is-servizzi pubbliċi, il-konċessjonijiet u s-sħubiji pubbliċi-privati. L-organizzazzjoni tas-sistema tar-rimedji għad tid tiġi riveduta. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avanzat. Sar progress tajjeb dwar il-*liġi tal-kumpanji*. Il-qafas legali u istituzzjonali ttejjeb permezz tat-twaqqif tal-l-Awtorità Torka għall-Standards tal-Kontabbiltà u l-Awditjar. Madankollu, il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet kummerċjali, ġudizzjarji u imprenditorjali trid tissaħħaħ sabiex ikunu jistgħu jittrattaw il-Kodiċi Kummerċjali ġdid Tork. Kollox ma' kollox, it-Turkija hija avanzata f'dan il-qasam. Jista' jiġi rrapportat element ta' progress fil-qasam tad-*liġi tal-proprjetà intellettwali*. Liġijiet aġġornati skont l-*acquis* jeħtieġ li jiġu adottati. Żieda fil-kapaċità tal-ġudikatura u tal-amministrazzjoni doganali lejn infurzar tad-DPI aktar effettiv huwa kruċjali. Il-ġlieda kontra l-merkanzija ffalsifikata jeħtieġ li tittejjeb. Kordinament u koperazzjoni iktar mill-qrib fost il-partijiet interessati tal-IPR u l-korpi pubbliċi hija essenzjali, daqs kemm huma kampanji ta' sensibilizzazzjoni ġenerali dwar ir-riskji ta' ksur tad-DPI. It-Turkija indirizzat biss parzjalment il-prijoritajiet f'dan il-qasam.

Jista' jiġi rrapportat progress limitat dwar il-*politika tal-kompetizzjoni*. It-Turkija nfurzat b'mod effettiv ir-regoli tal-antitrust u tal-amalgamazzjonijiet. Madankollu, żviluppi legali reċenti qajjmu tħassib dwar il-kapaċità tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni li tissokta twettaq l-operazzjonijiet tagħha b'mod indipendenti. Ma sar l-ebda progress fil-qasam tal-ġhajjnuna mill-Istat, filwaqt li għadd ta' Prattiki eżistenti ta' ġhajjnuna mill-Istat għandhom kunflitt mar-regoli tal-Unjoni Doganali. Il-Liġi dwar l-Ġhajjnuna mill-Istatgħadha mhux effikaċi fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni. L-allinjament huwa avanzata fil-qasam tal-amalgamazzjonijiet. Fil-qasam tal-ġhajjnuna mill-Istat, il-pajjiż għadu mhux imħejji biżżejjed.

Kien hemm xi progress fil-qasam tas-*servizzi finanzjarji*. L-istandards ta' Basel II l saru obligatorji għas-settur bankarju. Huma meħtieġa aktar sforzi, partikolarment fl-oqsma tas-swieq tat-titoli u tas-servizzi ta' investiment, u fis-settur tal-assigurazzjoni. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu tajjeb fi triqithom. Kien hemm xi progress fil-qasam tas-*soċjetà tal-informazzjoni u l-midja*. Madankollu, l-allinjament mal-qafas tal-UE dwar il-komunikazzjonijiet elettroniki għadu limitat, b'mod partikolari dwar l-awtorizzazzjoni u l-aċċess għas-suq. Sforzi kontinwati huma meħtieġa għal aktar allinjament tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Id-dispożizzjonijiet tal-kontenut tal-internet li jistgħu potenzjalment jillimitaw il-libertà tal-espressjoni u interpretazzjoni wiesgħa wisq ta'

ċerti dispożizzjonijiet legali, speċjalment fir-rigward tas-sanzjonijiet kontra xandara, iqajjmu tħassib. It-tnejn jidher f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Sar progress limitat dwar allinjament fil-qasam tal-*agrikoltura u l-iżvilupp rurali*. Il-kapaċitajiet dwar l-istatistika agrikola u network ta' dejta tal-kontabbiltà tal-irziezet żdiedu. L-implimentazzjoni tal-programm ta' qabel l-adeżjoni għall-iżvilupp rurali tgiebet iżda huma meħtieġa sforzi intensivi biex ikun żgurat assorbiment adegwat tal-fondi. Il-projbizzjoni *de facto* fuq l-importazzjoni tal-frat ħaj, il-laħam taċ-ċanga u prodotti derivattivi għadha ma ġietx kompletament imneħħija u ma hemm ebda strateġija fis-seħħ għal orjentazzjoni mill-ġdid tal-appoġġ agrikolu, u lanqas għal statistiċi agrikoli. It-tnejn jidher f'dawn l-oqsma m'humix avvanzati ħafna. Sar xi progress limitat fil-qasam tas-*sikurezza tal-ikel u rigward il-politika veterinarja u fitosanitarja*. Huma meħtieġa aktar sforzi biex isir avvanz lejn l-allinjament sħiħ mal-*acquis*. Jeħtieġ isiru sforzi sinifikanti biex l-istabbilimenti agroalimentari jiġu aġġornati mal-istandards tal-UE, jiġi aġġornat l-kontroll fuq il-movimenti tal-annimali, is-saħħa tal-annimali, speċjalment il-ġlieda kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, u fuq il-prodotti sekondarji tal-annimali. It-tnejn jidher f'dan il-qasam jinsabu fi stadju bikri. Jista' jiġi rrapportat xi progress dwar is-*sajd*, b'mod partikolari l-kapaċità amministrattiva, il-ġestjoni tar-riżorsi u tal-flotta, l-ispezzjoni u l-kontroll, u l-ftehimiet internazzjonali. Madankollu, huma meħtieġa sforzi addizzjonali dwar l-allinjament leġiżlattiv, l-azzjoni strutturali, il-politika tas-suq, u l-ġajjnuna mill-Istat. L-allinjament f'dan il-qasam mhux avvanzat ħafna.

Hemm xi progress fl-allinjament tas-settur tat-*trasport*, li huea, b'mod ġenerali, moderatament avvanzat. It-Turkija trid tallinja ruħha mal-pakketti leġiżlattivi reċenti tal-UE fit-trasport marittimu u ferrovjarju. Jinħtieġu sforzi ulterjuri fl-oqsma tar-riżorsi umani u l-kapaċità teknika biex jiġi applikat l-*acquis*, speċjalment fl-oqsma ta' merkanzija perikoluża u t-tnejn jidher fir-rispons għall-emerġenza fit-trasport marittimu. In-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn iċ-ċentri ta' kontroll tat-traffiku bl-ajru fit-Turkija u r-Repubblika ta' Ċipru qegħda tikkomprometti serjament is-sikurezza fl-ajru.

Jista' jiġi rrapportat xi progress fis-settur tal-*enerġija*, speċjalment fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija. Jinħtieġu sforzi ulterjuri fl-oqsma tal-gass naturali, is-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjażzjoni, inkluża ġestjoni responsabbli tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv. Il-kompetizzjoni fis-settur tal-gass għadha limitata. Il-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' pprezzar bbażat fuq il-kosti fis-suq tal-elettriku jeħtieġ jiġi mtejjeb billi għadu jrid jiġi stabbilit fis-swieq tal-gass. L-indipendenza u l-kapaċità istituzzjonali tal-awtorità regolatorja għandhom bżonn jissaħħu. Kollox ma' kollox, it-Turkija hija fi stadju moderatament avvanzat ta' allinjament.

Dwar it-*tassazzjoni*, sar progress limitat fl-allinjament leġiżlattiv. Saru hemm passi pożittivi kemm biex jiġu eliminati l-prattiki diskriminatorji fit-tassazzjoni tat-tabakk u kif ukoll fil-koperazzjoni amministrattiva u l-kapaċità operattiva. Madankollu, diskrepanzi mal-*acquis* għadhom jeżistu. Huma meħtieġa aktar sforzi rigward id-dazji tas-sisa fuq l-ispirti biex jikkonformaw mal-Pjan ta' Azzjoni fit-tnaqqis tad-differenzjali bejn prodotti importati u domestiċi. L-eliminazzjoni gradwali ta' Prattiki diskriminatorji hija kruċjali biex isir aktar progress. Ma jista' jiġi rrapportat l-ebda progress dwar it-tassazzjoni diretta. Ġeneralment, l-allinjament f'dan il-qasam jinsab fi stadju moderatament avvanzat.

Kien hemm xi progress rigward l-*politika ekonomika u monetarja*. Il-Bank Ċentrali attivament ħaddem strumenti differenti biex tiġi żgurata stabbiltà fil-prezzijiet u finanzjarja, għalkemm b'riżultati mħallta. L-allinjament mal-*acquis* għadu mhux komplut, partikolarment rigward l-indipendenza sħiħa tal-Bank Ċentrali u l-projbizzjoni tal-aċċess privileġġat tas-

settur pubbliku għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Il-kapaċità għal formulazzjoni ta' politika u kordinazzjoni ekonomika hija adegwata. Kollox ma' kollox, il-livell ta' tħejjija tat-Turkija huwa avvanzat.

Sar progress tajjeb fil-qasam tal-*istatistika*, partikolarment il-klassifikazzjonijiet u r-reġistri, fl-istatistika tal-popolazzjoni u fi statistika settorjali oħra. Jeħtieġ isir aktar progress, partikolarment fil-kontijiet nazzjonali, l-istatistika tan-negozju u fl-statistika agrikola. Hemm livell ġeneralment tajjeb ta' allinjament mal-*acquis*.

Inkiseb xi progress, iżda rregolari, fil-qasam tal-*politika soċjali u l-impjiegi*, b'mod partikolari bit-titjib tal-kapaċità amministrattiva, l-estensjoni tal-firxa tas-sigurtà soċjali u l-adozzjoni ta' leġislazzjoni ġdida dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq post tax-xogħol, u leġislazzjoni trejtdjunjonistika għall-impjegati pubbliċi. Madankollu, id-drittijiet trejtdjunjonistiċi għall-ħaddiema u l-impjegati taċ-ċivil xorta għadhom lura biex jilħqu l-istandards tal-UE u tal-ILO. Iżjed sforzi huma meħtieġa biex jiddaħħal fis-seħħ qafas ta' politika ċar fuq it-tnaqqis tal-faqar, titnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, jiġi miġġieled ix-xogħol mhux dikjarat u jiżdiedu r-rati tal-impjieg tan-nisa u tal-persuni b'diżabbiltà. Globalment, l-allinjament legali huwa moderatament avvanzat.

It-Turkija għamlet progress fil-qasam tal-prinċipji u l-istrumenti tal-*imprezi u l-politika industrijali* u fl-adozzjoni ta' strateġiji settorjali. It-Turkija kisbet livell suffiċjenti ta' allinjament f'dan il-qasam.

It-Turkija għamlet ċertu progress fil-qasam tan-*netwerks Trans-Ewropej*, fejn l-allinjament huwa avvanzat. Jista' jiġi rrapportat xi progress rigward in-netwerks tat-trasport u tal-enerġija elettrika. Sforzi ma jaqtagħhux huma meħtieġa għal interkonnessjonijiet tal-gass u għall-implimentazzjoni ta' Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar.

Sar xi progress fil-qasam tal-*politika reġjonali u l-kordinazzjoni tal-istrumenti strutturali*. Il-qafas istituzzjonali għall-implimentazzjoni tal-komponenti tal-IPA li jirrigwardaw l-iżvilupp reġjonali u l-iżvilupp tar-riżorsi umani ġiet imsaħħa u l-Istrutturi Operattivi għall-programmi operattivi dwar il-Kompetittività Reġjonali u l-Iżvilupp tal-Ambjent u tar-Riżorsi Umani kisbu akkreditazzjoni għall-funzjonijiet rigward offerti, kkuntrattar u ġestjoni finanzjarja. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa għal tisħiħ ulterjuri tal-kapaċità amministrattiva tal-istituzzjonijiet tal-IPA. It-tħejjijiet f'dawn l-oqsma m'humiex avvanzati ħafna.

Sar xi progress fil-qasam tal-*ġudikatura* wara l-adozzjoni tat-tielet pakkett ta' riforma ġudizzjarja, li jintroduċi għadd ta' miljoramenti fis-sistema tal-ġustizzja kriminali Torka. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi rigward l-indipendenza, l-imparzjalità u l-effiċjenza tal-ġudikatura, inkluż fis-sistema tal-ġustizzja kriminali u l-ħafna kawżi kriminali serji pendent. Ir-rata ta' parteċipazzjoni tan-nisa fil-ġudikatura jeħtieġ tittejjeb. Sar progress limitat fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'xi żviluppi fl-inkriminazzjoni u t-trasparenza fil-finanzjament tal-partiti politiċi. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni teħtieġ iktar impenn politiku. Is-sitwazzjoni rigward ir-rispett għad-*drittijiet fundamentali* għadha għajn ta' tħassib serju, li l-aktar tirriżulta mill-applikazzjoni wiesgħa tal-qafas legali dwar it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, li twassal għal ksur rikorrenti tad-dritt għal-libertà u s-sigurtà, id-dritt għal proċess ġust u l-libertà tal-espressjoni, ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni.

Jista' jiġi rrapportat progress limitat fil-qasam tal-*ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà*. It-Turkija qed jirnexxielha tipprovdi għajna umanitarja lir-refuġjati Sirjani; madankollu, is-sistema

tal-asil tagħha hija 'l bogħod ħafna mill-istandards tal-UE. It-Turkija teħtieġ iżżid il-kapaċità tagħha biex twaqqaf il-migrazzjoni illegali. Wara li ġie inizjalat f'Ġunju l-konklużjoni rapida u l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tal-obbligi attwali rigward ir-riammissjoni huma ta' importanza kruċjali. L-adozzjoni tal-Liġi dwar il-Barranin u l-Protezzjoni Internazzjonali kif ukoll riformi fil-ġestjoni tal-fruntieri għadha prijorità. Jista' jiġi rrapportat progress limitat biss fl-allinjament tal-leġislazzjoni dwar il-viżi. In-nuqqas ta' leġislazzjoni adegwata dwar il-protezzjoni tad-dejta jostakola l-progress. Hemm ħeġġa ta' riformi fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. Ġeneralment l-allinjament f'dan il-qasam jinsab fi stadju bikri.

Sar progress tajjeb fil-qasam *tax-xjenza u r-riċerka*. It-Turkija ħadet passi biex tkompli ssaħħa il-kapaċità u l-integrazzjoni tagħha fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Il-parteċipazzjoni tat-Turkija u r-rata ta' suċċess tagħha fil-Programm Kwadru ta' Riċerka tal-UE (FP7) żdiedu iżda huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex tissaħħa il-kwalità tas-sottomissjonijiet u titjeb il-kwalità tar-riċerkaturi. Kollox ma' kollox, it-Turkija hija mħejjija tajjeb f'dan il-qasam.

Sar xi progress fil-qasam tal-*edukazzjoni u l-kultura*. Interess popolari fi Programmi tal-UE kompla jikber. It-Turkija estendiet il-perjodu ta' edukazzjoni obbligatorja minn tmienja sa 12-il sena. Sar ftit progress fil-qasam tal-kultura, iżda l-ebda progress fl-allinjament leġislattiv. Kollox ma' kollox, it-Turkija hija moderatament avvanzata f'dan il-qasam.

Sar progress irregolari lejn aktar allinjament fil-qasam tal-*ambjent u t-tibdil fil-klima*. It-Turkija għamlet progress tajjeb rigward l-ilma, kien hemm xi progress fil-ġestjoni tal-iskart u t-tniġġiż industrijali u progress limitat fil-kwalità tal-arja u l-protezzjoni tan-natura. Ma kien hemm kważi l-ebda progress dwar il-leġislazzjoni ambjentali orizzontali u ebda progress dwar il-ħarsien tan-natura u l-kimiċi. Trid tingħata attenzjoni speċjali għas-sostenibbiltà ta' żoni protetti eżistenti u siti potenzjali tan-Natura 2000. Rigward it-tibdil fil-klima, għad trid tiġi stabbilita u implimentata politika aktar ambizzjuża u kkordinata dwar il-klima, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment. Ma sar l-ebda progress fil-qasam tal-kapaċità amministrattiva. L-aġenda ambjentali tal-Ministeru għall-Ambjent u l-Urbanizzazzjoni trid tissaħħa, kif ukoll il-kordinazzjoni u l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti fil-livelli kollha. It-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju bikri.

Jista' jiġi rrapportat xi progress dwar il-*ħarsien tal-konsumatur u tas-saħħa*. Leġislazzjoni kruċjali relatata mal-protezzjoni tal-konsumatur għad trid tiġi adottata u l-moviment tal-konsumatur għadu dgħajef. It-Turkija stabbilixxiet strutturi amministrattivi ġodda fil-qasam tas-saħħa pubblika. Il-funzjonament tagħhom irid jiġi sorveljat mill-qrib. Kollox ma' kollox, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu tajjeb fi triqithom.

Sar progress tajjeb fil-qasam tal-*unjoni doganali*. L-Unjoni Doganali UE-Turkija ppermettiet lit-Turkija biex tilħaq livell għoli ta' allinjament mal-*acquis* f'dan il-qasam. Hemm bżonn li jsir iżjed allinjament rigward eżenzjoni mid-dazju, iż-żoni ħielsa, is-sorveljanza, il-kwoti tariffarji u d-DPI. It-tħejjijiet fil-qasam tas-sistemi tal-IT doganali hemm bżonn li jkomplu. Sforzi addizzjonali huma meħtieġa biex jitjiebu l-kontrolli bbażati fuq ir-riskju u l-proċeduri ssimplifikati biex jiffaċilitaw il-kummerċ leġittimu filwaqt li jiżgura s-sigurtà u s-sikurezza. Sar xi progress rigward ir-*relazzjonijiet esterni*. Allinjament ulterjuri huwa meħtieġ foqasma bħas-sistema ġenerali tal-preferenzi u l-kontroll ta' oġġetti b'użu doppju. Użu intensiv ta' miżuri ta' salvagwardja jikkawża tħassib. B'mod ġenerali, il-livell ta' allinjament f'dan il-qasam għadu għoli.

Id-djalogu politiku mal-UE dwar il-*politika barranija u ta' sigurtà* intensifikaw ħafna, ukoll minħabba r-rwol reġjonali influwenti tat-Turkija fl-appoġġ tas-sigurtà, tat-tranżizzjoni ekonomika u tar-riforma demokratika, inkluż rigward l-iżviluppi riċenti fl-Afrika ta' Fuq. It-Turkija bil-qawwa u ripetutament ikkundannat il-vjolenza tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili, żammet politika ta' fruntiera miftuħa mas-Sirja u qed tipprovdi għajnuna umanitarja għal kważi 100 000 Sirjan li ħarbu l-pajjiż. Matul il-perjodu ta' rappurtar, l-allinjament Tork mad-dikjarazzjonijiet tal-PESK baqa' baxx meta mqabbel mal-perjodi ta' qabel. Ma sar l-ebda progress fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Armenja. Ir-relazzjonijiet diplomatiċi mal-Iżrael baqgħu deklassifikati. Ġeneralment, it-tħejjijiet fil-qasam tal-politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża jinsabu moderatament avvanzati.

Jista' jiġi rrappurtat xi progress fil-qasam tal-*kontroll finanzjarju*, b'mod partikolari fejn jikkonċerna l-protezzjoni tal-euro. Għadhom meħtieġa sforzi addizzjonali, speċjalment fir-rigward tal-ambitu tar-reviżjoni li jmiss tad-dokument ta' politika fuq il-kontroll finanzjarju pubbliku intern, l-infurzar tal-funzjoni tal-awditjar intern fl-amministrazzjoni pubblika u r-rinfurzar tas-Servizz Tork ta' Kordinazzjoni Kontra l-Frodi. Emendi reċenti għal-Liġi dwar il-Qorti tal-Kontijiet jipperikolaw l-iżviluppi preċedenti fil-qasam tal-awditjar estern. Ġeneralment, it-tħejjijiet f'dan il-qasam jinsabu fi stadju moderatament avvanzat.

Ma sar l-ebda progress partikolari fil-qasam tad-*dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji*, fejn it-tħejjijiet għadhom fi stadju bikri. Maż-żmien se jkollhom jiġu stabbiliti strutturi tajba ta' kordinazzjoni, kapaċità amministrattiva u regoli ta' implimentazzjoni.

L-Islanda

L-Islanda qed tkompli tissodisfa l-**kriterji politiċi**. L-Islanda hija demokrazija li tiffunzjona tajjeb b'istituzzjonijiet b'saħħithom u tradizzjonijiet b'għeruq fondi ta' demokrazija rappreżentattiva. Is-sistema ġudizzjarja tal-pajjiż hija ta' standard għoli, u l-Islanda tiżgura t-tisħiħ kontinwu tal-livell diġà għoli tagħha ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

Il-proposti tal-kunsill kostituzzjonali dwar ir-riforma tal-Kostituzzjoni qegħdin bħalissa jiġu analizzati mill-Parlament. Wara l-konklużjonijiet tal-Kumitat Speċjali ta' Investigazzjoni (SIC), ittieħdu għadd ta' miżuri bil-ħsieb li tiżdied l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika. Saru l-elezzjonijiet presidenzjali f'Ġunju 2012, bil-President fil-kariga jiġi elett mill-ġdid għall-ħames mandat.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali kompla jaħdem b'mod effiċjenti fuq każijiet relatati mal-kriżi bankarja tal-2008. F'April 2012, il-Landsdómur (qorti bil-mandat li tittratta każi fejn membri tal-Kabinett ikunu suspettati b'aġir kriminali) sabet lill-Prim Ministru preċedenti fiż-żmien tal-kriżi finanzjarja ħati ta' waħda minn erba akkużi miġjuba kontrihi, jiġifieri li kien naqas milli jagħmel laqgħat apposta tal-Kabinett qabel il-kriżi. Ma ġiet mgħoddija l-ebda sentenza.

Jista' jiġi rrappurtat progress fit-tisħiħ ulterjuri tal-qafas kontra l-korruzzjoni. Rigward il-konflitti ta' interess, fir-rebbiegħa tal-2012 ġie stabbilit kodiċi ta' kondotta għall-persunal tal-gvern ċentrali. Kodiċi ta' kondotta għall-impjegati taċ-ċivil b'mod ġenerali u għall-konsulenti politiċi għad iridu jiġu stabbiliti.

L-Islanda kompliet tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet ekonomiċi u soċjali. Il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza

domestika u l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Minoranzi Nazzjonali għad iridu jiġi rratifikati.

Wara riċessjoni twil u severa, l-**ekonomija** tal-Islanda bdiet tirkupra fl-2011 u kibret bi 2,6 % fl-2011, u espandiet b'rata simili fl-ewwel nofs tal-2012. L-awtoritajiet imxew 'il quddiem bir-ristrutturar tad-dejn domestiku, l-istabbilizzazzjoni tas-settur finanzjarju u l-konsolidazzjoni fiskali. F'Mejju 2012 inħareġ it-tieni bond internazzjonali ta' wara l-kriżi għall-valur ta' USD 1 biljun li kien mibjugħ lil investituri barranin bir-rata ta' 6 %. L-Islanda reġgħet kisbet grad ta' investiment mit-tliet aġenziji ta' klassifikazzjoni ewlenin. Madankollu, karti tal-bilanċ dgħajfa fis-setturi finanzjarji u mhux finanzjarji għadhom jindikaw riskji konsiderevoli għall-istabbiltà ekonomika u finanzjarja. It-tneħħija ta' restrizzjonijiet kapitali għadha sfida politika ewlenija.

Rigward il-**kriterji ekonomiċi**, l-Islanda tista' tiġi kkunsidrata ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Madankollu, fis-settur finanzjarju dgħufijiet u restrizzjonijiet għall-moviment tal-kapital għadhom ixekklu l-allokkazzjoni effiċjenti tar-riżorsi. L-Islanda għandha tkun kapaċi tlaħħaq mal-pressjonijiet kompetittivi u mal-forzi tas-suq fi ħdan l-Unjoni fit-terminu medju, diment li tkompli tindirizza d-dgħufijiet strutturali attwali permezz ta' politiki makroekonomiċi u riformi strutturali xieraq.

It-taħlita ta' politiki b'enfasi qawwija fuq l-istabbilizzazzjoni tar-rata tal-kambju, il-konsolidazzjoni fiskali, u r-ristrutturar tad-dejn domestiku kienet ta' appoġġ biex jerġa' jiddaħħal livell ogħla ta' stabbiltà makroekonomika. Il-politika monetarja saret iktar stretta b'reazzjoni għal inflazzjoni li qed togħla u l-istabbiltà tar-rata tal-kambju kienet ġeneralment ippreservata. Issoktat il-konsolidazzjoni fiskali flimkien ma' miżuri addizzjonali rigward id-dħul u l-infiq fil-baġits tal-2011 u tal-2012. Ittieħdu miżuri biex inaqqsu r-riskji ġenerali ta' rifinanzjament tal-gvern u biex jissaħħu l-finanzi tal-gvernijiet lokali. Inżammu bilanċ pożittiv fil-kummerċ u kont kurrenti sottostanti sostanzjalment ibbilanċjat. Tnaqqis fir-rata tal-qgħad u ż-żieda riċenti fl-impjieg jissuġġerixxu li l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol pjuttost tjebru. Il-pajjiż igawdi minn infrastruttura bażika tajba, riżorsi naturali f'abbundanza, u suq tax-xogħol flessibbli b'rati għolja ta' parteċipazzjoni.

Madankollu, id-dgħufijiet makrofinanzjarji għadhom sinifikanti. L-inflazzjoni annwali baqgħet 'il fuq mill-mira u l-aspettattivi tal-inflazzjoni huma għolja. Għadu diffiċli li tinżamm l-istabbiltà tar-rata tal-kambju. Ir-riskji fiskali għadhom jipersistu. Il-livelli ta' dejn pubbliku u privat għadhom għolja anki wara r-ristrutturazzjoni tad-dejn u l-unitajiet domestiċi u n-negozji għadhom iħabbtu wiċċhom ma' problemi sinifikanti. Il-kwalità tal-assi tal-banek hija suġġetta għal inċertezzi kbar u n-nuqqasijiet għadhom mifruxin ħafna. Il-qgħad għadu madwar 7 %, li huwa qrib livelli mingħajr preċedent għal dan il-pajjiż. Dan jaffettwa partikolarment liż-żgħażaġh u jinkludi sehem għoli ta' qgħad fit-tul. L-istabbilizzazzjoni makroekonomiku jseħħ f'sitwazzjoni ta' protezzjoni temporanja permezz ta' restrizzjonijiet fil-kont kapitali, li se jkollhom jitneħħew. It-tkabbir, l-investiment u l-iżvilupp huma mxejjla minn ostakli għolja għad-dħul fis-suq f'ċerti setturi. L-istruttura industrijali għadha mhux diversifikata wisq.

Il-**kapaċità** tal-Islanda **li tassumi l-obbligi tas-sħubija** komplew jiġu evalwati b'kunsiderazzjoni wkoll tal-partiċipazzjoni tal-Islanda fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Il-livell ġenerali ta' tħejjija biex jinkisbu r-rekwiżiti tal-*acquis* għadu tajjeb, partikolarment minħabba l-partiċipazzjoni tal-Islanda fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

It-tilwima Icesave għadha ma ġietx riżolta, minkejja l-progress li sar. F'Diċembru 2011 l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (ESA) irreġistrat każ fil-Qorti tal-EFTA kontra l-Islanda, fejn qed titlob dikjarazzjoni li l-Islanda naqset milli tikkonforma mad-Direttiva dwar l-iskemi ta' garanzija fuq id-depożiti u mal-Artikolu 4 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar ebda diskriminazzjoni. L-Islanda nnegat dawn it-talbiet u sostniet li għandhom jinċaħdu. Għadd ta' Stati Membri tal-UE u tal-EFTA bagħtu kummenti bil-miktub lill-Qorti. Il-Kummissjoni Ewropea intervjeniet quddiem il-Qorti tal-EFTA f'appoġġ lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. Sadanittant, f'Diċembru 2011 u Mejju 2012 saru l-ewwel żewġ pagamenti parzjali mill-istralċ kummerċjali ta' *Landsbanki Íslands* hflil kredituri prijoritarji.

In-negozjati dwar l-adeżjoni komplew jagħmlu progress. Matul il-perjodu ta' rappurtar, infetħu 14-il kapitolu, li tmienja minnhom ingħalqu provviżorjament. Iktar minn nofs il-kapitoli ta' negozjar (jiġifieri 18) issa nfetħu li minnhom 10 ngħalqu provviżorjament.

Ġeneralment, it-tħejjijiet biex tassumi l-obbligi tas-sħubija komplew, għalkemm f'oqsma parzjalment koperti miż-ŻEE kif ukoll f'kapitoli mhux koperti miż-ŻEE. L-Islanda għadha pjuttost konformi mal-*acquis* u tapplika parti sostanzjali minnu fl-oqsma koperti miż-ŻEE, bħall-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà tal-moviment tal-ħaddiema, id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-akkwist pubbliku, il-liġi tal-kumpaniji, il-liġi tal-proprietà intellettuali, il-kompetizzjoni, u s-soċjetà tal-informatika u l-midja.

Ir-rapport ta' progress jikkonferma għadd ta' sfidi fl-oqsma li ġejjin: is-servizzi finanzjarji; l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali; l-ambjent; is-sajd; il-moviment liberu tal-kapital; is-sikurezza tal-ikel; il-politika veterinarja u fitosanitarja; it-tassazzjoni, u d-dwana.

Mill-punt di vista tal-kapaċità amministrattiva, għandha tingħata attenzjoni kontinwa biex ikun żgurat li jkunu disponibbli r-risorsi umani u finanzjarji u jibqgħu disponibbli għat-tħejjijiet meħtieġa assoċjati mal-proċess tal-adeżjoni fl-UE.

Rigward il-moviment liberu tal-merkanzija l-Islanda għad għandha livell għoli ta' allinjament mal-*acquis*. Jeħtieġ isiru sforzi ulterjuri rigward il-miżuri orizzontali u l-leġislazzjoni tal-prodotti skont "l-Approċċ il-Qadim u dak Ġdid" kif ukoll rigward il-kapaċità amministrattiva, inkluż fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq.

L-Islanda żżomm livell għoli ta' allinjament mal-*acquis* fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Jista' jiġi rrappurtat progress tajjeb dwar il-kordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali. L-Islanda se jkollha testendi r-regoli tal-kordinazzjoni tas-sigurtà soċjali anki liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti u tissokta bit-tħejjijiet għat-twaqqif ta' sistema elettronika għall-iskambju tad-dejta.

Il-leġislazzjoni dwar id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi hija allinjata ħafna mal-*acquis*. L-allinjament mat-Tielet Direttiva Postali għad irid jinkiseb u r-restrizzjonijiet eżistenti fis-settur tas-sajd jeħtieġ li jitneħħew.

L-Islanda tapplika partijiet tal-*acquis* dwar il-moviment liberu tal-kapital. Għad baqa' eċċezzjonijiet, b'mod partikolari rigward ir-restrizzjonijiet ta' investiment tal-Islanda u kontrolli estensivi tal-kapital.

Fil-qasam tal-akkwist pubbliku l-Islanda tinsab avvanzata sew. Il-livell ta' allinjament u implimentazzjoni f'dan il-qasam għadu sodisfaċenti, bl-eċċezzjoni tad-Direttivi dwar ir-Rimedju u tal-Akkwist tad-Difiża.

L-Islanda diġà laqgħet livell għoli ta' allinjament u tapplika parti sostanzjali tal-*acquis* fil-qasam tal-*liġi tal-kumpaniji*. Allinjament sħiħ mal-*acquis* dwar il-*liġi tal-kumpaniji* u mal-istandards tal-kontabbiltà u tal-awditjar għad irid jinkiseb.

L-Islanda żżomm livell għoli ta' allinjament mal-*acquis* dwar il-*liġi tal-proprjetà intellettwali* u għandha l-kapaċità amministrattiva meħtieġa biex timplimentaha. Allinjament sħiħ mad-Direttiva dwar l-Infurzar għad irid jintlaħaq.

Rigward il-*politika tal-kompetizzjoni* l-Islanda laqgħet livell għoli ta' allinjament mal-*acquis*. Il-miżuri li ħadet tal-Islanda dwar l-għajnuna mill-Istat bħala reazzjoni għall-kriżi finanzjarja huma konformi mal-*acquis* rilevanti.

L-allinjament fil-qasam tas-*servizzi finanzjarji* huwa tajjeb. Minkejja l-progress li qed isir, jeħtieġ li jkompli x-xogħol fuq l-allinjament mal-*acquis* l-ġdid kif ukoll biex jiġi żgurat infurzar effettiv u sorveljanza xierqa. Għadu ma ntlaħaqx ftehim fit-tilwima Icesave. Il-kawża tal-ESA kontra l-Islanda tinsab pendent quddiem il-Qorti tal-EFTA.

L-Islanda diġà laqgħet livell għoli ta' allinjament u tapplika parti sostanzjali tal-*acquis* fil-qasam tas-*soċjetà tal-informazzjoni u l-midja*. Diversi lakuni fit-traspożizzjoni fil-qasam tal-politika awdjoviżiva u servizzi tas-*soċjetà tal-informazzjoni* jeħtieġ li jiġu indirizzati.

Bdew it-tnejn fil-qasam tal-*agrikoltura u l-iżvilupp rurali*, fejn il-politika tal-Islanda hija ġeneralment mhux konformi mal-*acquis*. Strateġija u skeda ta' ppjanar ta' miżuri li jridu jittieħdu biex tkun żgurata konformità mar-rekwiżiti tal-UE għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali ġiet adottata. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti strutturi amministrattivi xierqa biex jimplimentaw l-aspetti kollha tal-politika agrikola komuni.

Il-qafas leġislattiv u amministrattiv tal-Islanda huwa parzjalment konformi mal-*acquis* dwar is-*sikurezza tal-ikel u l-politika veterinarja u fitosanitarja*. Sar xi progress fl-oqsma tas-sikurezza ġenerali tal-ikel, u r-regoli dwar is-sigurtà tal-ikel. Lakuni fil-leġislazzjoni fl-oqsma tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, organiżmi modifikati ġenetikament, ikel ġdid u l-prodotti li jorġinaw mill-annimali li mhumiex maħsuba għall-konsum tal-bniedem iridu jiġu indirizzati.

L-Islanda tissokta tapplika sistema ta' ġestjoni tas-*sajd* li għandha objettivi simili għal dawk segwiti fl-UE, iżda xi regoli jvarjaw b'mod sostanzjali. Ir-restrizzjonijiet eżistenti fis-settur tas-sajd fuq il-libertà ta' stabbiliment, is-servizzi u l-moviment tal-kapital mhumiex konformi mal-*acquis*.

L-Islanda diġà għandha livell tajjeb ta' allinjament fil-qasam tat-*trasport*. Jista' jiġi rrapportat progress rigward ir-regoli tas-sikurezza fit-toroq. It-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE dwar l-arja u t-transport bit-triq teħtieġ titlesta.

Il-leġislazzjoni dwar l-*enerġija* għadha parzjalment konformi. Jinħtieġu aktar sforzi fl-allinjament mal-*acquis* dwar il-ħażniet taż-żejt, l-effiċjenza tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija kif ukoll jeħtieġ li tissaħħaħ l-indipendenza u l-kapaċità amministrattiva tal-awtorità regolatorja.

Fil-qasam tat-*tassazzjoni*, l-Islanda għadha parzjalment allinjata mal-*acquis* u tissokta b'livell tajjeb ta' kapaċità amministrattiva. Huma meħtieġa aktar sforzi biex tinkiseb interkonnettività u interoperabbiltà tal-IT ma' sistemi tal-IT tal-UE għat-tassazzjoni.

Dwar il-*politika ekonomika u monetarja*, l-Islanda laħqet livell tajjed ta' allinjament mal-*acquis*. Lakuni eżistenti mal-*acquis* rigward il-*politika monetarja* għad iridu jiġu indirizzati, inkluż it-tisħiħ tal-indipendenza tal-Bank Ċentrali u l-projbizzjoni tal-finanzjament monetarju tas-settur pubbliku.

L-Islanda tapplika parzjalment l-*acquis* dwar l-*istatistika*. Twettqet il-parti kbira ta' ċensiment tal-popolazzjoni u d-djar ibbażat fuq ir-reġistri. L-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti għall-Uffiċċju tal-Istatistika teħtieġ li tiġi indirizzata iżjed.

L-Islanda qed tkompli tapplika u timplimenta parti sostanzjali tal-*acquis* dwar il-*politika soċjali u l-impjiegi*. It-tnejniet għall-parteċipazzjoni fil-Fond Soċjali Ewropew inbdew u strateġija komprensiva dwar l-impjiegi qed tiġi abbozzata. L-allinjament legali għad irid jitlesta fl-oqsma ta' kontra d-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaws.

L-istat ta' thejjiġa tal-Islanda fil-qasam tal-*politika tal-impriża u l-politika industrijali* jinsab f'livell għoli. L-aċċess għall-faċilità ta' finanzi għall-SME għadu milqut mill-kriżi finanzjarja.

L-Islanda għandha livell tajjed ta' allinjament mal-istandards tal-UE rigward in-*networks Trans-Ewropej*.

Ġie adottat pjan ta' azzjoni komprensiv u skeda relatata fuq kif jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-UE fil-qasam tal-*politika reġjonali u l-kordinazzjoni ta' strumenti strutturali*. L-Islanda jeħtieġ li tidentifika l-Awtorità ta' Ġestjoni furtura u tħejji d-dokumenti ta' strateġija u programmazzjoni meħtieġa mill-Politika ta' Koeżjoni.

L-Islanda tissokta bi standards għoljin fil-qasam tal-*ġudikatura u d-drittijiet fundamentali* u l-qafas tal-*politika tagħha* kontra l-korruzzjoni kompli jiġi rinfurzat. L-Islanda wkoll qed tkompli ssaħħaħ il-livell għoli ta' protezzjoni rigward id-drittijiet fundamentali. Il-leġislazzjoni dwar id-drittijiet ta' ċittadini u l-protezzjoni tad-dejta għadha mhix konformi mal-*acquis*.

L-Islanda qed tkompli tapplika l-Ftehim Schengen u hija avanzata sew fl-allinjament mal-*acquis* fil-qasam tal-*ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà*. Aktar sforzi għadhom meħtieġa fl-allinjament mal-*acquis* f'oqsma li jinkludu l-migrazzjoni, l-asil u l-koperazzjoni ġudizzjarja.

L-Islanda kompliet tipparteċipa attivament fil-Programm Qafas UE fil-qasam *tax-xjenza u r-riċerka*. It-tnejniet għall-adeżjoni mal-UE u għall-integrazzjoni fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka huma avvanzati sew.

L-Islanda kisbet livell għoli ta' allinjament fil-qasam tal-*edukazzjoni u l-kultura* u kompliet tipparteċipa f'diversi programmi tal-UE dwar l-*edukazzjoni u l-kultura*.

Il-qafas leġislattiv u amministrattiv dwar l-*ambjent u t-tibdil fil-klima* għadu fil-biċċa l-kbira tagħha skont l-*acquis* u ġie msaħħaħ aktar. Għadha ma ntlaħqitx konformità sħiħa mal-*acquis* rigward il-ħarsien tan-natura, il-kwalità tal-ilma u t-tibdil fil-klima. L-Islanda teħtieġ tirratifika l-Konvenzjonijiet ta' Espoo u Rotterdam.

L-Islanda diġà laħqet livell għoli ta' allinjament u tapplika parti sostanzjali tal-*acquis* rigward il-ħarsien tal-*konsumatur u tas-saħħa*. Jista' jiġi rrapportat progress ulterjuri fil-qasam tas-saħħa pubblika. Sforzi addizzjonali huma meħtieġa biex jingħalqu l-lakuni li fadal fl-allinjament mal-*acquis* rigward il-protezzjoni tal-konsumatur.

L-Islanda tapplika fil-parti l-kbira tiegħu l-*acquis* fil-qasam tal-onjoni doganali. Ingħata bidu għat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni tal-UE mal-adeżjoni. Il-lakuni dwar allinjament mal-*acquis* tal-Unjoni Doganali tal-UE għadhom iridu jingħalqu, inkluż fl-oqsma tat-tariffi doganali, ir-regoli ġenerali doganali, ir-regoli tal-orijini, il-proċeduri b'impatt ekonomiku, ir-regoli ta' sigurtà u l-abolizzjoni tat-tariffi doganali. It-tħejjijiet biex tiġi żviluppata l-interkonnnettività ma' sistemi tal-IT relatati mal-UE hemm bżonn li jkomplu.

Rigward ir-*relazzjonijiet esterni*, l-Islanda hija ferm allinjata mal-*acquis*. Jista' jiġi rrapportat progress minħabba li l-Islanda u l-UE qablu li jagħmlu konsultazzjonijiet politiċi regolari dwar il-kummerċ.

L-Islanda għandha livell għoli ta' allinjament fil-qasam tal-*politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża*. L-enfasi tal-Islanda rigward il-politika tal-Artiku jaċċenna l-impenn tagħha li jkollha rwol attiv fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-Ewropa tat-Tramuntana.

Is-sistema ta' kontroll finanzjarju tal-Islanda hija parzjalment konformi mal-istandards internazzjonali u l-aħjar prattiki tal-UE. Jeħtieġ jitkompla x-xogħol fuq it-tħejjija tad-dokument ta' politika fuq il-Kontroll Finanzjarju Intern Pubbliku, kif ukoll fuq it-twaqqif ta' awditjar intern, li *jiżgura konformità mal-istandards tal-INTOSAI fil-qasam tal-awditjar estern* u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

L-Islanda qed tissokta b'livell tajjeb ta' allinjament mal-oqsma ta' politika sottostanti relatati mad-*dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji*. It-tħejjijiet amministrattivi jeħtieġ jissaħħu biex twaqqaf is-sistema tar-riżorsi proprji. Struttura ta' kordinazzjoni għad trid tiġi formalment stabbilita.